



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla Estiża)

31 ta' Jannar 2024*

“Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Ambjent – Direttiva (UE) 2019/904 – Projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti mmanifatturati minn plastik ossodegradabbli – Ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi – Assenza ta' distinzjoni bejn il-prodotti mmanifatturati minn plastik ossodegradabbli u prodotti mmanifatturati minn plastik ossobijodegradabbli – Valutazzjoni tal-impatt – Ugwaljanza fit-trattament – Proporzjonalità”

Fil-Kawża T-745/20,

Symphony Environmental Technologies plc, stabbilita fi Borehamwood (Ir-Renju Unit),

Symphony Environmental Ltd, stabbilita fi Borehamwood,

irrapreżentati minn P. Selley, solicitor, J. Holmes, KC, u J. Williams, barrister-at-law,

rikorrenti,

vs

Il-Parlament Ewropew, irrapreżentat minn L. Visaggio, C. Ionescu Dima u W. Kuzmienko, bħala aġenti,

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrapreżentat minn A. Maceroni u M. Moore, bħala aġenti,

u

Il-Kummissjoni Ewropea, irrapreżentata minn R. Lindenthal u L. Haasbeek, bħala aġenti,

konvenuti,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla Estiża),

komposta minn MM. Van der Woude, President, D. Spielmann, V. Valančius, I. Gâlea (Relatur) u T. Tóth, Imħallfin,

Reġistratur: I. Kurme, amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara s-seduta tal-20 ta' Marzu 2023,

wara li rat, wara t-tmiem tal-funzjonijiet tal-Imħallef Valančius fis-26 ta' Settembru 2023, l-Artikolu 22 u l-Artikolu 24(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħhom ibbażat fuq l-Artikolu 268 TFUE, ir-rikorrenti, Symphony Environmental Technologies plc u Symphony Environmental Ltd, jitolbu kumpens għad-dannu li huma allegatament ġarrbu minħabba l-adozzjoni tal-Artikolu 5 u tal-premessa 15 tad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent (ĠU 2019, L 155, p. 1), sa fejn il-projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossodegradabbli, prevista fl-imsemmi Artikolu 5 u fl-imsemmija premessa 15, tapplika għall-plastik ossobijodegradabbli.

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

- 2 Ir-rikorrenti huma kumpanniji stabbiliti fir-Renju Unit, li l-attività tagħhom hija l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tal-plastik speċjalizzati, kif ukoll addittivi u taħlitiet prinċipali użati fil-produzzjoni ta' dawn il-prodotti.
- 3 Taħlita prinċipali hija komposta minn diversi sustanzi kimiċi inkorporati f'support polimeru, li huwa pprovdut, fil-forma ta' granuli, lill-produtturi ta' prodotti tal-plastik, li jinkorporawh fil-polimeri li huma jużaw biex jiproduċu l-prodotti tagħhom.
- 4 Waħda mit-taħlitiet prinċipali prodotti mir-rikorrenti, li huma jikkummerċjalizzaw taħt it-trade mark d2w (iktar 'il quddiem il-“taħlita prinċipali d2w”), tinkludi addittiv li huma jallegaw jiffavorixxi d-degradazzjoni abijotika tal-plastik li fih jiġi inkorporat, u sussegwentement il-bijodegradazzjoni tiegħu, ladarba jintemm it-tul tal-ħajja utli tiegħu.
- 5 Plastik ossodegradabbli huwa, skont id-definizzjoni mogħtija fil-punt 3 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2019/904, plastik li miegħu jiġi miżjud addittiv wieħed jew iktar li, taħt l-effett tal-ossidazzjoni, iwassal għall-frammentazzjoni tiegħu f'mikro-frammenti jew għal dekompożizzjoni kimika.
- 6 Plastik bijodegradabbli huwa, skont il-punt 16 tal-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, plastik li jista' jgħaddi minn dekompożizzjoni fiżika jew bijoloġika, b'tali mod li fl-aħħar jiddekomponi f'diossidu tal-karbonju, fil-bijomassa u fl-ilma.
- 7 Skont ir-rikorrenti, l-addittiv li jinsab fit-taħlita prinċipali d2w jippermetti lill-plastik li fih ikun ġie inkorporat jifframmenta ruħu, taħt l-effett tal-ossidazzjoni, fi tfarrik (ossodegradazzjoni) li l-piż molekulari tiegħu jkun suffiċjentement imnaqqas sabiex ikun jista' jiġi assorbit permezz ta' mikro-organiżmi (bijodegradazzjoni). Fil-fehma tar-rikorrenti, dan l-addittiv għalhekk jippermetti lill-plastik li fih ikun ġie inkorporat jikkonverti ruħu f'materjali bijodegradabbli.
- 8 Fil-5 ta' Ġunju 2019 ġiet adottata d-Direttiva 2019/904.

9 Skont il-premessa 15 ta' din id-direttiva:

“[...] Ir-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq introdotti f'din id-Direttiva jenħtieġ li jkopru wkoll prodotti magħmulin minn plastik ossodegradabbli, peress li dak it-tip ta' plastik mhuwiex bijodegradabbli sew u għalhekk jikkontribwixxi għat-tniġġis mill-mikroplastik fl-ambjent, mhuwiex kompostabbli, jaffettwa b'mod negattiv ir-riċiklaġġ tal-plastik konvenzjonali u jonqos milli jagħti benefiċċju ambjentali ppruvat [...]”

10 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904, bit-titolu “Restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq” jipprovdi:

“L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fil-Parti B tal-Anness u ta' prodotti magħmulin minn plastik ossodegradabbli.”

II. It-talbiet tal-partijiet

11 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tikkonstata li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea għandhom responsabbiltà mhux kuntrattwali, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE u/jew l-Artikolu 41(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”), billi adottaw l-Artikolu 5 u l-premessa 15 tad-Direttiva 2019/904, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw għall-plastik ossobijodegradabbli;
- tikkundanna lill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkumpensawhom sal-ammont tad-dannu mġarrab, inkluż kwalunkwe dannu addizzjonali li jista' jseħħ matul il-proċeduri u/jew kwalunkwe dannu prevedibbli probabbli, kif ukoll sabiex iħallsulhom l-interessi, li l-ammont u r-rata tagħhom jiġu ddeterminati matul il-proċedura;
- sussidjarjament, tordna lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jippreżentaw lill-Qorti Ġenerali, f'terminu raġonevoli minn meta tingħata s-sentenza f'din il-kawża, il-kalkolu f'ċifri tal-kumpens miftiehem bejn il-partijiet jew, fin-nuqqas ta' ftehim bejn l-imsemmija partijiet, tordnalhom jippreżentaw, fl-istess terminu, il-proposti f'ċifri tagħhom;
- fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

12 Il-Parlament u l-Kunsill jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiċħad ir-rikors;
- tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

13 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli fir-rigward tagħha u, fi kwalunkwe każ, bħala infondat;
- tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

III. Fid-dritt

- 14 Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti jitolbu kumpens għad-dannu li huma jqisu li ġarrbu minħabba l-projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodotti abbażi ta' plastik ossodegradabbli, prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904, sa fejn l-imsemmija projbizzjoni tapplika għall-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik li huma jikklassifikaw bħala ossobijodegradabbli. Il-plastik ossobijodegradabbli huwa tip ta' plastik li ż-żieda fih ta' addittiv pro-ossidanti, bħal dak li jinsab fit-taħlita prinċipali d2w tagħhom, tippermetti l-bijodegradazzjoni tiegħu ħafna iktar malajr mill-plastik ossodegradabbli. Billi ma għamlux distinzjoni bejn il-plastik ossodegradabbli u l-plastik ossobijodegradabbli u billi estendew, skont il-każ, il-projbizzjoni ta' prodotti mmanifatturati minn tal-ewwel għal prodotti mmanifatturati minn tal-aħħar, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kisru b'mod suffiċjentement serju diversi dispożizzjonijiet legali li huma intiżi li jagħtu drittijiet lill-individwi. B'dan il-mod, huma kkawżaw dannu lir-rikorrenti. Fil-fehma tagħhom, teżisti rabta kawżali suffiċjentement diretta bejn dan id-dannu u l-aġir illegali tal-imsemmija istituzzjonijiet.
- 15 It-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati jsostnu li ebda waħda mit-tliet kundizzjonijiet sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni ma hija ssodisfatta u jitolbu li r-rikors jiġi miċħud. Huma jsostnu b'mod partikolari li ma hemmx lok li ssir distinzjoni bejn plastik ossodegradabbli u plastik ossobijodegradabbli. Fil-fehma tagħhom, dawn iż-żewġ kelmiet jirreferu għall-istess tip ta' plastik, jiġifieri plastik konvenzjonali li fih jiġi inkorporat addittiv li jaċċellera, taħt l-effett tal-ossidazzjoni, il-frammentazzjoni tiegħu jew id-dekompożizzjoni kimika tiegħu fi tfarrik żgħir ħafna. Dan it-tip ta' plastik ma jiġix bijodegradat b'mod xieraq fi żmien raġonevoli.

A. Fuq it-talba għal ommissjoni ta' ċerta data fil-konfront tal-pubbliku

- 16 Permezz ta' att separat ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-21 ta' Diċembru 2020, ir-rikorrenti ressqu talba għall-ommissjoni ta' ċerta data fil-konfront tal-pubbliku, skont l-Artikolu 66 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali f'dak li jirrigwarda d-data tagħhom stess kif ukoll id-data li tappartjeni lil terzi.
- 17 Permezz ta' att separat ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-23 ta' Ġunju 2021, ir-rikorrenti ressqu t-tieni talba għall-ommissjoni ta' ċerta data fil-konfront tal-pubbliku, konformement mal-Artikolu 66 tar-Regoli tal-Proċedura. Din it-talba tirrigwarda data msemmija fir-repliki tagħhom u tfittex, hija wkoll, li tiżgura l-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali fir-rigward tad-data tagħhom stess u tad-data li tappartjeni lil terzi.
- 18 Permezz ta' dawn it-talbiet, ir-rikorrenti jitolbu, essenzjalment, l-ommissjoni tat-tipi ta' data segwenti:
- il-konsegwenzi għall-klijenti tagħhom tal-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-prodotti abbażi tal-plastik ossodegradabbli, kif jirriżultaw, b'mod partikolari, mid-dikjarazzjonijiet tal-aġenti tagħhom;
 - l-evalwazzjoni tal-ammont tad-dannu allegatament imġarrab minħabba l-imsemmija projbizzjoni, kif ukoll id-data li fuqha hija bbażata din l-evalwazzjoni, jiġifieri, b'mod partikolari, l-evoluzzjoni tat-telf u tal-profitti tagħhom, tas-sehem tagħhom tas-suq u tal-valur tal-azzjonijiet tagħhom;

- it-test tal-istandards Ewropej, Amerikani, Brittanniċi u internazzjonali dwar il-bijodegradazzjoni, l-ossodegradazzjoni u l-kompostaġġ tal-plastik, kif ukoll lessiku dwar id-degradazzjoni u l-bijodegradazzjoni tal-plastik.
- 19 Kuntrarjament għat-talba, ommissjoni tal-ewwel żewġ kategoriji ta' data msemmija fil-punt 18 iktar 'il fuq, li hija intiża, skont ir-rikorrenti, sabiex tipproteġi d-data tagħhom stess, it-talba għal ommissjoni tat-tielet kategoriji ta' data hija intiża sabiex tipproteġi data li fir-rigward tagħha terzi għandhom drittijiet ta' proprjetà.
- 20 F'dan ir-rigward, għandu jifhem li, fil-konklużjoni bejn il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u tas-sigriet kummerċjali, il-qorti għandha tfittex, fiċ-ċirkustanzi ta' kull każ, il-bilanċ ġust, billi tiegħu inkunsiderazzjoni wkoll id-dritt tal-pubbliku li jkollu aċċess, skont il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 15 TFUE, għad-deċiżjonijiet ġudizzjarji (sentenza tas-27 ta' April 2022, Sieć Badawcza Łukasiewicz – Port Polski Ośrodek Rozwoju Technologii vs Il-Kummissjoni, T-4/20, EU:T:2022:242, punt 29).
- 21 F'dan il-każ, id-data li taqa' taħt l-ewwel żewġ kategoriji msemmija fil-punt 18 iktar 'il fuq ma tinsabx f'din is-sentenza.
- 22 Fir-rigward tad-data li taqa' taħt it-tielet kategorija, f'din is-sentenza tidher biss dik imsemmija wkoll fi studju ppubblikat fuq is-sit tal-Kummissjoni, jġigifieri l-istudju mwettaq minn Eunomia Research & Consulting Ltd għad-Direttorat Ġenerali tal-Ambjent tal-Kummissjoni, intitolat "The Impact of the Use of 'Oxo-degradable' Plastic on the Environment" ("L-impatt tal-użu tal-plastik 'ossodegradabbli' fuq l-ambjent ta' April 2017 (iktar 'il quddiem l-"istudju Eunomia"). Peress li d-data msemmija f'dan l-istudju kienet diġà pubblika, l-ommissjoni tagħha ma hijiex neċessarja għall-protezzjoni tas-sigriet kummerċjali, kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti.
- 23 Għaldaqstant, ma teżistix raġuni leġittima sabiex jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrenti.

B. Osservazzjoni preliminari

- 24 Qabel ma tiġi analizzata l-ammissibbiltà u l-mertu tar-rikors, għandu jsir kumment terminoloġiku.
- 25 Il-plastik li miegħu ġie miżjud addittiv pro-ossidanti, bħal dak li jinsab fit-taħlita prinċipali d2w, huwa kklassifikat b'mod differenti mill-partijiet fil-kawża. Ir-rikorrenti jikklassifikawh bħala "plastik ossobijodegradabbli", li għandu jġi distint, fil-fehma tagħhom, mill-plastik ossodegradabbli, li huwa bijodegradabbli ħafna iktar bil-mod. Il-Parlament juża, huwa wkoll, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu, l-espressjoni "plastik ossobijodegradabbli", iżda jippreċiża li din l-espressjoni tirreferi għall-plastik li r-rikorrenti jallegaw li huwa bijodegradabbli, pretensjoni li huwa ma jsostnix. Il-Kunsill juża t-terminu "plastik FAP", biex jirreferi għall-plastik li "fih addittivi pro-ossidanti". Il-Kummissjoni tirreferi għall-plastik "osso(bijo)degradabbli", li jissuġġerixxi, permezz tal-użu ta' parenteżi, id-dubbi tagħha dwar in-natura bijodegradabbli ta' dan it-tip ta' plastik.
- 26 L-għażla tal-espressjoni użata sabiex tiddekrivi t-tip ta' plastik inkwistjoni ma hijiex newtrali, peress li tista' timplika teħid ta' pożizzjoni fir-rigward tan-natura bijodegradabbli ta' dan it-tip ta' plastik. Għaldaqstant, f'din is-sentenza, għandha tintuża l-espressjoni l-iktar newtrali possibbli. Konsegwentement, bl-eċċezzjoni tas-siltiet li jsostnu l-argumenti tal-partijiet, fejn

it-terminoloġija magħżula minnhom ser tinżamm, u tar-referenzi għall-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904, fejn ser tintuża l-espressjoni “plastik ossodegradabbli” użata fl-imsemmi artikolu, l-espressjoni li ser tintuża hija dik ta’ “plastik li fih addittiv pro-ossidanti”.

C. Fuq l-ammissibbiltà

- 27 Mingħajr ma tqajjem formalment eċċezzjoni ta’ inammissibbiltà skont l-Artikolu 130(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Kummissjoni ssostni li r-rikors huwa inammissibbli sa fejn huwa dirett kontriha.
- 28 Il-Kummissjoni, sostnuta mill-Kunsill, issostni li l-illegalità tal-projbizzjoni ta’ tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta’ plastik ossodegradabbli, prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904, ma hijiex imputabbli lilha. Hija ssostni li, minn naħa, skont l-Artikolu 192(1) TFUE, id-Direttiva 2019/904 ma ġietx adottata minnha, iżda mill-Parlament u mill-Kunsill, skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, u, min-naħa l-oħra, l-imsemmija projbizzjoni ma kinitx tinsab fil-proposta li hija ppreżentat lill-Parlament u lill-Kunsill fit-28 ta’ Mejju 2018 (COM(2018)340 final – 2018/0172(COD)), iktar ’il quddiem il-“proposta għal direttiva”), iżda ġiet introdotta permezz ta’ emenda tal-Parlament, li l-Kunsill ta l-kunsens tiegħu għaliha. Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll li hija ma setgħetx tirtira l-proposta tagħha, peress li l-kundizzjonijiet għal tali rtirar ma kinux, f’dan il-każ, issodisfatti.
- 29 Fl-aħħar nett, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, la l-fatt li hija fetthet u sussegwentement temmet il-proċedura ta’ restrizzjoni skont l-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta’ sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KEE u 2000/21/KEE tal-Kummissjoni (ĠU 2006, L 396, p. 1, rettifikasi fil-ĠU 2007, L 136, p. 3, fil-ĠU 2008, L 141, p. 22, u fil-ĠU 2009, L 36, p. 84, iktar ’il quddiem ir-“Regolament REACH”), lanqas il-fatt, jekk jitqies li huwa stabbilit, li l-valutazzjoni tal-impatt hija difettuża u li hija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha fil-qasam tar-riċerka u tal-evalwazzjoni tal-provi, ma għandhom l-effett tal-imputazzjoni lilha tal-projbizzjoni ta’ tqegħid fis-suq stabbilita fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904.
- 30 Ir-rikorrenti jikkontestaw din l-inammissibbiltà.
- 31 Skont il-ġurisprudenza, filwaqt li r-rikorsi għal annullament u dak għal nuqqas li tittieħed azzjoni għandhom l-għan li tiġi ssanzjonata l-illegalità ta’ att ġuridikament vinkolanti jew l-assenza ta’ tali att, ir-rikors għad-danni għandu bħala għan it-talba għal kumpens ta’ dannu li jirriżulta minn att jew minn aġir illeċitu imputabbli lil istituzzjoni jew lil korp tal-Unjoni (sentenzi tal-20 ta’ Settembru 2016, *Ledra Advertising et vs Il-Kummissjoni* u *BĊE, C-8/15* sa *C-10/15 P*, *EU:C:2016:701*, punt 55, u tat-23 ta’ Mejju 2019, *Steinhoff et vs BĊE*, *T-107/17*, *EU:T:2019:353*, punt 51).
- 32 Għaldaqstant, peress li l-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904, skont l-Artikolu 294 TFUE, taqa’ taħt ir-responsabbiltà tal-Parlament u tal-Kunsill, ma huwiex rilevanti li l-Kummissjoni ma adottatx att legalment vinkolanti. Fil-fatt, sabiex il-Kummissjoni titqies li għandha jew li kkontribwixxiet sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Unjoni, huwa biżżejjed li jkun imputabbli lilha att illegali, anki jekk mhux legalment vinkolanti, jew aġir illegali.

- 33 Tali att jew aġir ċertament ma jistax jiġi identifikat fil-proposta għal direttiva. Fil-fatt, l-imsemmija proposta kienet tipprevedi biss, fl-Artikolu 5 tagħha, li “[l]-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti B tal-Anness”, filwaqt li l-Parti B tal-imsemmi anness ma jagħmel ebda riferiment għall-plastik ossodegradabbli.
- 34 Madankollu, ir-rikorrenti jikkritikaw lill-Kummissjoni għall-aġir li permezz tiegħu, fil-kuntest tal-kompromess interistituzzjonali tad-19 ta’ Diċembru 2018, hija indikat li “[kienet] taċċetta l-emendi kollha” magħmula għall-proposta tagħha għal direttiva. F’dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li hija l-emenda Nru 83 magħmula mill-Parlament għall-proposta għal direttiva, fl-24 ta’ Ottubru 2018 (COM(2018)0340) – C8-0218/2018 – 2018/0172(COD), iktar ’il quddiem l-“emenda tal-Parlament”), li introduċiet fl-imsemmija proposta l-projbizzjoni tal-prodotti tal-plastik ossodegradabbli. It-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati sussegwentement ftiehem, fil-kuntest tal-imsemmi kompromess, sabiex jinkorporaw din l-emenda fit-test tad-direttiva futura. Huwa f’dan il-punt li l-Kummissjoni indikat li kienet qegħda taċċetta l-emendi kollha.
- 35 Ir-rikorrenti jikkritikaw ukoll lill-Kummissjoni talli, permezz ta’ ittra tat-30 ta’ April 2019 (iktar ’il quddiem l-“ittra tat-30 ta’ April 2019”), talbet lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) sabiex ittemm il-proċedura ta’ restrizzjoni li kienet għaddejja quddiemha fir-rigward tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti. Skont ir-rikorrenti, li kieku l-ECHA kompliet b’din il-proċedura sa tmiemha u li kieku hija kienet, b’mod partikolari, ikkostitwixxiet fajl, kif previst fl-Artikolu 69(1) tar-Regolament REACH, l-elementi addizzjonali hekk ikkomunikati lit-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kienu jwassluhom jadottaw fir-rigward tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti miżuri oħra la ma jinkludux projbizzjoni ta’ tqegħid fis-suq, jew saħansitra li ma jadottaw ebda miżura.
- 36 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jikkritikaw lill-Kummissjoni talli naqset milli twettaq valutazzjoni tal-impatt li tirrigwarda speċifikament il-plastik li fih addittiv pro-ossidanti u l-prodotti mmanifatturati abbażi ta’ dan it-tip ta’ plastik, kif ukoll li ma fittxitx, jew ma ħaditx inkunsiderazzjoni, provi rilevanti dwar dan il-plastik u r-riskju li dan kien jippreżenta għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem. Fil-fehma tar-rikorrenti, li għandhom provi supplimentari, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati biddlu l-evalwazzjoni tagħhom.
- 37 Il-kwistjoni dwar jekk l-aġir imsemmi fil-punti 34 sa 36 iktar ’il fuq huwiex illegali u l-kwistjoni dwar jekk, fl-assenza ta’ tali aġir, il-Parlament u l-Kunsill kinux xorta waħda jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, tikkonċerna d-determinazzjoni tal-fatt li jagħti lok għar-responsabbiltà u tar-rabta kawżali bejn dan il-fatt u d-dannu allegat. Issa, il-kwistjonijiet relatati mal-eżami tal-kundizzjonijiet neċessarji għall-implimentazzjoni tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, bħad-determinazzjoni tal-fatt li jagħti lok għar-responsabbiltà u tar-rabta kawżali, huma marbuta mal-eżami fil-mertu ta’ dan ir-rikors u għalhekk ma jaffettwawx l-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tiegħu (ara, f’dan is-sens u b’analoġija, is-sentenza tat-23 ta’ Mejju 2019, *Steinhoff et vs BĊE*, T-107/17, EU:T:2019:353, punti 42 sa 47).
- 38 Għaldaqstant, l-argument tal-Kummissjoni intiż sabiex ir-rikors jiġi ddikjarat inammissibbli sa fejn huwa dirett kontriha għandu jiġi miċħud.

D. Fuq il-mertu

- 39 Preliminarjament, għandu jittfakkar li, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, fil-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Unjoni għandha, skont il-prinċipji ġenerali komuni għal sistemi legali tal-Istati Membri, tikkumpensa kwalunkwe dannu kkaġunat mill-istituzzjonijiet tagħha jew mill-membri tal-persunal tagħha fit-twettiq ta' dmirijiethom.
- 40 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti Ġenerali tfakkar li l-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni huwa suġġett għall-fatt li jkun ssodisfatti numru ta' kundizzjonijiet, jiġifieri l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali intiża li tagħti drittijiet lill-individwi, ir-realtà tad-dannu u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn il-ksur tal-obbligu tal-awtur tal-att u d-dannu mġarrab mill-persuni leżi (ara s-sentenza tal-10 ta' Settembru 2019, HTTS vs Il-Kunsill, C-123/18 P, EU:C:2019:694, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 41 Jekk waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma tkunx issodisfatta, ir-rikors għandu jiġi miċħud kollu kemm hu mingħajr ma jkun neċessarju li jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet l-oħra għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-qorti tal-Unjoni ma hijiex obligata teżamina dawn il-kundizzjonijiet f'ordni partikolari (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Settembru 1999, Lucaccioni vs Il-Kummissjoni, C-257/98 P, EU:C:1999:402, punti 13, 63 u 64, u tal-5 ta' Settembru 2019, L-Unjoni Ewropea vs Guardian Europe u Guardian Europe vs L-Unjoni Ewropea, C-447/17 P u C-479/17 P, EU:C:2019:672, punt 148).
- 42 Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali intiża li tagħti drittijiet lill-individwi jkun stabbilit meta dan il-ksur jimplika nuqqas manifest u serju mill-istituzzjoni kkonċernata tal-limiti li għalihom hija suġġetta s-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha, fejn l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni f'dan ir-rigward huma, b'mod partikolari, il-livell ta' ċarezza u ta' preċiżjoni tar-regola miksura kif ukoll il-portata tal-marġni ta' diskrezzjoni li r-regola miksura tħalli lill-awtorità tal-Unjoni (sentenzi tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill, C-45/15 P, EU:C:2017:402, punt 30, u tal-10 ta' Settembru 2019, HTTS vs Il-Kunsill, C-123/18 P, EU:C:2019:694, punt 33).
- 43 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat, fil-kuntest ta' din il-kawża, li eventwali ksur suffiċjentement serju tad-dispożizzjonijiet legali inkwistjoni għandu jkun ibbażat fuq ksur manifest u gravi tal-limiti tas-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa li għandu l-leġiżlatur tal-Unjoni fl-eżerċizzju tal-kompetenzi fil-qasam ambjentali skont l-Artikoli 191 u 192 TFUE. Fil-fatt, l-eżerċizzju ta' din is-setgħa diskrezzjonali jimplika, minn naħa, in-neċessità għal-leġiżlatur tal-Unjoni li jantiċipa u li jevalwa żviluppi ekoloġiċi, xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi ta' natura kumplessa u inċerta, u, min-naħa l-oħra, l-ibbilanċjar u l-arbitraġġ minn dan il-leġiżlatur bejn id-diversi għanijiet, prinċipji u interessi msemmija fl-Artikolu 191 TFUE (sentenza tat-2 ta' Marzu 2010, Arcelor vs Il-Parlament u Il-Kunsill, T-16/04, EU:T:2010:54, punt 143).
- 44 Qabel kollox, għandu jiġi evalwat jekk l-ewwel kundizzjoni għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Unjoni hijiex issodisfatta.
- 45 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jqajmu ħames motivi ta' illegalità, ibbażati fuq ksur suffiċjentement serju, l-ewwel, tal-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH, it-tieni, tal-punti 12 u 14 sa 16 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU 2016, L 123,

p. 1, iktar 'il quddiem il-“ftehim interistituzzjonali”), it-tielet, tal-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE u fl-Artikolu 191 TFUE, kif ukoll fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, ir-raba', tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament u, il-ħames, tal-Artikoli 16 u 17 u tal-Artikolu 41(1) tal-Karta u tal-Artikolu 49 TFUE.

1. Fuq l-ewwel motiv ta' illegalità, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH

- 46 Permezz tal-ewwel motiv ta' illegalità tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li l-projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodotti abbażi tal-plastik ossodegradabbli, prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904, ġiet adottata billi ġiet evitata l-proċedura ta' restrizzjoni prevista fl-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH. Huma jenfasizzaw, f'dan ir-rigward, li kienet għaddejja proċedura ta' restrizzjoni quddiem l-ECHA meta, mingħajr t-teħid inkunsiderazzjoni tagħha b'ebda mod, il-Parlament adotta l-emenda li żiedet il-prodotti tal-plastik ossodegradabbli ma' dawk li l-proposta għal direttiva kienet tipprobixxi t-tqegħid fis-suq tagħhom. L-imsemmija proċedura kienet għadha għaddejja meta l-Parlament u l-Kunsill qablu dwar din l-emenda u meta l-Parlament adotta riżoluzzjoni leġislattiva li tirriproduċi l-emenda inkwistjoni.
- 47 Konsegwentement, fil-fehma tar-rikorrenti, il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904 ġiet adottata mingħajr ma t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma evalwaw b'mod xieraq jekk il-plastik ossodegradabbli kienx jippreżenta għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent “riskju mhux aċċettabbli [...] li jkun jeħtieġ li jiġi indirizzat fuq bażi [tal-Unjoni]”, mingħajr ma huma “[jieħdu] kont ta' l-impatt soċjo-ekonomiku tar-restrizzjoni, inkluża d-disponibbiltà ta' alternattivi”, kif jeżiġi l-Artikolu 68(1) tar-Regolament REACH, u mingħajr ma huma stess ma ntalbu jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom lill-ECHA, skont l-Artikolu 69(6) tal-imsemmi regolament. Għaldaqstant, l-adozzjoni tal-imsemmija projbizzjoni hija prematura u illegali.
- 48 Fil-fehma tar-rikorrenti, billi evitaw il-proċedura ta' restrizzjoni prevista fl-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH filwaqt li l-ECHA biss hija teknikament kompetenti sabiex tinvestiga u tiddetermina jekk il-plastik ossodegradabbli u l-plastik ossobijodegradabbli humiex iġġustifikati jew le mill-perspettiva ambjentali, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati wettqu ksur suffiċjentement serju tal-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jenfasizzaw li l-imsemmi regolament jagħti drittijiet lill-individwi, peress li l-Artikolu 69(1) tiegħu jipprevedi li l-ECHA għandha tistieden lill-partijiet ikkonċernati kollha jippreżentaw osservazzjonijiet dwar il-fajls u r-restrizzjonijiet proposti, kif ukoll sabiex jikkomunikawha analiżi soċjo-ekonomika.
- 49 Il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.
- 50 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li, skont l-Artikolu 68(1) tar-Regolament REACH, meta l-manifattura, l-użu jew it-tqegħid fis-suq ta' sustanza jikkawżaw riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent li jeħtieġ azzjoni fil-livell tal-Unjoni, l-imsemmija manifattura, użu u tqegħid fis-suq jistgħu jkunu s-suġġett ta' restrizzjonijiet. Dawn ir-restrizzjonijiet huma inklużi fl-Anness XVII tal-imsemmi regolament.
- 51 Għal dan il-għan, l-Artikolu 69 tar-Regolament REACH jippermetti lill-Kummissjoni tistieden lill-ECHA tħejji fajl. Jekk minn dan il-fajl jirriżulta li hija neċessarja azzjoni fil-livell tal-Unjoni, l-ECHA għandha tippożi restrizzjonijiet fi żmien tnax-il xahar minn meta tirċievi t-talba

tal-Kummissjoni. Il-fajl huwa għalhekk ippubblikat fuq is-sit internet tal-ECHA, flimkien mal-proposti ta' restrizzjoni fformulati minnha, u l-partijiet ikkonċernati huma mistiedna jikkomunikaw lill-ECHA l-osservazzjonijiet tagħhom.

- 52 Sussegwentement, il-fajl huwa s-suġġett, fi żmien disa' xhur mill-pubblikazzjoni tiegħu, ta' opinjoni tal-Kumitat tal-Istima tar-Riskji tal-ECHA u, fi żmien tnax-il xahar mill-pubblikazzjoni tiegħu, ta' opinjoni tal-Kumitat ta' Analiżi Soċjo-ekonomika tal-ECHA, skont l-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament REACH. Dawn iż-żewġ avviżi huma ppreżentati lill-Kummissjoni u ppubblikati fuq is-sit internet tal-ECHA, konformement mal-Artikolu 72 tal-imsemmi regolament.
- 53 Meta l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 68(1) tar-Regolament REACH ikunu ssodisfatti, il-Kummissjoni tipprepara abbozz ta' emenda tal-Anness XVII ta' dan ir-regolament, skont l-Artikolu 73(1) tiegħu. Id-deċiżjoni finali tittieħed skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju, skont l-Artikolu 73(2) u l-Artikolu 133(4) tal-istess regolament.
- 54 F'dan il-każ, tali proċedura nbdiet, iżda ma ntemmitx.
- 55 Fil-fatt, permezz ta' ittra tat-22 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni talbet lill-ECHA tħejji fajl dwar il-plastik ossodegradabbli, skont l-Artikolu 69(1) tar-Regolament REACH. Il-Kummissjoni u l-ECHA sussegwentement ftehm u li jipposponu l-preżentazzjoni tal-imsemmi fajl għal tmiem Lulju 2019, sabiex il-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jikkomunikaw informazzjoni addizzjonali lill-ECHA, kif jindika messaġġ elettroniku mibgħut lir-rikorrenti minn aġent tal-ECHA fit-30 ta' Ottubru 2018. Madankollu, kif imsemmi fil-punt 35 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni sussegwentement, permezz tal-ittra tat-30 ta' April 2019, talbet lill-ECHA ttemm it-thejjja tal-fajl inkwistjoni, minħabba li intervent skont ir-Regolament REACH ma kienx għadu neċessarju għaliex, fid-19 ta' Diċembru 2018, kien intlaħaq kompromess interistituzzjonali, fil-kuntest tat-tfassil tad-Direttiva dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, sabiex jiġi pprojbit it-tqegħid fis-suq tal-prodotti abbażi ta' plastik ossodegradabbli.
- 56 Kif jindika l-preambolu tad-Direttiva 2019/904, huwa għalhekk skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, prevista fl-Artikolu 294 TFUE, li ġiet adottata l-projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossodegradabbli.
- 57 Ir-rikorrenti jsostnu li, billi adottaw il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904 mingħajr ma stennew l-eżitu tal-proċedura ta' restrizzjoni fis-seħħ, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati evitaw l-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH. L-imsemmija projbizzjoni ġiet adottata b'mod prematur u illegali, mingħajr mal-ECHA, li, kuntrarjament għall-imsemmija istituzzjonijiet, għandha l-għarfien xjentifiku fil-qasam, setgħet tinforma lil dawn tal-aħħar bl-elementi miġbura minnha u mingħajr ma semgħet lir-rikorrenti. Tali aġir jikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju tal-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH, liema artikoli huma intiżi li jagħtu drittijiet lill-individwi.
- 58 Tali argument ma jistax jiġi aċċettat peress li, minn naħa, ma twettaq ebda ksur tal-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH u, min-naħa l-oħra, l-imsemmija artikoli ma jikkostitwixxux dispożizzjonijiet legali li huma intiżi li jagħtu drittijiet lill-individwi.
- 59 L-ewwel, ma jistax jitqies li l-projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossodegradabbli kellha tiġi adottata skont il-proċedura ta' restrizzjoni prevista fl-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH.

- 60 Fil-fatt, id-Direttiva 2019/904 ġiet adottata skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja prevista fl-Artikolu 294 TFUE. Barra minn hekk, il-preambolu ta' din id-direttiva jindika li hija għandha bħala bażi legali l-Artikolu 192(1) TFUE. Issa, dan l-artikolu jipprevedi li l-Parlament u l-Kunsill għandhom jaġixxu skont l-imsemmija proċedura.
- 61 Barra minn hekk, l-Artikolu 2(4) tar-Regolament REACH jipprovdi li dan ir-regolament “għandu japplika mingħajr preġudizzju għal [...] leġiżlazzjoni [tal-Unjoni] dwar [...] l-ambjent, inklużi” diversi direttivi li huwa jelenka. L-imsemmi regolament jirriżerva għalhekk espressament l-applikazzjoni tal-atti tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ambjent. Ċertament, id-Direttiva 2019/904 ma tinsabx fost id-dispożizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament REACH. Madankollu, l-adozzjoni ta' din id-direttiva saret wara dik ta' dan ir-regolament. Barra minn hekk, l-użu tal-espressjoni “inklużi” jindika li l-lista li tinsab f'dan l-artikolu ma hijiex eżawrjenti.
- 62 It-tieni, lanqas ma jista' jitqies li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kienu obbligati, jekk mhux li jsegwu l-proċedura ta' restrizzjoni skont l-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH, tal-inqas jistennew l-eżitu tal-proċedura ta' restrizzjoni fis-seħħ sabiex jadottaw il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904.
- 63 Fil-fatt, is-setgħa ta' inizjattiva leġiżlattiva rrikonossuta lill-Kummissjoni mill-Artikolu 17(2) TUE u mill-Artikolu 289 TFUE timplika, li hija l-Kummissjoni li għandha tiddeċiedi li tippreżenta, jew le, proposta ta' att leġiżlattiv u li tiddetermina l-għan, l-iskop u l-kontenut tiegħu (sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Slovakkja u l-Ungerija vs Il-Kunsill, C-643/15 u C-647/15, EU:C:2017:631, punt 146).
- 64 Barra minn hekk, is-setgħa leġiżlattiva rriżervata lill-Parlament u lill-Kunsill fl-Artikolu 14(1) u fl-Artikolu 16(1) TUE timplika li huma esklużivament dawn l-istituzzjonijiet li għandhom jiddeterminaw il-kontenut ta' att leġiżlattiv (sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-5/16, EU:C:2018:483, punt 84).
- 65 Għaldaqstant, li l-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill jiġu mgieġhla jistennew l-eżitu tal-proċedura ta' restrizzjoni prevista fl-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH sabiex jadottaw, rispettivament, il-proposta ta' direttiva u l-emenda li tintroduċi f'din il-proposta l-projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossodegradabbli, iwassal sabiex tiġi limitata s-setgħa ta' inizjattiva leġiżlattiva tal-ewwel u s-setgħa leġiżlattiva tat-tieni.
- 66 It-tielet, il-legalità tad-Direttiva 2019/904 ma tistax tiġi eżaminata fid-dawl tar-Regolament REACH.
- 67 Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza, il-legalità interna ta' att tal-Unjoni ma tistax tiġi eżaminata fid-dawl ta' att ieħor tal-Unjoni tal-istess livell normattiv, ħlief jekk ikun ġie adottat b'applikazzjoni ta' dan l-aħħar att jew jekk huwa espressament previst, f'wieħed minn dawn iż-żewġ atti, li wieħed l-ieħor (sentenza tat-22 ta' Frar 2022, Stichting Rookpreventie Jeugd *et*, C-160/20, EU:C:2022:101, punt 38).
- 68 Issa, mill-Artikolu 289(1) u (3) TFUE jirriżulta li jikkostitwixxu atti leġiżlattivi l-atti legali adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Dan huwa l-każ, kif indikat fil-punt 56 iktar 'il fuq, tad-Direttiva 2019/904. Fir-rigward tar-Regolament REACH, il-bażyi legali tiegħu huwa l-Artikolu 95 KE, li jipprevedi l-applikazzjoni tal-proċedura ta' kodeċizzjoni deskritta

fl-Artikolu 251 KE. Issa, il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ddefinita fl-Artikolu 294 TFUE tirriproduċi, essenzjalment, il-proċedura ta' kodeċiżjoni (digriet tas-6 ta' Settembru 2011, Inuit Tapiriit Kanatami *et vs* Il-Parlament u Il-Kunsill, T-18/10, EU:T:2011:419, punt 61), b'tali mod li r-Regolament REACH għandu, huwa wkoll, jitqies bħala att leġiżlattiv. Għaldaqstant, id-Direttiva 2019/904 u r-Regolament REACH għandhom jitqiesu li huma tal-istess livell normattiv (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, Stichting Rookpreventie Jeugd *et*, C-160/20, EU:C:2022:101, punt 38).

- 69 Barra minn hekk, id-Direttiva 2019/904 ma ġietx adottata b'applikazzjoni tar-Regolament REACH.
- 70 Barra minn hekk, sa fejn, kif indikat fil-punt 61 iktar 'il fuq, l-Artikolu 2(4) tar-Regolament REACH jindika li dan japplika bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar l-ambjent, huwa ċar li l-imsemmi regolament ma jipprevedi li huwa jipprevali fuq l-imsemmija dispożizzjonijiet, bħad-Direttiva 2019/904. Barra minn hekk, l-imsemmija direttiva lanqas ma tipprevedi li r-Regolament REACH jieħu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet tiegħu.
- 71 Mill-punti 59 sa 70 iktar 'il fuq jirriżulta li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma kisrux l-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH.
- 72 Fl-assenza ta' ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ma hemmx lok li jiġi eżaminat jekk dan huwiex suffiċjentement serju, kif teżiġi l-ġurisprudenza dwar l-ewwel kundizzjoni għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Unjoni, iċċitata fil-punt 42 iktar 'il fuq.
- 73 Fi kwalunkwe każ, l-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH ma jistgħux jitqiesu li huma dispożizzjonijiet intiżi li jagħtu drittijiet lill-individwi.
- 74 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jibbażaw ruħhom fuq l-Artikolu 69(6) tar-Regolament REACH, li jipprevedi li l-ECHA tistieden lill-partijiet ikkonċernati kollha sabiex jikkomunikawha, fi żmien sitt xhur mill-pubblikazzjoni tal-fajl, l-osservazzjonijiet tagħhom dwaru u dwar ir-restrizzjonijiet proposti, kif ukoll analiżi soċjo-ekonomika, jew kull informazzjoni li tista' tikkontribwixxi għal tali analiżi. Fil-fehma tar-rikorrenti, din id-dispożizzjoni tagħti dritt lill-individwi, dak li l-fehmiet tagħhom jittieħdu inkunsiderazzjoni qabel ma tiġi adottata restrizzjoni.
- 75 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 71(1) tar-Regolament REACH, l-ECHA tistieden lill-partijiet ikkonċernati jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-abbozz ta' opinjoni tal-Kumitat ta' Analiżi Soċjo-ekonomika.
- 76 Issa, huwa minnu li d-dritt għal smiġh jikkostitwixxi dispożizzjoni legali intiża li tagħti drittijiet lill-individwi (sentenza tat-28 ta' Ottubru 2021, Vialto Consulting vs Il-Kummissjoni, C-650/19 P, EU:C:2021:879, punt 140).
- 77 Madankollu, l-ebda dispożizzjoni li tinsab fl-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH ma tiggarrantixxi *stricto sensu* dritt għal smiġh lill-partijiet ikkonċernati. B'mod partikolari, il-fatt li l-Artikolu 69(6)(a) u l-Artikolu 71(1) tal-imsemmi regolament jipprevedu konsultazzjoni pubblika ma jikkonfutax il-fatt li la l-ECHA u lanqas il-Kummissjoni ma huma obbligati jisimġu individwu li huwa kkonċernat mill-emenda tal-Anness XVII tar-Regolament REACH minbarra l-imsemmija konsultazzjoni pubblika (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Settembru 2015, VECCO *et vs* Il-Kummissjoni (C-360/13 P, EU:C:2015:695, punti 81 u 82).

78 Għaldaqstant, l-ewwel motiv ta' illegalità għandu jiġi miċħud.

2. Fuq it-tieni motiv ta' illegalità, ibbażat fuq ksur suffiċjentement serju tal-punti 12 u 14 sa 16 tal-Ftehim Interistituzzjonali

79 Permezz tat-tieni motiv ta' illegalità tagħhom, ir-rikorrenti jostnu li, billi naqsu milli jwettqu valutazzjoni tal-impatt dwar il-projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossodegradabbli, prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kisru l-punti 12 u 14 sa 16 tal-Ftehim Interistituzzjonali. Fil-fatt, il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta għal direttiva tkopri biss l-inġenji tas-sajd u l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti B tal-Anness tal-imsemmija proposta, li ma jinkludux il-plastik ossodegradabbli. Il-Parlament u l-Kunsill kisru l-punt 15 tal-Ftehim Interistituzzjonali u l-Kummissjoni, il-punt 16 tiegħu, billi naqsu, rispettivament, milli jwettqu valutazzjoni tal-impatt tal-emenda magħmula mill-Parlament għall-proposta għal direttiva u milli jikkompletaw il-valutazzjoni tal-impatt inizjali.

80 Ir-rikorrenti jirrikonoxxu li l-Parlament u l-Kunsill ma humiex marbuta bil-valutazzjoni tal-impatt magħmula mill-Kummissjoni u li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati għandhom ċertu marġni ta' evalwazzjoni sabiex jiddeterminaw jekk, f'każ ta' emenda għall-proposta għal direttiva ppreżentata mill-Kummissjoni, hijiex meħtieġa valutazzjoni tal-impatt addizzjonali. Huma jenfasizzaw, madankollu, li n-nuqqas ta' twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt huwa l-eċċezzjoni u t-twettiq tagħha, il-prinċipju. F'dan il-każ, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kellhom iwettqu valutazzjoni tal-impatt dwar il-plastik ossodegradabbli, peress li huma ma kellhomx provi xjentifiċi suffiċjenti. Għaldaqstant, l-imsemmija istituzzjonijiet wettqu ksur suffiċjentement serju tal-Ftehim Interistituzzjonali, li jagħti drittijiet lill-individwi.

81 Il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

82 L-argument tar-rikorrenti ma jistax jintlaqa'. Minn naħa, ma twettaq l-ebda ksur tal-Ftehim Interistituzzjonali u, min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet tiegħu ma jistgħux jitqiesu li huma intiżi li jagħtu drittijiet lill-individwi.

83 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt tal-proposta tagħha għal direttiva. Madankollu, l-imsemmija valutazzjoni tal-impatt ma tirrigwardax il-plastik ossodegradabbli.

84 Issa, ma huwiex ikkontestat li l-adozzjoni tal-emenda tal-Parlament ma kinitx akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt dwar dan it-tip ta' plastik.

85 Għalhekk, għandu jiġi eżaminat jekk il-punti 12 u 14 sa 16 tal-Ftehim Interistituzzjonali kinux jimponu fuq it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati, jew fuq waħda minnhom, l-obbligu li jwettqu valutazzjoni tal-impatt li tirrigwarda speċifikament l-emenda tal-Parlament.

86 Mill-formulazzjoni ta' dawn il-punti jirriżulta b'mod ċar li dan ma kienx il-każ.

87 Fil-fatt, il-punt 12 tal-Ftehim Interistituzzjonali jindika, b'mod partikolari, li l-analizzjiet tal-impatt jikkostitwixxu għodda intiżi li jgħinu lill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddeċiedu abbażi ta' informazzjoni tajba u ma jissostitwixxux id-deċiżjonijiet politiċi meħuda fil-kuntest tal-proċess deċiżjonali demokratiku.

- 88 Skont il-punt 13 tal-imsemmi ftehim, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt, b'mod partikolari, tal-inizjattivi leġiżlattivi tagħha mistennija li jkollhom impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali sinjifikattivi.
- 89 Il-punt 14 tal-imsemmi ftehim jindika li l-Parlament u l-Kunsill għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni bi sħiħ analiżijiet tal-impatt tal-Kummissjoni.
- 90 Madankollu, skont il-ġurisprudenza, valutazzjoni tal-impatt la torbot lill-Parlament u lanqas lill-Kunsill, b'tali mod li l-leġiżlatur tal-Unjoni jibqa' liberu li jadotta miżuri differenti minn dawk li kienu s-suġġett ta' din il-valutazzjoni tal-impatt (sentenza tal-4 ta' Mejju 2016, Pillbox 38, C-477/14, EU:C:2016:324, punt 65).
- 91 Barra minn hekk, skont il-punt 15 tal-Ftehim Interistituzzjonali, meta jqisu li dan ikun xieraq u meħtieġ għall-finijiet tal-proċess leġiżlattiv, il-Parlament u l-Kunsill għandhom iwettqu valutazzjoni tal-impatt tal-emendi sostanzjali li huma jagħmlu għall-proposta tal-Kummissjoni. Skont l-istess punt 15, kull istituzzjoni għandha tiddetermina xi tfsisser emenda "sostanzjali".
- 92 Madankollu, skont il-ġurisprudenza, il-punt 15 tal-Ftehim Interistituzzjonali ma fih l-ebda obbligu vinkolanti fuq il-Parlament u l-Kunsill. Dan il-punt jipprevedi biss il-possibbiltà li jsir aġġornament tal-valutazzjoni tal-impatt jekk il-Parlament u l-Kunsill "[i]qisu li dan ikun xieraq u meħtieġ għall-proċess leġiżlattiv" (sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-128/17, EU:C:2019:194, punt 43).
- 93 F'dan il-każ, kemm il-Parlament kif ukoll il-Kunsill isostnu li huma kellhom biżżejjed informazzjoni xjentifika u li tali aġġornament ma kienx għalhekk neċessarju. Għaldaqstant, ma jistgħux jiġu kkritikati li ma wettqux valutazzjoni tal-impatt tal-emenda tal-Parlament.
- 94 Fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' azzjoni żbaljat tal-Kummissjoni, għandu jiġi rrilevat li l-punt 16 tal-Ftehim Interistituzzjonali jindika li din "tista'", fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Parlament jew tal-Kunsill, tikkompleta l-valutazzjoni tal-impatt tagħha stess jew twettaq ħidma analitika oħra li hija tqis neċessarja. Mill-formulazzjoni tal-imsemmi punt 16 jirriżulta b'mod ċar li dan ma jinkludi ebda obbligu għall-Kummissjoni li twettaq aġġornament tal-valutazzjoni tal-impatt. Konsegwentement, hija ma tistax tiġi kkritikata li ma għamlitx dan sabiex tiegħu inkunsiderazzjoni l-emenda tal-Parlament.
- 95 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma kisrux il-punti 12 u 14 sa 16 tal-Ftehim Interistituzzjonali.
- 96 Fl-assenza ta' ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ma hemmx lok li jiġi eżaminat jekk dan huwiex suffiċjentement serju, kif teżiġi l-ġurisprudenza dwar l-ewwel kundizzjoni għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Unjoni, iċċitata fil-punt 42 iktar 'il fuq.
- 97 Fit-tieni lok u fi kwalunkwe każ, il-punti 12 u 14 sa 16 tal-Ftehim Interistituzzjonali ma jistgħux jitqiesu li huma intiżi jagħtu drittijiet lill-individwi, peress li, kif jippreċiża l-imsemmi punt 12, il-valutazzjonijiet tal-impatt jikkostitwixxu għodda intiża sabiex jgħinu lit-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati jiddeċiedu b'mod informat.
- 98 Għaldaqstant, it-tieni motiv ta' illegalità għandu jiġi miċħud.

3. Fuq it-tielet motiv ta' illegalità, ibbażat fuq ksur suffiċjentement serju tal-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE u fl-Artikolu 191 TFUE, kif ukoll fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni

- 99 Permezz tat-tielet motiv ta' illegalità tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li, sa fejn din tapplika għall-plastik ossobijodegradabbli, il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904 tmur kontra l-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE u fl-Artikolu 191 TFUE u li hija bbażata fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni. Konsegwentement, bl-adozzjoni tal-imsemmija projbizzjoni, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati allegatament wettqu ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali intiża li tagħti drittijiet lill-individwi.
- 100 Dan il-motiv huwa maqsum fi tliet partijiet.
- 101 Permezz tal-ewwel parti, ir-rikorrenti jsostnu li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma kellhomx evalwazzjoni xjentifika eżawrjenti tar-riskji tal-plastik ossodegradabbli u li, għaldaqstant, il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904 hija fiha nnifisha kuntrarja għall-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE u fl-Artikolu 191 TFUE u li hija bbażata fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni.
- 102 L-imsemmija istituzzjonijiet ma setgħux, skont ir-rikorrenti, jadottaw miżura daqstant intrużiva mingħajr ma jagħmlu użu mill-provi li kienu jinġabru matul il-proċedura ta' restrizzjoni prevista fl-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH. It-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kellu jkollhom ukoll valutazzjoni tal-impatt li tikkonċerna speċifikament il-plastik ossodegradabbli kif ukoll kull evalwazzjoni xjentifika oħra tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' dan it-tip ta' plastik. Billi pprojbixxew it-tqegħid fis-suq tiegħu mingħajr ma kellhom tali elementi, l-imsemmija istituzzjonijiet seggeww appoċċ purament ipotetiku tar-riskji li kien jippreżenta.
- 103 Ir-rikorrenti jenfasizzaw li l-fatt li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati għandhom, fil-qasam ambjentali, setgħa diskrezzjonali wiesgħa ma jeżentahomx mill-obbligu li jieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha. Issa, l-istudji xjentifiċi li fuqhom l-imsemmija istituzzjonijiet jallegaw, fir-risposti tagħhom, li bbażaw ruħhom sabiex jadottaw il-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossodegradabbli ma jagħmlux distinzjoni bejn plastik ossodegradabbli u plastik ossobijodegradabbli u ma jirrakkomandawx projbizzjoni totali tat-tieni tip ta' plastik. Barra minn hekk, dawn l-istituzzjonijiet, b'mod partikolari, ma ħadux inkunsiderazzjoni l-effetti ekonomiċi u soċjali tal-imsemmija projbizzjoni. Fl-aħħar nett, jeżistu biżżejjed provi sabiex tiġi kkontestata l-proporzjonalità ta' din il-projbizzjoni.
- 104 Permezz tat-tieni parti ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti jsostnu li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma stabbilixxewx, jew ma stabbilixxewx b'mod suffiċjenti, l-eżistenza ta' rabta razzjonali bejn il-projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodotti abbażi ta' plastik ossodegradabbli u l-għan tad-Direttiva 2019/904, jiġifieri l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem. Għaldaqstant, l-imsemmija projbizzjoni tmur kontra l-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE.
- 105 Fil-fehma tar-rikorrenti, l-ebda waħda mill-erba' affermazzjonijiet li jinsabu fil-premessa 15 ta' din id-direttiva ma hija ssostanzjata.

- 106 L-ewwel, l-affermazzjoni li l-plastik ossodegradabbli ma huwiex bijodegradabbli sew ma hija bbażata fuq ebda prova, peress li tali provi kellhom jiġu prodotti fil-kuntest tal-proċedura ta' restrizzjoni skont l-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH. L-istudji xjentifiċi li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati jallegaw li bbażaw ruħhom fuqhom ma kkonkludewx li l-plastik ossodegradabbli ma huwiex bijodegradabbli sew, iżda sempliċement li ma teżistix prova konklużiva tal-bijodegradabbiltà tiegħu. Barra minn hekk, l-imsemmija affermazzjoni hija kontradetta minn studji xjentifiċi oħra, kif ukoll minn testijiet imwettqa fil-laboratorju, li jistabbilixxu li l-plastik ossobijodegradabbli huwa bijodegradabbli sew.
- 107 It-tieni, skont ir-rikorrenti, l-affermazzjoni li l-plastik ossodegradabbli ma huwiex kompostabbli hija ineżatta. Barra minn hekk, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma indikawx kif il-fatt li l-plastik ossobijodegradabbli ma huwiex kompostabbli jikkostitwixxi riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem, u lanqas għaliex dan il-fatt jiġġustifika l-projbizzjoni tal-plastik ossobijodegradabbli filwaqt li l-plastik konvenzjonali, li lanqas ma huwa kompostabbli, ma huwiex ipprobit.
- 108 It-tielet, fir-rigward tal-affermazzjoni li tgħid li l-plastik ossodegradabbli għandu impatt negattiv fuq ir-riċiklaġġ tal-plastik konvenzjonali, l-istudji xjentifiċi li fuqhom jibbażaw ruħhom it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma jiċħdux li huwa possibbli li jiġi rriċiklat il-plastik ossodegradabbli u jindikaw li l-użu ta' komposti stabilizzanti jista' jippermetti li jiġi evitat li dan it-tip ta' plastik ikollu effett negattiv fuq ir-riċiklaġġ tal-plastiks konvenzjonali. Studji oħra jistabbilixxu, skont ir-rikorrenti, li l-plastik ossobijodegradabbli jista' jiġi rriċiklat bl-istess mod bħall-plastik konvenzjonali.
- 109 Ir-raba', l-affermazzjoni li tgħid li l-plastik ossodegradabbli ma jagħtix vantaġġ ambjentali pprovat ma hija bbażata fuq ebda studju xjentifiku.
- 110 Permezz tat-tielet parti ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li projbizzjoni totali tat-tqegħid fis-suq taqbeż il-limiti ta' dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan ta' din id-direttiva u li jeżistu miżuri oħra inqas restrittivi. Għaldaqstant, l-imsemmija projbizzjoni tmur kontra l-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE.
- 111 Insostenn ta' din it-tielet parti, ir-rikorrenti jsostnu li kien possibbli li dan it-tip ta' plastik jiġi eskluż mill-projbizzjoni inkwistjoni, li jiġi impost it-twettiq ta' testijiet b'mod konformi ma' standard irrikonnoxxut sabiex tiġi evalwata l-bijodegradabbiltà tiegħu, li jkun meħtieġ li jkun fih marka li tippermetti separazzjoni awtomatika qabel ir-riċiklaġġ, li tiġi prevista, fir-rigward tiegħu, waħda mill-miżuri mhux projbittivi li jinsabu fl-Artikoli 4, 7, 8 u/jew 10 tad-Direttiva 2019/904, jew li jiġi impost ittikkettjar li jipprevjeni kull riskju ta' konfużjoni mill-konsumaturi. Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li, minflok ma pprojbixxew purament u sempliċement it-tqegħid fis-suq, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kellhom jipprevedu perijodu ta' tranżizzjoni.
- 112 Il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.
- 113 Il-Qorti Ġenerali tikkonstata li, għalkemm il-ksur tal-Artikolu 191 TFUE huwa allegat fil-kuntest biss tal-ewwel parti tat-tielet motiv ta' illegalità, għall-kuntrarju, il-ksur tal-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE, huwa allegat fil-kuntest tat-tliet partijiet ta' dan il-motiv. Għaldaqstant, dawn it-tliet partijiet għandhom jinġabru flimkien u għandu jiġi eżaminat, l-ewwel, il-ksur tal-Artikolu 191 TFUE u, it-tieni, il-ksur tal-Artikolu 5(4) TUE.

a) Fuq l-ewwel parti, sa fejn hija bbażata fuq ksur suffiċjentement serju tal-Artikolu 191 TFUE

- 114 Preliminarjament, għandu jifakkar li, kif indikat fil-punt 43 iktar 'il fuq, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu fil-qasam ambjentali taħt l-Artikoli 191 u 192 TFUE.
- 115 Għaldaqstant, l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni għandu jkun limitat għal eżami ta' jekk l-eżerċizzju ta' tali setgħa huwiex ivvizzjat minn żball manifest jew minn użu ħażin ta' poter jew jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni eċċediex manifestament il-limiti tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu (sentenza tat-8 ta' Lulju 2010, Afton Chemical, C-343/09, EU:C:2010:419, punt 28).
- 116 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 191(2) TFUE, il-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent hija bbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni. Skont l-Artikolu 191(3) TFUE, fl-iżvilupp tal-imsemmija politika, l-Unjoni għandha tiegħu inkunsiderazzjoni, fost l-oħrajn, id-data xjentifika u teknika disponibbli.
- 117 Issa, il-prinċipju ta' prekawzjoni jimplika li meta jkun hemm inċertezza dwar l-eżistenza jew il-portata ta' riskji għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem, jistgħu jittieħdu miżuri ta' protezzjoni qabel ma r-realtà u l-gravità ta' dawn ir-riskji jiġu stabbiliti kompletament. Meta jirriżulta impossibbli li jiġu ddeterminati b'ċertezza l-eżistenza jew il-portata tar-riskju allegat, minħabba n-natura mhux konklużiva tal-istudji mwettqa, iżda l-probabbiltà ta' ħsara reali għall-ambjent jew għas-saħħa pubblika teżisti fil-każ li r-riskju jimmaterjalizza ruħu, il-prinċipju ta' prekawzjoni jiġġustifika l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi (sentenza tas-6 ta' Meju 2021, Bayer CropScience u Bayer vs Il-Kummissjoni, C-499/18 P, EU:C:2021:367, punt 80). F'dan ir-rigward, l-istituzzjonijiet huma pprojbiti milli jadottaw approċċ purament ipotetiku tar-riskju u li jorjentaw id-deċiżjonijiet tagħhom għal livell ta' "riskju żero" (ara, b'analoġija, is-sentenzi tad-9 ta' Settembru 2003, Monsanto Agricoltura Italia et, C-236/01, EU:C:2003:431, punt 106; tat-12 ta' Diċembru 2014, Xeda International vs Il-Kummissjoni, T-269/11, mhux ippubblikata, EU:T:2014:1069, punti 55 u 56, u tas-17 ta' Marzu 2021, FMC vs Il-Kummissjoni, T-719/17, EU:T:2021:143, punt 69).
- 118 Konsegwentement, jekk mhux sabiex tadotta miżuri arbitrari, li ma jistgħu bl-ebda mod isiru leġittimi mill-prinċipju ta' prekawzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-miżuri li hija tadotta, anki jekk ikunu miżuri preventivi, ikunu bbażati fuq valutazzjoni xjentifika tar-riskji l-iktar eżawrjenti possibbli fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2010, Afton Chemical, C-343/09, EU:C:2010:419, punt 60; ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2014, Xeda International vs Il-Kummissjoni, T-269/11, mhux ippubblikata, EU:T:2014:1069, punt 57).
- 119 Din il-valutazzjoni xjentifika għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli u għandha titwettaq b'mod indipendenti, oġġettiv u trasparenti (ara b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2021, FMC vs Il-Kummissjoni, T-719/17, EU:T:2021:143, punt 70). Hija għandha tagħti lill-awtorità pubblika kompetenti informazzjoni affidabbli u solida biżżejjed sabiex tkun tista' tifhem il-portata kollha tal-kwistjoni xjentifika mressqa u sabiex tiddetermina l-politika tagħha b'għarfien sħiħ tal-fatti (ara b'analoġija, is-sentenzi tal-14 ta' Novembru 2013, ICdA et vs Il-Kummissjoni, T-456/11, EU:T:2013:594, punt 52, u tas-17 ta' Marzu 2021, FMC vs Il-Kummissjoni, T-719/17, EU:T:2021:143, punt 71).

- 120 Konsegwentement, l-adozzjoni tal-projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq, prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904 kienet tippreżupponi li, abbażi ta' evalwazzjoni xjentifika kemm jista' jkun eżawrjenti tar-riskji tal-prodotti mmanifatturati abbażi tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati setgħu, mingħajr ma jwettqu żball manifest ta' evalwazzjoni, iqisu li kien jeżisti riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem. Għandu jittfakkar ukoll li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 42 iktar 'il fuq, ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni tirriżulta biss meta l-ksur tad-dispożizzjoni legali inkwistjoni jkun suffiċjentement serju.
- 121 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tqis li, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, la l-fatt li ebda valutazzjoni tal-impatt ma twettqet fir-rigward tal-prodotti mmanifatturati abbażi tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, u lanqas il-fatt li l-Kummissjoni temmet il-proċedura ta' restrizzjoni prevista fl-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH u li, konsegwentement, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma kellhom la fajl imħejji mill-ECHA, jew proposta ta' restrizzjoni, u lanqas l-opinjonijiet tal-Kumitat tal-Istima tar-Riskji u tal-Kumitat ta' Analiżi Soċjo-ekonomika previsti mir-Regolament REACH ma jstabbilixxu li l-projbizzjoni tal-imsemmija prodotti, prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904, ġiet adottata mingħajr ma saret evalwazzjoni xjentifika kemm jista' jkun eżawrjenti tar-riskji li huma jippreżentaw. Fil-fatt, mill-punti 78 u 98 iktar 'il fuq jirriżulta li l-imsemmija istituzzjonijiet la kienu obbligati jwettqu tali valutazzjoni tal-impatt u lanqas li jsegu l-proċedura prevista fl-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH sabiex jadottaw l-imsemmija projbizzjoni. Sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 118 u 119 iktar 'il fuq, huwa biżżejjed li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati jkollhom, matul il-proċedura leġiżlattiva, informazzjoni affidabbli u solida biżżejjed sabiex ikunu jistgħu jifhmu l-portata kollha tal-kwistjoni xjentifika mressqa u jiddeterminaw il-politika tagħhom b'għarfien sħiħ tal-fatti, irrispettivament mill-oriġini u mill-forma ta' tali informazzjoni.
- 122 Issa, il-premessa 15 tad-Direttiva 2019/904 tiġġustifika l-estensjoni tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5 tagħha fir-rigward tal-prodotti mmanifatturati minn plastik ossodegradabbli, minħabba l-fatt li, l-ewwel, dan it-tip ta' plastik ma huwiex bijodegradabbli sew u għalhekk jikkontribwixxi għat-tniġġis tal-ambjent mill-mikroplastik, it-tieni, ma huwiex kompostabbli, it-tielet, għandu impatt negattiv fuq ir-riċiklaġġ tal-plastik konvenzjonali u, ir-raba', jonqos milli jagħti vantaġġ ambjentali pprovat.
- 123 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk, minkejja li ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt u li l-proċedura ta' restrizzjoni prevista fl-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH ma ntemmitx, kull waħda minn dawn l-erba' affermazzjonijiet hijiex bbażata madankollu fuq evalwazzjoni xjentifika kemm jista' jkun eżawrjenti tar-riskji li jippreżentaw il-prodotti mmanifatturati abbażi tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti u jekk, abbażi ta' tali evalwazzjoni, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati setgħux, mingħajr ma jwettqu żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, jikkonkludu li jeżistu riskji għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem.

1) Fuq l-affermazzjoni li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma huwiex bijodegradabbli sew

- 124 Fir-rigward tal-affermazzjoni li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma huwiex bijodegradabbli sew, għandu jiġi ppreċiżat, preliminarjament, li, skont definizzjoni, mhux ikkontestata mill-partijiet, li tinsab f'rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-effetti fuq l-ambjent tal-użu tal-plastik ossodegradabbli, u b'mod partikolari tal-basktijiet tal-plastik ossodegradabbli (COM (2018) 35 final), tas-16 ta' Jannar 2018 (iktar 'il quddiem ir-“rapport tas-16 ta' Jannar 2018”), il-bijodegradazzjoni hija l-proċess li permezz tiegħu materjal jiġi

fframmentat minn mikroorganiżmi u diżaggregat f'elementi naturali, jiġifieri diossidu tal-karbonju, bijomassa u ilma. Il-bijodegradazzjoni tista' sseħħ f'ambjent rikk fl-ossiġenu (bijodegradazzjoni aerobika) jew fqir fl-ossiġenu (bijodegradazzjoni anaerobika).

- 125 Fir-risposti tagħhom, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati qalu li kienu bbażaw ruħhom fuq l-evidenza li ġejja biex waslu għall-konklużjoni li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma huwiex bijodegradabbli sew: l-istudju Eunomia, imsemmi fil-punt 22 iktar 'il fuq, ir-rapport tas-16 ta' Jannar 2018, imsemmi fil-punt 124 iktar 'il fuq; rapport tal-Fondazzjoni Ellen MacArthur intitolat "Oxo Statement" ("Dikjarazzjoni oxo"), tas-6 ta' Novembru 2017 (iktar 'il quddiem id-"dikjarazzjoni oxo"); studju mwettaq minn S. Deconinck u B. De Wilde għal PlasticsEurope AISBL, assoċjazzjoni Ewropea ta' produttori tal-plastik, intitolata "Benefits and challenges of bio-and oxo-degradable plastics" ("Vantaġġi u sfidi ppreżentati mill-plastik bijodegradabbli u mill-plastik ossodegradabbli"), tad-9 ta' Awwissu 2013 (iktar 'il quddiem l-"istudju De Wilde"), u studju mwettaq mill-Università ta' Loughborough (ir-Renju Unit) għad-Dipartiment għall-Ambjent, għall-Ikel u għall-Affarijiet Rurali tal-Gvern tar-Renju Unit, intitolat "Assessing the Environmental Impacts of Oxo-degradable Plastics Across Their Life Cycle" ("Evalwazzjoni tal-Effetti Ambjentali tal-Plastik ossodegradabbli tul iċ-Ċiklu tal-Ħajja tiegħu"), ta' Jannar 2010 (iktar 'il quddiem l-"istudju tal-Università ta' Loughborough").
- 126 L-ewwel, l-istudju Eunomia jippreċiża li mhux ser juża l-frażi plastik "ossobijodegradabbli", peress li din tintuża mill-industrijalisti tal-plastik sabiex jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom bħala bijodegradabbli, iżda ser juża l-espressjoni ta' plastik "li fih addittiv pro-ossidanti", peress li din sempliċement tiddekrivi partikolarità fiżika tal-plastik inkwistjoni mingħajr ma tindika jekk huwiex bijodegradabbli.
- 127 L-istudju Eunomia juri li l-bijodegradazzjoni tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma hijiex possibbli fl-assenza ta' fażi preliminari li fiha l-plastik jiġi espost għar-radjazzjoni ultravjola u s-sħana. Din il-fażi preliminari għandha l-għan li tnaqqas, permezz tal-ossidazzjoni, il-massa molekulari tal-plastik sabiex issir tfarrik. L-imsemmi studju jindika li, mingħajr din il-fażi preliminari, il-bijodegradazzjoni ma sseħħx, jew isseħħ fi żmien ħafna itwal, għaliex il-plastik ma jkunx laħaq livell ta' frammentazzjoni suffiċjenti sabiex jiġi assorbit minn mikro-organiżmi. Peress li d-dawl u s-sħana jvarjaw skont il-kundizzjonijiet lokali, huwa diffiċli ħafna li jiġu stmati l-perijodu ta' żmien u l-livell ta' frammentazzjoni meħtieġa għall-bijodegradazzjoni. Madankollu, l-addittiv pro-ossidanti jaċċellera l-frammentazzjoni tal-plastik f'din il-fażi preliminari, b'tali mod li l-plastik li fih tali addittiv jifframmenta ruħu iktar malajr mill-plastik konvenzjonali meta jiġi espost għar-radjazzjoni ultravjola u għas-sħana.
- 128 Fir-rigward tal-fażi segwenti, jiġifieri l-bijodegradazzjoni nnifisha (assorbiment minn mikro-organiżmi), mill-istudju Eunomia jirriżulta li l-bijodegradazzjoni, fil-miftuħ, tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti hija biss parzjalment ipprovata. Għalkemm jidher li, fil-miftuħ, l-imsemmi plastik jista' jiddiżintegra, ma huwiex ċert li jiddiżintegra ruħu kompletament u f'perijodu ta' żmien raġonevoli. Fil-fatt, huwa biss fil-kuntest ta' esperimenti mwettqa fil-laboratorju li nkisbet bijodegradazzjoni sodisfaċenti (kważi integrali, fi żmien sentejn, l-iqsar perijodu osservat). Tali bijodegradazzjoni qatt ma ġiet osservata f'sitwazzjoni reali. Barra minn hekk, filwaqt li l-bijodegradazzjoni, fil-miftuħ, ta' plastik li fih addittiv pro-ossidanti tista' titqies li hija ħafna iktar mgħaġġla minn dik tal-plastik konvenzjonali, l-impatt negattiv fuq l-ambjent jista' jkun saħansitra ikbar matul din il-fażi ta' bijodegradazzjoni.

- 129 Fir-rigward tal-bijodegradazzjoni tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti meta jintrema fil-landfill, l-istudju Eunomia jikkonkludi li l-preżunzjoni li l-bijodegradazzjoni ma sseħħ hija sostnuta. Skont dan l-istudju, għalkemm jista' jkun hemm bijodegradazzjoni fis-saffi esterni tal-landfill, fejn l-imsemmi plastik huwa espost għall-ossiġenu (bijodegradazzjoni aerobika), għall-kuntrarju, il-bijodegradazzjoni hija baxxa, jew saħansitra ineżistenti, fis-saffi fondi tal-landfill, fejn hemm ftit ossiġenu. Madankollu, f'dawn is-saffi fondi, il-bijodegradazzjoni anaerobika hija possibbli. Minbarra dan, il-bijodegradazzjoni anaerobika tipproduċi l-metan, gass serra 25 darba iktar ta' ħsara mid-diossidu tal-karbonju prodott mill-bijodegradazzjoni aerobika. Għaldaqstant, il-plastik li fih addittiv pro-ossidanti huwa kemxejn iktar problematiku mill-plastik konvenzjonali, għaliex, għall-kuntrarju ta' dan tal-aħħar, huwa jista' jipproduċi emissjonijiet ta' gassijiet serra.
- 130 Fl-aħħar nett, skont l-istudju Eunomia, id-data xjentifika disponibbli ma hijiex biżżejjed biex jiġi ddeterminat jekk hemmx bijodegradazzjoni tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti fl-ambjent tal-baħar. L-imsemmi studju jsemmi, madankollu, li r-riżultati ta' ċerti esperimenti jissuġġerixxu li, f'ambjent bħal dan, dan it-tip ta' plastik jifframmenta ruħu iktar malajr mill-plastik konvenzjonali, iżda li l-bijodegradazzjoni tiegħu ssegwi ritmu ħafna iktar bil-mod milli fuq l-art, fil-miftuħ, li jfisser li tfarrik jista' jibqa' fl-ambjent b'mod indefinit jew għal perijodu twil biżżejjed sabiex jikkawża ħsara serja għall-ambjent.
- 131 It-tieni, skont ir-rapport tas-16 ta' Jannar 2018, li jirriproduċi l-konklużjonijiet tal-istudju Eunomia, espożizzjoni minn qabel tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti għas-sħana u/jew għar-radjazzjoni ultravjola hija kundizzjoni neċessarja sabiex, matul il-fażi sussegwenti, ikun hemm bijodegradazzjoni. Minn dan ir-rapport jirriżulta wkoll, fl-ewwel lok, li xejn ma jippermetti li jiġi konkluż b'ċertezza li l-bijodegradazzjoni fil-miftuħ ta' dan it-tip ta' plastik effettivament isseħħ f'sitwazzjoni reali. Fit-tieni lok, dejjem skont dan ir-rapport, il-bijodegradazzjoni tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti fil-landfill hija possibbli fis-saffi esterni tiegħu, iżda hija baxxa, jew saħansitra ineżistenti, fis-saffi fondi, fejn dan it-tip ta' plastik ikun iktar problematiku mill-plastik konvenzjonali mill-perspettiva ta' gassijiet serra. Fit-tielet lok, l-istess rapport jindika li d-data disponibbli ma tippermettix li jiġi affermat b'ċertezza li l-bijodegradazzjoni fl-ambjent tal-baħar isseħħ f'perijodu ta' żmien raġonevoli u li, fi kwalunkwe każ, din probabbilment tkun ħafna iktar bil-mod milli fuq l-art, fil-miftuħ, u tikkawża danni ambjentali kunsiderevoli.
- 132 Issa, kemm l-istudju Eunomia kif ukoll ir-rapport tas-16 ta' Jannar 2018 kienu disponibbli għat-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati matul it-tfassil u l-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904. Fil-fatt, huwa fis-16 ta' Jannar 2018, jiġifieri qabel l-adozzjoni, fil-5 ta' Ġunju 2019, ta' din id-direttiva, li l-imsemmi rapport ġie ppreżentat mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill, skont l-Artikolu 20a(2) tad-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 13, p. 349), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/720 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 (ĠU 2015, Vol. 115, p. 11). Fir-rigward tal-istudju Eunomia, dan huwa l-bażi tar-rapport tas-16 ta' Jannar 2018, li jirreferi għalih diversi drabi. Minn dan jirriżulta li l-imsemmi studju kien, huwa wkoll, disponibbli għat-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati qabel il-5 ta' Ġunju 2019.
- 133 It-tielet, id-dikjarazzjoni oxo tikkonferma li ma ġiex stabbilit li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti huwa bijodegradabbli sew f'perijodu ta' żmien raġonevoli. Din id-dikjarazzjoni, iffirmata minn diversi impriżi u organizzazzjonijiet professjonali, organizzazzjonijiet mhux governattivi, istituzzjonijiet, organi ta' riċerka, xjenzati u membri tal-Parlament Ewropew, tinsab fis-sit internet tal-Fondazzjoni Ellen MacArthur, li l-għan tagħha huwa li tippromwovi l-ekonomija ċirkolari.

Minn dan jirriżulta li huwa b'mod żbaljat li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti huwa kkummerċjalizzat bħala s-soluzzjoni għat-tniġġis mill-plastik u li huwa ppreżentat bħala bijodegradabbli f'perijodu ta' żmien raġonevoli. Fil-fatt, wara l-frammentazzjoni tal-imsemmi plastik fi tfarrik, il-bijodegradazzjoni tiddependi mill-kundizzjonijiet ambjentali, li huma varjabbli, u ħafna drabi ddum iktar fit-tul, jew saħansitra ħafna iktar fit-tul, minn ftit xhur jew anki snin. Matul dan il-perijodu ta' żmien, ikun għad hemm frammenti fl-ambjent, li jista' jkollhom impatt negattiv fuqu u fuq is-saħħa tal-bniedem.

- 134 Ma huwiex importanti li l-verżjoni inizjali tad-dikjarazzjoni oxo, ippubblikata fis-6 ta' Novembru 2017 u miġbura fil-qosor fil-punt preċedenti, tneħħiet f'Ġunju 2018 mis-sit internet tal-Fondazzjoni Ellen MacArthur sabiex din il-fondazzjoni tkun tista' teżamina l-ilment ta' terz, u lanqas li l-imsemmija dikjarazzjoni ġiet emendata qabel ma tqegħdet online f'Mejju 2019. Fil-fatt, l-emendi li saru fl-2019 jiċċaraw il-kontenut ta' din id-dikjarazzjoni, iżda ma jbidlux is-sens tagħha.
- 135 Issa, minn naħa, id-dikjarazzjoni oxo ġiet ippubblikata fis-sit internet tal-Fondazzjoni Ellen MacArthur, jiġifieri din hija fid-dominju pubbliku. Min-naħa l-oħra, tali pubblikazzjoni, kemm fir-rigward tal-verżjoni inizjali kif ukoll fir-rigward tal-verżjoni emendata tal-imsemmija dikjarazzjoni, tippreċedi l-adozzjoni, fil-5 ta' Ġunju 2019, tad-Direttiva 2019/904.
- 136 Barra minn hekk, ir-rapport tas-16 ta' Jannar 2018, li ġie stabbilit fil-punt 132 iktar 'il fuq li kien aċċessibbli għat-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati, jirreferi għad-dikjarazzjoni oxo.
- 137 Għaldaqstant, id-dikjarazzjoni oxo għandha titqies li kienet fid-dominju pubbliku u għalhekk aċċessibbli għat-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati waqt it-tfassil u l-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2010, Afton Chemical, C-343/09, EU:C:2010:419, punt 39).
- 138 Ir-raba', l-istudju De Wilde jikkonferma wkoll il-konklużjonijiet tal-istudju Eunomia u tar-rapport tas-16 ta' Jannar 2018 dwar il-bijodegradazzjoni tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti.
- 139 Fil-fatt, kif tirrileva l-Kummissjoni, mill-istudju De Wilde jirriżulta li, minkejja li żewġ artikli, wieħed ta' I. Jakubowicz, N. Yarahmadi, u V. Arthurson, intitolat "Kinetics of abiotic and biotic degradability of low-density polyethylene containing prodegradant additives and its effect on the growth of Microbial communities" ("Kinetika tad-degradabbiltà abijotika u bijotika tal-polietilen ta' densità baxxa li fiha addittivi pro-degradanti u l-effett tagħha fuq it- tkabbir tal-komunitajiet mikrobiċi"), ippubblikat f'Mejju 2011 (iktar 'il quddiem l-"istudju ta' Jakubowicz tal-2011"), u l-ieħor ta' E. Chiellini, A. Corti u G. Swift, intitolat "Biodegradation of Thermally-oxidised, Fragmented Low-density Polyethylenes" ("Bijodegradazzjoni tal-polietilene ta' densità baxxa, ifframmentata u ossidizzata bis-sħana"), tal-2003 (iktar 'il quddiem l-"istudju ta' Chiellini u Corti"), kienu indikaw perċentwali sinjifikattiva ta' bijodegradazzjoni ta' dan it-tip ta' plastik, l-artikli l-oħra kollha disponibbli juru livell ta' bijodegradazzjoni ineżistenti jew baxxa (ħafna). L-imsemmi studju jikkonkludi li l-kwistjoni dwar liema livell ta' bijodegradazzjoni jista' jilħaq il-plastik li fih addittiv pro-ossidanti hija s-suġġett ta' dibattitu.
- 140 Għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, is-sempliċi fatt li l-istudju De Wilde jmur lura għal Awwissu 2013 ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li dan l-istudju ma għadux validu. Fil-fatt, ir-rikorrenti, f'dan ir-rigward, sempliċement jagħmlu dikjarazzjoni ġenerali, mhux issostanzjata u mingħajr riferiment għal siltiet preċiżi tal-imsemmi studju.

- 141 Barra minn hekk, il-konklużjoni tal-istudju De Wilde dwar il-livell baxx, jekk mhux ineżistenti, ta' bijodegradazzjoni miksuba mill-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma tistax tiġi invalidata mill-fatt li t-testijiet li fuqhom huwa bbażat twettqu fil-laboratorju u mhux f'ambjent reali. Fil-fatt, din iċ-ċirkustanza ttieħdet inkunsiderazzjoni mill-imsemmi studju. Barra minn hekk, jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punti 127 u 133 iktar 'il fuq li l-kundizzjonijiet ambjentali huma varjabbli, u għalhekk diffiċli li jiġu riprodotti fil-laboratorju.
- 142 Fl-aħħar nett, minn naħa, l-istudju De Wilde ġie ppubblikat fuq l-internet, kif juri l-hyperlink li jinsab fin-nota ta' qiegħ il-paġna tar-risposta tal-Kummissjoni, jiġifieri li huwa fid-dominju pubbliku. Min-naħa l-oħra, l-istudju Eunomia, li ġie stabbilit fil-punt 132 iktar 'il fuq li kien aċċessibbli għat-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati qabel l-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904, jirreferi għall-istudju De Wilde. Minn dan jirriżulta li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 137 iktar 'il fuq, l-istudju De Wilde kien ukoll aċċessibbli għal dawn l-istituzzjonijiet waqt it-tfassil u l-adozzjoni tal-imsemmija direttiva.
- 143 Il-ħames, l-istudju tal-Università ta' Loughborough ukoll isostni l-konklużjonijiet tal-istudju Eunomia u r-rapport tas-16 ta' Jannar 2018 dwar il-bijodegradazzjoni tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti.
- 144 Fil-fatt, kif jirriveleva l-Parlament, mill-imsemmi studju jirriżulta li l-frammentazzjoni fi tfarrik ta' dan it-tip ta' plastik tiddependi mill-kundizzjonijiet ambjentali u li għalhekk huwa impossibbli li jiġi evalwat il-perijodu ta' żmien neċessarju għal dan, iżda din madankollu tidher li ddum, fil-miftuħ u fil-kundizzjonijiet tar-Renju Unit, minn sentejn sa ħames snin. Skont l-istess studju, il-bijodegradazzjoni tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, li tista' ssejtn biss wara l-imsemmija frammentazzjoni, issir bil-mod ħafna, b'tali mod li l-kelma "bijodegradabbli" hija kważi bla sens, sakemm ma tkunx akkumpanjata minn indikazzjoni tar-rata ta' bijodegradazzjoni u tal-kundizzjonijiet li fihom din issejtn, u preferibbilment bi tqabbil ma' standard rikonoxxut ħafna. L-istudju tal-Università ta' Loughborough jirakkomanda t-tweqqif ta' studji addizzjonali biex jiġi ddeterminat jekk hemmx bijodegradazzjoni sħiħa u, jekk dan ikun il-każ, f'liema perijodu ta' żmien.
- 145 Kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, mis-sempliċi fatt li l-istudju tal-Università ta' Loughborough sar f'Jannar 2010 ma jistax jiġi dedott li dan ma għadux validu. Fil-fatt, ir-rikorrenti sempliċement jagħmlu, f'dan ir-rigward, dikjarazzjoni ġenerali, mingħajr ma jippreċiżaw liema aspetti ta' dan l-istudju huma obsoleti u lanqas ma jipproduċu provi insostenn tal-affermazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, il-fatt li l-istudju tal-Università ta' Loughborough jissemma diversi drabi fl-istudju Eunomia, li jgħib id-data ta' April 2017, pjuttost jissuġġerixxi li dan għadu validu.
- 146 Barra minn hekk, il-konklużjoni tal-istudju tal-Università ta' Loughborough fir-rigward tal-inċertezza dwar il-bijodegradazzjoni tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma tistax tiġi kkontestata mid-dokument intitolat "OPA Response to Loughborough Report" ("Tweġiba tal-OPA għall-istudju tal-Università ta' Loughborough"), prodott mir-rikorrenti bħala anness mar-replika tagħhom lill-Parlament u lill-Kunsill. Skont dan id-dokument, l-imsemmi studju ħawwad il-plastik li fih addittiv pro-ossidanti mal-plastik idrobijodegradabbli.
- 147 Fil-fatt, għandu jittfakkar li l-prinċipju li jipprevali fid-dritt tal-Unjoni huwa dak tal-evalwazzjoni libera tal-provi, li jirregola l-proċeduri ta' appell, u li l-uniku kriterju sabiex jiġi evalwat il-valur tal-provi prodotti jinsab fil-kredibbiltà tagħhom. Barra minn hekk, sabiex jiġi evalwat il-valur probatorju ta' dokument, għandu jiġi vverifikat jekk l-informazzjoni inkluża fih hijiex plawżibbli

u għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-oriġini ta' dan id-dokument, iċ-ċirkustanzi li fihom tnejja, id-destinatarju tiegħu, u jekk, abbażi tal-kontenut tiegħu, jidhirx li huwa raġonevoli u affidabbli (sentenza tas-16 ta' Mejju 2019, GMPO vs Il-Kummissjoni, T-733/17, EU:T:2019:334, punt 60).

- 148 Issa, kif isostni, mingħajr ma ġie kontradett, il-Parlament, id-dokument imsemmi fil-punt 146 iktar 'il fuq għandu bħala awtur l-Oxo- Biodegradable Plastics Association (OPX), li l-uniċi diriġenti attivi tiegħu huma d-direttur finanzjarju u d-direttur ta' Symphony Environmental. Barra minn hekk, l-imsemmi dokument ma huwa akkumpanjat minn ebda prova li ssostni l-affermazzjonijiet li jinsabu fih.
- 149 Għaldaqstant, id-dokument inkwistjoni għandu biss valur probatorju dgħajfef (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2017, Bank Tejarat vs Il-Kunsill, T-346/15, mhux ippubblikata, EU:T:2017:164, punti 85 u 86).
- 150 Fl-aħħar nett, minn naħa, l-istudju tal-Università ta' Loughborough huwa disponibbli fuq is-sit internet tad-Dipartiment għall-Ambjent, għall-Ikel u għall-Affarijiet Rurali tal-Gvern tar-Renju Unit. Min-naħa l-oħra, l-imsemmi studju huwa ċċitat diversi drabi mill-istudju Eunomia, li fil-punt 132 iktar 'il fuq ġie stabbilit li kien disponibbli għat-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati qabel l-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904. Minn dan jirriżulta li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 137 iktar 'il fuq, l-istudju tal-Università ta' Loughborough kien, huwa wkoll, aċċessibbli għal dawn l-istituzzjonijiet.
- 151 Mill-punti 124 sa 150 iktar 'il fuq jirriżulta li, waqt it-tfassil u l-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kellhom evalwazzjoni xjentifika eżawrjenti tar-riskju li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma huwiex bijodegradabbli sew, u li huma setgħu, mingħajr ma jwettqu żball manifest ta' evalwazzjoni, iqisu tali riskju bħala stabbilit.
- 152 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-argument tar-rikorrenti li l-istudju Eunomia, ir-rapport tas-16 ta' Jannar 2018 u d-dikjarazzjoni oxo ma jiħdux inkunsiderazzjoni d-distinzjoni bejn plastik ossodegradabbli u plastik ossobijodegradabbli. Kif indikat fil-punt 14 iktar 'il fuq, il-bijodegradazzjoni ħafna iktar malajr tat-tieni tip ta' plastik u, għaldaqstant, l-eżistenza ta' distinzjoni bejn plastik ossodegradabbli u plastik ossobijodegradabbli hija, skont ir-rikorrenti, stabbilita minn diversi provi, li huma jilmentaw li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati li ma ħadux inkunsiderazzjoni. Il-provi disponibbli huma li ġejjin: l-ewwel, il-punti 23 u 24 tax-xhieda tal-President-Direttur Ġenerali tar-rikorrenti, tas-16 ta' Diċembru 2020 (iktar 'il quddiem id-“xhieda tal-President-Direttur Ġenerali tar-rikorrenti”); it-tieni, opinjoni dwar it-teknoloġija relatata mal-plastik ossobijodegradabbli, tat-2 ta' Novembru 2018 (iktar 'il quddiem l-“opinjoni tat-2 ta' Novembru 2018”); it-tielet, l-istudju mwettaq mill-Queen Mary University of London, intitolat “Microbial Degradation of Plastic in Aqueous Solutions demonstrated by CO₂ Evolution and Quantification” (“Degradazzjoni mikrobika tal-plastik f'soluzzjonijiet tal-ilma, murija mill-evoluzzjoni u l-kwantifikazzjoni taċ-CO₂”), ippubblikat fl-2020 (iktar 'il quddiem l-“istudju tal-Queen Mary University”); ir-raba', ir-rapport tal-Laboratoire d'Océanographie Microbienne de Banyuls-sur-Mer, (Franza), tal-4 ta' Settembru 2020; il-ħames, ir-risposta ta' Ignacy Jakubowicz, tal-21 ta' Awwissu 2017, għal dokument tal-Fondazzjoni Ellen MacArthur dwar l-addittivi ossodegradabbli u fotodegradabbli li jinsabu fil-plastik (iktar 'il quddiem ir-“risposta ta' I. Jakubowicz għall-Fondazzjoni Ellen MacArthur”); is-sitt, ix-xhieda tax-xjenzat anzjan ta' Symphony Environmental, tat-23 ta' Ġunju 2021 (iktar 'il quddiem “ix-xhieda tax-xjenzat anzjan ta' Symphony Environmental”), u, s-seba', l-istudju mwettaq mil-Laboratoire d'Océanographie Microbienne de Banyuls-sur-Mer, intitolat “Degradation, Biodegradation and toxicity of

- Oxo-biodegradable Plastics in the oceans” (“Degradazzjoni, bijodegradazzjoni u tossiċità tal-plastiks ossobijodegradabbli fl-oċeani”), tal-10 ta’ Marzu 2021 (iktar ’il quddiem l-“istudju Oxomar”).
- 153 L-ewwel, fir-rigward tal-punti 23 u 24 tax-xhieda tal-President-Direttur Ġenerali tar-rikorrenti, dan jafferma, fir-rigward tal-bijodegradazzjoni tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma wrewx li dan it-tip ta’ plastik ma huwiex bijodegradabbli sew; għalhekk, projbizzjoni totali tat-tqegħid fis-suq ma hijiex iġġustifikata; li l-imsemmija istituzzjonijiet ma evalwawx b’mod suffiċjenti l-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-intervent tagħhom, u li ma stabbilixxewx li l-prodotti tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti jinsabu fost l-iktar skart li jinstab ta’ spiss fuq il-bajjiet. Il-President-Direttur Ġenerali tar-rikorrenti jenfasizza wkoll li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati bl-ebda mod ma ħadu inkunsiderazzjoni l-opinjoni tal-ECHA, li ma kinitx konvinta li l-imsemmi plastik kien jifframmenta ruħu f’mikroplastiki.
- 154 Madankollu, il-legalità ta’ att tal-Unjoni għandha tiġi evalwata skont punti ta’ fatt u ta’ liġi eżistenti fid-data meta jkun ġie adottat l-att. B’mod partikolari, l-evalwazzjonijiet kumplessi magħmula mill-awtur tiegħu għandhom jiġu eżaminati biss abbażi tal-elementi li huwa kellu għad-dispożizzjoni tiegħu fil-mument meta għamel tali evalwazzjonijiet (ara, b’analoġija, is-sentenza tal-11 ta’ Settembru 2018, *Apimab Laboratoires et vs Il-Kummissjoni*, T-14/16, mhux ippubblikata, EU:T:2018:524, punti 124 u 137).
- 155 Għaldaqstant, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma jistgħux jiġu kkritikati li ma ħadux inkunsiderazzjoni x-xhieda tal-President-Direttur Ġenerali tar-rikorrenti, peress li din ġiet stabbilita speċifikament għal dan ir-rikors u għalhekk ġiet wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904.
- 156 Barra minn hekk, ix-xhieda inkwistjoni toriġina mill-President-Direttur Ġenerali tar-rikorrenti. Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 147 u 149 iktar ’il fuq, l-awtur tagħha ma jistax jiġi kklassifikat bħala indipendenti minnhom u għalhekk din ix-xhieda għandha biss valur probatorju dgħajef.
- 157 Ċertament, insostenn tal-affermazzjonijiet tiegħu, il-President-Direttur Ġenerali tar-rikorrenti jinvoka tliet dokumenti annessi max-xhieda tiegħu, jiġifieri, l-ewwel, studju mwettaq minn Eunomia Research & Consulting, intitolat “Analysis of Branded Items found on UK beaches” (“Analiżi tal-oġġetti bi trade mark li nstabu fuq il-bajjiet tar-Renju Unit”), tad-9 ta’ Mejju 2019, it-tieni, messaggġ elettroniku mibgħut minn aġent tal-ECHA lir-rikorrenti, tat-30 ta’ Ottubru 2018 u, it-tielet, l-ittra tat-30 ta’ April 2019, imsemmija fil-punti 35 u 55 iktar ’il fuq.
- 158 Fir-rigward tal-istudju msemmi fil-punt 157 iktar ’il fuq, il-President-Direttur Ġenerali tar-rikorrenti jsostni li dan l-istudju ma identifika l-ebda prodott tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti fost l-iskart misjub fuq il-bajjiet tar-Renju Unit. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li l-uniku għan ta’ dan l-istudju huwa li jiġu identifikati t-trade marks tad-diversi oġġetti misjuba fuq dawn il-bajjiet, sabiex jiġi ddeterminat liema impriżi qiegħdu dawn l-oġġetti fis-suq. Għaldaqstant, dan l-istudju ma jippreċiżax it-tipi ta’ plastik li minnhom huma komposti, jekk ikun il-każ, l-oġġetti misjuba.
- 159 Fir-rigward tal-messaggġ elettroniku msemmi fil-punt 157 iktar ’il fuq, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li din l-aġenzija tindika fih li ma hijiex “f’dan l-istadju, konvinta li l-mikroplastiki jiffurmaw ruħhom” mill-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, filwaqt li huwa ppreċiżat li l-kelma

“mikroplastiċi” ġeneralment tirreferi għal frammenti ta’ inqas minn 5 mm, li għandhom it-tendenza li jakkumulaw fl-ambjent minflok ma sseħħ il-bijodegradazzjoni tagħhom fi żmien raġonevoli. Għaldaqstant, dan il-messaġġ elettroniku ma jistax jitqies bħala teħid ta’ pożizzjoni soda tal-ECHA. Għall-kuntrarju, sa fejn l-ECHA tindika li għandha bżonn perijodu ta’ żmien addizzjonali sabiex tiddetermina jekk l-informazzjoni rċevuta turix il-formazzjoni ta’ mikroplastiċi u li għandha l-intenzjoni li titlob informazzjoni addizzjonali mingħand ir-rikorrenti, l-imsemmi messaġġ elettroniku juri d-dubji tal-ECHA dwar dan il-punt.

- 160 Fir-rigward tal-ittra tat-30 ta’ April 2019, għandu jifakkar li l-Kummissjoni titlob lill-ECHA sabiex ittemm il-proċedura ta’ restrizzjoni mibdija skont l-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH. Madankollu, l-imsemmija ittra ma tistax titqies li hija l-espressjoni ta’ nuqqas ta’ interess tal-Kummissjoni għall-kisba ta’ data xjentifika, peress li, kif jirriżulta mill-punt 121 iktar ’il fuq, hija tista’ tiġbor data xjentifika mingħand sorsi oħra.
- 161 Għaldaqstant, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma jistgħux jiġu kkritikati li ma ħadux inkunsiderazzjoni l-punti 23 u 24 tax-xhieda tal-President-Direttur Ġenerali tar-rikorrenti.
- 162 It-tieni, fir-rigward tal-opinjoni tat-2 ta’ Novembru 2018, ir-rikorrenti jgħidu li huma jibbażaw ruħhom fuq il-provi ċċitati fl-imsemmija opinjoni. Dawn huma, minn naħa, studju mwettaq minn B. Eyheraguibel u oħrajn, intitolat “Characterisation of oxidised oligomers from polyethylene films by mass spectrometry and NMR spectroscopy before and after biodegradation by a Rhodococcus rhodochrous strain” (“Karatterizzazzjoni ta’ oligomeri ossidizzati minn films tal-polietilen permezz ta’ spettrometrija tal-massa u spettroskopija NMR qabel u wara l-bijodegradazzjoni minn razza Rhodococcus rhodochrous”), tat-23 ta’ Mejju 2017, li jikkonstata rata ta’ bijodegradazzjoni ta’ 95% għal kampjun ta’ polietilen ta’ densità għolja li fih addittiv pro-ossidanti, wara espożizzjoni ta’ 240 jum għal batterju speċifiku tal-ħamrija. Min-naħa l-oħra, skont l-opinjoni tat-2 ta’ Novembru 2018, studju mwettaq minn C. Dussud u oħrajn, intitolat “Colonization of Non-biodegradable and Biodegradable Plastics by Marine Microorganisms” (“Kolonizzazzjoni ta’ mikro-organiżmi tal-baħar fuq plastik mhux bijodegradabbli u bijodegradabbli”), tat-18 ta’ Lulju 2018, jikkonkludi li l-kolonizzazzjoni tal-kampjuni tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti hija, wara 6 ġimgħat ta’ espożizzjoni għal ċerti batterji tal-baħar, 30 darbiet oġġla mill-kolonizzazzjoni tal-kampjuni ta’ plastik konvenzjonali.
- 163 Issa, għalkemm it-test tar-rikors jista’ jiġi sostnut u kkompletat, fir-rigward ta’ punti speċifiċi, b’riferimenti għal siltiet partikolari minn dokumenti li jkunu annessi miegħu, riferiment globali għal dokumenti oħra, anki annessi mar-rikors, ma jistax jikkumpensa għall-assenza tal-elementi essenzjali tal-argument ġuridiku, li, skont l-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura, għandhom ikunu fir-rikors. Barra minn hekk, ma huwiex id-dmir tal-Qorti Ġenerali li tfittex u tidentifika, fl-annessi, il-motivi u l-argumenti li fuqhom hija tista’ tikkunsidra li huwa bbażat ir-rikors, peress li l-annessi għandhom funzjoni purament probatorja u strumentali (sentenzi tal-11 ta’ Settembru 2014, *MasterCard et vs Il-Kummissjoni*, C-382/12 P, EU:C:2014:2201, punti 40 u 41, u tal-15 ta’ Ottubru 2020, *Zhejiang Jiuli Hi-Tech Metals vs Il-Kummissjoni*, T-307/18, non publiċ, EU:T:2020:487, punt 239).
- 164 F’dan il-każ, l-uniku riferiment, fir-rikors, għall-opinjoni tat-2 ta’ Novembru 2018 huwa riferiment, f’nota ta’ qiegħ il-paġna, għall-anness ta’ 14-il paġna li jinkludi dan l-avviż. F’din in-nota ta’ qiegħ il-paġna, ir-rikorrenti sempliċement jindikaw dan li ġej: “[a]ra, pereżempju, il-provi ċċitati fl-[opinjoni tat-2 ta’ Novembru 2018]”. L-iktar l-iktar, ir-rikorrenti josservaw, fl-istess nota ta’ qiegħ il-paġna, li din l-opinjoni issaħħaħ il-konklużjoni tagħhom li

- “l-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 5 hija bbażata fuq bażi żbaljata u/jew insuffiċjentement fondata, sa fejn din tapplika għall-plastik ossobijodegradabbli”, u li tenfasizza “l-kwistjonijiet li kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni”. Fir-repliki tagħhom lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, ir-rikorrenti sempliċement jew għamli riferiment ġenerali għall-anness li jinkludi l-opinjoni tat-2 ta’ Novembru 2018, jew inkella għamli riferiment għal 6 paġni tal-imsemmija opinjoni, mingħajr ma ppreċiżaw liema huwa l-argument rilevanti f’dawn is-6 paġni.
- 165 Barra minn hekk, peress li l-imsemmija opinjoni tfasslet minn avukat mingħajr ebda taħriġ xjentifiku, din ma tistax tingħadd mal-aħjar data xjentifika disponibbli fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 119 iktar ’il fuq. Barra minn hekk, minkejja li l-imsemmi avukat qal li ġie inkoraġġut jaġixxi bħala qorti indipendenti u jesprimi r-riżervi tiegħu meta jirrediġi l-opinjoni tiegħu, xorta jibqa’ l-fatt li huwa inkarigat u mħallas minn Symphony Environmental Technologies sabiex ifassal din l-opinjoni. Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 147 u 149 iktar ’il fuq, jista’ jiġi attribwit biss valur probatorju dgħajfef għall-opinjoni inkwistjoni.
- 166 Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li l-provi ċċitati fl-opinjoni tat-2 ta’ Novembru 2018 ma humiex prodotti fl-anness ta’ din l-opinjoni. It-tieni studju, jiġifieri dak ta’ C. Dussud u oħrajn, ma jinsabx fl-atti tal-proċess, filwaqt li l-ewwel studju, jiġifieri dak ta’ B. Eyheraguibel u oħrajn, jidher fihom biss għaliex ġie prodott mir-rikorrenti fl-istadju tar-replika. Għaldaqstant, ma huwiex possibbli li tiġi vverifikata b’eżattezza l-affidabbiltà ta’ din l-opinjoni.
- 167 Għaldaqstant, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma jistgħux jiġu kkritikati li ma ħadux inkunsiderazzjoni l-opinjoni tat-2 ta’ Novembru 2018.
- 168 It-tielet, fir-rigward tal-istudju tal-Queen Mary University, ir-rikorrenti jibbażaw ruħhom fuq silta tiegħu, minn fejn jirriżulta li, f’soluzzjoni tal-ilma, dan it-tip ta’ plastik jiddiżintegra ruħu 90 darba iktar malajr mill-plastik konvenzjonali.
- 169 F’dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-istudju tal-Queen Mary University jindika li applika metodu ġdid biex jittestja l-bijodegradabbiltà ta’ kampjun tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti. Dan il-metodu ġdid ma jikkonsistix fit-tqegħid tal-imsemmi kampjun fil-ħamrija, jiġifieri f’ambjent li la hija magħrufa l-konċentrazzjoni ta’ batterji u lanqas it-tip ta’ batterji li fih, iżda jikkonsisti fit-tqegħid ta’ batterju speċifiku fuq il-kampjun. Bl-applikazzjoni ta’ dan il-metodu, il-Queen Mary University tgħid li kkonstatat li tali kampjun, li ġie espost għal radjazzjoni ultravjola għal 450 siegħa, imbagħad għal batterju speċifiku tal-ħamrija, jindika wara 35 jum bijodegradazzjoni, 90 darba ogħla minn dik ta’ kampjun ta’ plastik konvenzjonali suġġett għall-istess trattament.
- 170 Madankollu, għalkemm it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma ħadux inkunsiderazzjoni l-istudju tal-Queen Mary University li ma kienx għadu disponibbli, huma kkunsidraw tal-inqas il-kontenut tiegħu. Fil-fatt l-istudju Eunomia jirreferi għal informazzjoni kkomunikata minn Dr. R. Rose, li hija waħda mill-awturi tal-istudju tal-Queen Mary University. F’dan ir-rigward, l-istudju Eunomia jenfasizza li l-metodu użat mill-Queen Mary University huwa ’l bogħod mill-ksib ta’ unanimità u li ma huwiex ċert li r-riżultati osservati fil-laboratorju minn din l-università jistgħu jinkisbu f’sitwazzjoni reali.

- 171 Barra minn hekk, l-istudju tal-Queen Mary University sar wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904, peress li dan sar f'Awwissu 2019 u ġie ppubblikat fl-2020. Għaldaqstant, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 154 iktar 'il fuq, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma jistgħux jiġu kkritikati li ma ħadux inkunsiderazzjoni l-imsemmi studju.
- 172 Ir-raba', fir-rigward tar-rapport tal-laboratorju ta' Banyuls-sur-Mer, ir-rikorrenti jenfasizzaw li dan jindika li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, b'mod partikolari dak prodott mir-rikorrenti, huwa bijodegradabbli fl-ambjent tal-baħar u dan b'mod ħafna iktar effikaċi mill-plastik konvenzjonali.
- 173 Madankollu, ir-rapport tal-laboratorju ta' Banyuls-sur-Mer, tal-4 ta' Settembru 2020, huwa sussegwenti għall-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904. Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 154 iktar 'il fuq, dan ma setax jittieħed inkunsiderazzjoni mit-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati. Fi kwalunkwe każ, l-imsemmi rapport ma huwiex studju xjentifiku li jippreżenta r-riżultati tat-testijiet imwettqa, iżda dokument ta' paġna u nofs li jippreżenta proġett imsejjaħ Oxomar.
- 174 Il-ħames, ir-rikorrenti jibbażaw ruħhom fuq it-tweġiba ta' I. Jakubowicz, professur assoċjat tar-Research Institutes of Sweden (RISE), lill-Fondazzjoni Ellen MacArthur. Huwa jindika li, fil-fehma tiegħu, “[i]l-proċess ta' degradazzjoni [tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti] ma huwiex limitat għal frammentazzjoni, iżda jikkonsisti f'bidla sħiħa tal-materjal[:] il-polimeru ta' piż molekulari għoli jifframmenta ruħu f'biċċiet monomeri u oligomeri, il-molekuli idrokarburi jsiru molekuli li fihom l-ossiġenu, li jistgħu jkunu bjoassorbiti”.
- 175 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li t-tweġiba ta' I. Jakubowicz lill-Fondazzjoni Ellen MacArthur hija sempliċi dikjarazzjoni ta' paġna u nofs, li ma tirreferi għal ebda studju xjentifiku. Anki jekk, kif tirrileva l-Kummissjoni, l-imsemmija tweġiba hija bbażata fuq żewġ artikli preċedenti, jiġifieri l-istudju ta' Jakubowicz tal-2011 u dak ta' Chiellini u Corti, ġie rrilevat fil-punt 139 iktar 'il fuq li, skont l-istudju De Wilde, l-opinjoni espressa minn dawn iż-żewġ artikli hija singolari. Barra minn hekk, l-imsemmija artikli huma debitament imsemmija fl-istudju Eunomia.
- 176 Għaldaqstant, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma jistgħux jiġu kkritikati li ma ħadux inkunsiderazzjoni t-tweġiba ta' I. Jakubowicz lill-Fondazzjoni Ellen MacArthur.
- 177 Is-sitt, fir-rigward tax-xhieda tax-xjenzat anzjan ta' Symphony Environmental, fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jibbażaw ruħhom fuqha sabiex iwieġbu għall-provi prodotti mit-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati fit-tweġiba tagħhom, jiġifieri, sabiex jistabbilixxu li teżisti distinzjoni bejn plastik ossodegradabbli u plastik ossobijodegradabbli. Ix-xjenzat anzjan ta' Symphony Environmental jirrileva, l-ewwel, li l-istandard TR 15351, imfassal mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u msemmi fl-istudju Eunomia, jiddistingwi l-ossodegradazzjoni, iddefinita bħala “degradazzjoni li tirriżulta mill-frazzjonament ossidattiv tal-makromolekuli”, mill-ossobijodegradazzjoni, iddefinita bħala “degradazzjoni li tirriżulta minn fenomeni ossidattivi u ffaċilitat permezz ta' ċelluli, simultanament jew suċċessivament”. It-tieni, il-kompożizzjoni kimika tal-plastik ossodegradabbli hija differenti minn dik tal-plastik ossobijodegradabbli, peress li l-addittiv pro-ossidanti li fih it-tieni wieħed jippermettilu jissodisfa d-definizzjoni tal-ossobijodegradazzjoni tal-istandard TR 15351. It-tielet, għalkemm ma hemm l-ebda standard Ewropew dwar l-ossobijodegradazzjoni, diversi standards u metodi nazzjonali jiddistingwu bejn plastik ossodegradabbli u plastik ossobijodegradabbli. Ir-raba', diversi xjenzati jsostnu l-eżistenza ta' tali distinzjoni.

- 178 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jibbażaw ruħhom fuq l-imsemmija xhieda sabiex jistabbilixxu li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti huwa bijodegradabbli. Ix-xjenzat anzjan ta' Symphony Environmental jargumenta, l-ewwel, li l-istudju Eunomia jirrikonoxxi li l-kwistjoni kruċjali ma hijiex jekk dan it-tip ta' plastik ikollux bijodegradazzjoni sħiħa, iżda jekk il-perijodu ta' żmien meħtieġ għaliha jistax jittqies aċċettabbli. It-tieni, il-bijodegradabbiltà tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti hija stabbilita permezz ta' diversi provi. It-tielet, huwa impossibbli li tiġi ttestjata l-bijodegradazzjoni f'ambjent reali u l-kundizzjonijiet fil-laboratorju huma ġeneralment inqas favorevoli għall-bijodegradazzjoni mill-kundizzjonijiet reali. Ir-raba', diversi studji juru l-bijodegradabbiltà fl-ambjent tal-baħar tal-imsemmi plastik.
- 179 Għandu jiġi rrilevat li x-xhieda tax-xjenzat anzjan ta' Symphony Environmental toriġina minn impjegat ta' waħda mir-rikorrenti, responsabbli mill-prodott d2w, li ġiet stabbilita fuq talba tar-rikorrenti u speċifikament għal dan ir-rikors, u li hija intiża sabiex tiddefendi l-interessi tagħhom. Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 147 u 149 iktar 'il fuq, din għandha biss valur probatorju dgħajjef. Barra minn hekk, peress li l-imsemmija xhieda ngħatat wara l-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 154 iktar 'il fuq, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma jistgħux jiġu kkritikati li ma ħaduhix inkunsiderazzjoni.
- 180 Huwa minnu li l-affermazzjonijiet tax-xjenzat anzjan ta' Symphony Environmental huma sostnuti minn dokumenti annessi max-xhieda tiegħu u li, fir-replika tagħhom, ir-rikorrenti jibbażaw ruħhom fuq tlieta minn dawn l-annessi, jiġifieri: fl-ewwel lok, ir-rapport imħejji mil-laboratorju Intertek għall-ECHA, intitolat “Oxo-biodegradable plastics and the microplastics: towards a logical approach” (“Il-plastik ossobijodegradabbli u l-mikroplastiki: lejn approċċ loġiku”), tal-24 ta' Mejju 2018 (iktar 'il quddiem ir-“rapport tal-laboratorju Intertek”); fit-tieni lok, kontribuzzjoni redatta minn xjenzat, intitolata “Evidence in Response to the UK Government's July 2019 Call for Evidence on Standards for Bio-Based, Biodegradable, and Compostable Plastics” (“Provi b'risposta għas-sejħa għal kontribuzzjonijiet immedija f'Lulju 2019 tal-Gvern Brittaniku dwar l-istandards għall-plastiks b'bażi bijoloġika, bijodegradabbli u kompostabbli”), tas-7 ta' Ottubru 2019 (iktar 'il quddiem il-“kontribuzzjoni tas-7 ta' Ottubru 2019”), u, fit-tielet lok, ir-riżultat ta' test imwettaq mil-laboratorju Eurofins fil-25 ta' Lulju 2017 (iktar 'il quddiem it-“test tal-laboratorju Eurofins tal-25 ta' Lulju 2017”).
- 181 Madankollu, u fi kwalunkwe każ, l-ebda wieħed minn dawn it-tliet annessi għax-xhieda tax-xjenzat anzjan ta' Symphony Environmental ma jsostni b'mod utli l-argument tar-rikorrenti.
- 182 Fil-fatt, fir-rigward tar-rapport tal-laboratorju Intertek, li jirrileva, b'mod partikolari, li “tkun xi tkun il-veloċità tad-degradazzjoni [tal-plastik ossobijodegradabbli], din isseħħ b'rata iktar mgħaġġla minn dik tal-plastik konvenzjonali” u li “d-differenzi bejn ir-riżultati tal-ftit studji li twettqu sa issa, huma kwistjoni ta' grad”, għandu jiġi enfasizzat li dan ir-rapport tnejja fuq talba ta' Symphony Environmental. Għaldaqstant, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 147 u 149 iktar 'il fuq, jista' biss jiġi rrikonoxxut lill-imsemmi rapport valur probatorju dgħajjef.
- 183 Fir-rigward tal-kontribuzzjoni tas-7 ta' Ottubru 2019, li tikkonkludi li “[h]uwa improbabbli ħafna li l-formazzjoni ta' mikroplastiki sseħħ fil-każ ta' plastik ossobijodegradabbli”, għandu jiġi ppreċiżat li din hija sussegwenti għall-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904. Skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 154 iktar 'il fuq, l-istituzzjonijiet ma jistgħux jiġu kkritikati li ma ħaduhix inkunsiderazzjoni. Fi kwalunkwe każ, il-kontribuzzjoni tas-7 ta' Ottubru 2019 ma hijiex studju

xjentifiku li jippreżenta r-riżultati tat-testijiet, iżda sempliċi dikjarazzjoni ta' 6 paġni, imfassla bi tweġiba għal sejħa għal kontribuzzjonijiet tal-Gvern tar-Renju Unit dwar ir-regoli relatati mal-plastik b'bażi bijoloġika, bijodegradabbli u kompostabbli.

- 184 Fir-rigward tat-test tal-laboratorju Eurofins tal-25 ta' Lulju 2017, imwettaq fuq kampjun ta' plastik li fih it-taħlita prinċipali d2w tar-rikorrenti, dan juri rata ta' bijodegradazzjoni ta' 88.86 %, miksuba f'121 jum. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li l-frammentazzjoni u l-assorbiment tal-plastik minn mikro-organiżmi jiddependu mill-kundizzjonijiet ambjentali. Issa, kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punti 127 u 133 iktar 'il fuq, l-imsemmija kundizzjonijiet huma varjabbli u ma jikkorrispondux għall-kundizzjonijiet ta' test imwettaq fil-laboratorju. Għaldaqstant, il-fatt li rata ta' bijodegradazzjoni ta' 88.86 % inkisbet fil-laboratorju ma jistabbilixxix li l-istess rata ser tinkiseb, fl-istess perijodu ta' żmien, f'sitwazzjoni reali.
- 185 Għaldaqstant, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma jistgħux jiġu kkritikati li ma ħadux inkunsiderazzjoni x-xhieda tax-xjenzat anzjan ta' Symphony Environmental, tar-rapport tal-laboratorju Intertek, tal-kontribuzzjoni tas-7 ta' Ottubru 2019 u tat-test tal-laboratorju Eurofins tal-25 ta' Lulju 2017.
- 186 Is-seba', fir-rigward tal-istudju Oxomar, prodott bħala anness għax-xhieda tax-xjenzat anzjan ta' Symphony Environmental, l-awturi tiegħu jikkonkludu li ċerti elementi juru li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti huwa bijodegradabbli fl-ambjent tal-baħar. Madankollu, huma jinjoraw jekk tali bijodegradazzjoni hijiex sħiħa.
- 187 Madankollu, l-istudju Oxomar, tal-10 ta' Marzu 2021, huwa sussegwenti għall-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904. Skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 154 iktar 'il fuq, l-istituzzjonijiet ma jistgħux jiġu kkritikati li ma ħadux inkunsiderazzjoni.
- 188 Barra minn hekk, l-imsemmi studju ma jistabbilixxix li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti jgħaddi minn bijodegradazzjoni sħiħa fl-ambjent tal-baħar fi żmien 2 snin. Għaldaqstant, ma jistax jiġi kkunsidrat li dan jinvalida, b'mod partikolari, il-konklużjonijiet tal-istudju Eunomia fuq dan il-punt.
- 189 Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat li, insostenn tal-argument tagħhom imsemmi fil-punt 152 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti jsostnu wkoll li l-istandard l-iktar użat fl-Ewropa sabiex tiġi ttestjata l-bijodegradabbiltà tal-plastik, jiġifieri l-istandard EN 13432, ma huwiex rilevanti fir-rigward tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti.
- 190 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma jallegawx li l-plastik li fih it-taħlit prinċipali d2w tagħhom jissodisfa l-istandard EN 13432, li l-istudju Eunomia jippreċiża li dan jeħtieġ, fir-rigward tad-degradazzjoni aerobika, rata ta' konverżjoni f'diossidu tal-karbonju u f'bijomassa ta' mill-inqas 90 % f'perijodu massimu ta' 6 xhur.
- 191 Huma jallegaw li l-istandard EN 13432 jevalwa l-bijodegradazzjoni ta' kampjun tal-plastik f'kundizzjonijiet partikolari, jiġifieri dawk tal-kompostaġġ industrijali. Minn dan huma jiddeduċu li, sa fejn il-plastik li fih it-taħlita prinċipali d2w ma huwiex prodott sabiex jiġi kompost u sa fejn ma huwiex ikkummerċjalizzat bħala kompostabbli, l-istandard EN 13432 ma huwiex rilevanti sabiex tiġi evalwata l-bijodegradazzjoni tiegħu. Huwa l-istandard Amerikan ASTM D 6954 li għandu jintuża sabiex titkejjel il-bijodegradazzjoni ta' dan it-tip ta' plastik, peress li dan huwa maħluq għal bijodegradazzjoni fil-miftuħ, u mhux fil-kundizzjonijiet partikolari tal-kompostaġġ industrijali.

- 192 Huwa minnu li l-istudju Eunomia jindika li, fil-livell tal-Unjoni, ma hemmx wieħed, iżda diversi standards li jippermettu li tiġi evalwata l-bijodegradabbiltà tal-plastik, li wħud minnhom huma metodi sempliċi, li xi wħud minnhom huma nazzjonali u huma f'evoluzzjoni kontinwa.
- 193 Huwa minnu wkoll li, peress li kull ambjent (kompostaġġ industrijali, ilma ħelu, ambjent tal-baħar, ħamrija u landfill) għandu l-kundizzjonijiet partikolari tiegħu stess, l-istandards li jippermettu li titkejjel il-bijodegradazzjoni f'ambjent partikolari ma jippermettux li dan jitkejjel fl-ambjenti l-oħra. Għalhekk, l-istudju Eunomia jindika li l-istandards applikabbli għall-bijodegradazzjoni permezz tal-kompostaġġ, fosthom l-istandard EN 13432, huma differenti mill-istandards għall-kejl tal-bijodegradazzjoni tal-ilma ħelu, fl-ambjent tal-baħar jew fil-ħamrija, kif ukoll mill-istandards maħsuba biex ikejlu d-degradazzjoni tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti. Dawn tal-aħħar ġew żviluppata reċentement. Fosthom hemm l-istandard Amerikan ASTM D 6954, l-istandard Britanniku BS 8472:2011 u l-istandard Franċiż AC T 51–808. L-istess studju jispeċifika li l-iżvilupp ta' standards li jkejlu b'mod speċifiku d-degradazzjoni tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti huwa spjegat mill-fatt li l-ebda waħda mill-istandards l-oħra ma teħtieġ espożizzjoni minn qabel tal-kampjun għal radjazzjoni ultravjola u/jew għas-šhana, filwaqt li, fin-nuqqas ta' tali espożizzjoni minn qabel, huwa kważi ċert li l-kampjun ma jkunx bijodegradabbli.
- 194 L-istudju Eunomia jispeċifika wkoll li l-produtturi tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma jikkummerċjalizzawhx bħala kompostabbli, skont l-istandard EN 13432, iżda jsostnu, għall-kuntrarju, li ma huwiex kompostabbli.
- 195 Fl-aħħar nett, mistoqsija permezz ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati qablu li l-istandard EN 13432 kien rilevanti sabiex tiġi evalwata l-bijodegradazzjoni tal-plastik permezz tal-kompostaġġ industrijali, iżda li standards oħra setgħu, skont l-użu previst, ikunu rilevanti sabiex tiġi evalwata l-bijodegradazzjoni tiegħu.
- 196 Madankollu, kif jirriveva l-istudju Eunomia, l-uniku ambjent li l-kundizzjonijiet tiegħu jistgħu jiġu riprodotti b'mod sodisfaċenti fil-laboratorju huwa l-kompostaġġ, għaliex dan huwa proċess industrijali, li huwa, bħala tali, ikkontrollat. Għaldaqstant, fir-rigward tal-ambjenti l-oħra, ir-riżultati tat-testijiet imwettqa fil-laboratorju ma humiex neċessarjament riproduċibbli f'sitwazzjoni reali. Għalhekk, anki jekk jitqies li kampjun ta' plastik li fih addittiv pro-ossidanti huwa suġġett għal test intiż sabiex jevalwa l-bijodegradazzjoni tiegħu f'kundizzjonijiet li ma humiex daww tal-kompostaġġ industrijali, skont standard differenti mill-istandard EN 13432, pereżempju l-istandard ASTM D 6954, ir-riżultat ta' dan it-test, imwettaq fil-laboratorju, ma jkunx neċessarjament riproduċibbli f'sitwazzjoni reali. Kif indikat fil-punt 184 iktar 'il fuq, għalkemm ir-riżultat tat-test imwettaq, fil-25 ta' Lulju 2017, mil-laboratorju Eurofins jindika li l-kampjun tal-plastik li fih it-taħlita prinċipali d2w jissodisfa l-istandard ASTM D 6954, peress li laħaq rata ta' bijodegradazzjoni ta' 88.86 %, dan ma jurix li l-istess rata ser tinkiseb f'sitwazzjoni reali.
- 197 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, kif indika l-Parlament b'risposta għall-miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura msemmija fil-punt 195 iktar 'il fuq, ma jeżistix standard unifikat, fil-livell tal-Unjoni, li jippermetti li tiġi evalwata l-bijodegradazzjoni tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, iżda biss standards nazzjonali, li l-kriterji u l-limiti tagħhom huma differenti. Pereżempju, skont l-istudju Eunomia, filwaqt li l-istandard Amerikan ASTM D 6954 jindika livell ta' 60 % ta' degradazzjoni, l-istandard Britanniku BS 8472 jistabbilixxi livell ta' 50 % ta' trasformazzjoni tal-massa tal-karbonju.

- 198 Fl-aħħar nett, mill-istudju Eunomia jirriżulta li l-kompostaġġ industrijali huwa, mill-ambjenti kollha, l-iktar aggressiv, jiġifieri l-iktar favorevoli għall-bijodegradazzjoni. Għalhekk, ma huwiex probabbli li kampjun ta' plastik li fih addittiv pro-ossidanti li ma huwiex bijodegradabbli sew fil-kundizzjonijiet tal-kompostaġġ industrijali u li ma jissodisfax l-istandard EN 13432, ikun bijodegradabbli sew f'ambjenti oħra, pereżempju fil-ħamrija jew fl-ambjent tal-baħar. Għalhekk ma jistax jitqies li l-istandard EN 13432 huwa irrilevanti għall-evalwazzjoni tal-bijodegradazzjoni ta' dan it-tip ta' plastik f'kundizzjonijiet differenti minn dawk tal-kompostaġġ industrijali.
- 199 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li, billi qiesu, abbażi ta' studji mwettqa skont l-istandard EN 13432, li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma huwiex bijodegradabbli sew, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma marrux lil hinn mil-limiti tas-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 115 iktar 'il fuq, huma għandhom fil-qasam ambjentali.
- 200 Għaldaqstant, l-argumenti tar-rikorrenti miġbura fil-qosor fil-punt 152 iktar 'il fuq ma jistgħux jintlaqgħu.
- 201 Għaldaqstant, mill-punti 124 sa 200 iktar 'il fuq jirriżulta li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kellhom evalwazzjoni xjentifika eżawrjenti kemm jista' jkun tar-riskju li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma huwiex bijodegradabbli sew u li huwa mingħajr ma wettqu żball manifest ta' evalwazzjoni li huma qiesu li kien jeżisti tali riskju.

2) Fuq l-affermazzjoni li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma huwiex kompostabbli

- 202 Fir-rigward tal-affermazzjoni li tinsab fil-premessa 15 tad-Direttiva 2019/904, li tgħid li l-plastik ossodegradabbli ma huwiex kompostabbli, għandu jiġi ppreċiżat li r-rapport tas-16 ta' Jannar 2018 jindika li l-kompostaġġ huwa bijodegradazzjoni mtejba, imwettqa taħt kundizzjonijiet ikkontrollati u essenzjalment ikkaratterizzati minn ventilazzjoni forzata u produzzjoni naturali ta' sħana li tirriżulta mill-attività bijoloġika fil-materjal.
- 203 Fir-risposti tagħhom, il-Kummissjoni u l-Parlament qalu li bbażaw ruħhom fuq l-istudju Eunomia, fuq ir-rapport tas-16 ta' Jannar 2018, fuq id-dikjarazzjoni oxo u fuq l-istudju ta' Wilde sabiex waslu għall-konklużjoni li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma kienx kompostabbli.
- 204 Kif indikat fil-punti 132, 135 u 142 iktar 'il fuq, dawn id-dokumenti kienu għad-dispożizzjoni tat-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati matul it-tfassil u l-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904.
- 205 Fil-fatt, mill-istudju Eunomia jirriżulta li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma huwa bijodegradabbli taħt ebda forma ta' kompostaġġ u li ma jissodisfax l-istandard EN 13432, li, kif indikat fil-punt 190 iktar 'il fuq, jeżiġi bijodegradazzjoni ta' 90 % f'perijodu ta' żmien ta' 6 xhur. L-istudju Eunomia jirrileva, f'dan ir-rigward, li l-ogħla perċentwali ta' bijodegradazzjoni miksuba fil-kuntest ta' studju xjentifiku hija ferm inqas minn 90 % u li din inkisbet f'terminu ta' żmien ferm iktar minn dawk fis-seħħ fl-industrija tal-kompostaġġ, b'tali mod li twassal għal riskju ta' tifrix ta' frammenti tal-plastik. Kif indikat fil-punt 194 iktar 'il fuq, l-imsemmi studju jindika wkoll li l-parti l-kbira tal-produtturi ta' dan it-tip ta' plastik ma jallegawx li dan huwa kompostabbli.

- 206 Ir-rapport tas-16 ta' Jannar 2018 jikkonferma li, skont id-data disponibbli, il-plastik ossodegradabbli ma huwa bijodegradabbli taħt ebda forma ta' kompostaġġ jew diġestjoni anaerobika u ma jissodisfa l-istandards applikabbli għall-imbagg li jista' jiġi rkuprat permezz tal-kompostaġġ attwalment fis-seħħ fl-Unjoni. Dan ir-rapport jinnota wkoll li jista' jkun li l-frammenti tal-plastik iġġenerati mill-proċess jagħmlu ħsara lill-kwalità tal-kompost.
- 207 Id-dikjarazzjoni oxo tindika, hija wkoll, li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma jissodisfa l-ebda standard applikabbli għall-imbagg tal-plastik jew għall-irkupru tal-plastik, għaliex il-bijodegradazzjoni tiegħu ddum wisq u li l-frammenti tal-plastik jistgħu jibqgħu fil-kompost u, għalhekk, ikollhom impatt fuq il-kwalità tiegħu, jew saħansitra jinxtardu fl-ambjent.
- 208 Bl-istess mod, l-istudju De Wilde jikkonkludi li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma jissodisfa id-diversi standards tal-kompostaġġ industrijali jew domestiku.
- 209 Mill-punti 202 sa 208 iktar 'il fuq jirriżulta li, waqt it-tfassil u l-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kellhom evalwazzjoni xjentifika eżawrjenti tar-riskju li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma huwiex kompostabbli u li huma setgħu, mingħajr ma jwettqu żball manifest ta' evalwazzjoni, iqisu l-eżistenza ta' tali riskju bħala stabbilita.
- 210 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-argument tar-rikorrenti li jgħid li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma ħadux inkunsiderazzjoni l-provi li, fil-fehma tagħhom, juru li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti huwa kompostabbli u li ma jikkostitwixxi riskju, jiġifieri, l-ewwel, il-punti 23 u 24 tax-xhieda tal-President-Direttur Ġenerali tar-rikorrenti, it-tieni, il-punti 56 u 58 tax-xhieda tax-xjenzat anzjan ta' Symphony Environmental, it-tielet, it-test tal-laboratorju Eurofins tal-25 ta' Lulju 2017 u, ir-raba', proposta tal-Kumitat tar-Reġjuni li jiġi emendat l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2019/904.
- 211 Għandu jiġi rrilevat li, fil-punti 23 u 24 tax-xhieda tiegħu, il-President-Direttur Ġenerali tar-rikorrenti sempliċement jafferma li, minn naħa, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma spjegawx għalfejn il-kompostaġġ tal-plastik ossodegradabbli huwa mixtieq u, min-naħa l-oħra, l-imsemmija istituzzjonijiet ma indikawx ir-raġunijiet għalfejn il-fatt li dan it-tip ta' plastik ma huwiex kompostabbli jikkostitwixxi riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem ta' natura li tiġġustifika l-projbizzjoni tiegħu.
- 212 Bl-istess mod, fil-punti 56 u 58 tax-xhieda tiegħu, ix-xjenzat anzjan ta' Symphony Environmental jafferma li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma kienx maħsub biex jissodisfa l-istandard EN 13432, li, għal ħafna raġunijiet, ma huwiex meħtieġ li dan it-tip ta' plastik ikun kompostabbli u li l-fatt li ma huwiex kompostabbli ma jiġġustifikax il-projbizzjoni tiegħu.
- 213 Madankollu, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma jistgħux jiġu kkritikati li ma ħadux inkunsiderazzjoni l-punti 23 u 24 tax-xhieda tad-Direttur Ġenerali tar-rikorrenti u tal-punti 56 u 58 tax-xhieda tax-xjenzat anzjan ta' Symphony Environmental, għar-raġunijiet indikati, rispettivament, fil-punti 155 u 156 u fil-punt 179 iktar 'il fuq.
- 214 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma jistgħux, sabiex juru li l-plastik li fih it-taħlita prinċipali d2w tagħhom huwa kompostabbli, isostnu li dan ġie suġġett b'suċċess għal testijiet imwettqa skont l-istandard ISO 14855, jiġifieri, b'mod partikolari, it-test tal-laboratorju Eurofins tal-25 ta' Lulju 2017. Fil-fatt, mill-punt 184 iktar 'il fuq jirriżulta li l-fatt li ċerta rata ta' bijodegradazzjoni nkisbet fil-laboratorju ma jistabbilixxi li l-istess rata ser tinkiseb, fl-istess żmien, f'sitwazzjoni reali.

- 215 Barra minn hekk, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma jistgħux jiġu kkritikati li ma ħadux inkunsiderazzjoni l-proposta tal-Kumitat tar-Regġuni, waqt ix-xogħol preparatorju tad-Direttiva 2019/904, ta' emenda tal-Artikolu 3 tagħha b'tali mod li ma jitqisux b'hal "plastik" ċerti polimeri sintetiċi, jiġifieri dawk li huma kkunsidrati b'hal bijodegradabbli skont l-istandard ASTM D 6002. Dawn huma polimeri sintetiċi li "jistgħu jkunu suġġetti għal dekompożizzjoni bijoloġika f'sit ta' kompostaġġ [...] sa livell komparabbli ma' dak ta' materjali meqjusa li huma kompostabbli". Fil-fatt, mill-imsemmija proposta ta' emenda ma jirriżultax li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti jinsab fost il-polimeri sintetiċi li jistgħu jkunu suġġetti għal tali dekompożizzjoni.
- 216 Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li r-rikorrenti jikkontradixxu ruħhom fir-rigward tan-natura kompostabbli tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti. Fil-fatt, huma jafferaw, fir-rikors, li "fir-realtà, il-plastik ossobijodegradabbli huwa kompostabbli". Madankollu, huma xorta waħda jirrikonoxxu, fir-repliki tagħhom, wara paragon bejn dan it-tip ta' plastik u l-plastik konvenzjonali, li dan tal-aħħar "lanqas" ma huwa kompostabbli u, fir-risposta tagħhom għall-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti "ma huwiex intiż li jiġi pproċessat f'impjanti kkontrollati tat-trattament tal-iskart".
- 217 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li n-natura mhux kompostabbli tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma jirrappreżentax riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem, għandu jiġi enfazzjat li n-natura mhux kompostabbli ta' dan it-tip ta' plastik, meħuda flimkien mal-fatt li ma huwiex bijodegradabbli sew, li ma huwiex riċiklabbli u li ma jagħtix vantaġġ ambjentali pprovat, għandha b'hal konsegwenza li, fil-miftuħ, dan jifframmenta ruħu f'mikroplastiki li jibqgħu fl-ambjent qabel ma eventwalment ikunu suġġetti għal bijodegradazzjoni. Għandu jiġi kkunsidrat li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 115 iktar 'il fuq, il-kwistjoni dwar jekk, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-fatt li ma huwiex bijodegradabbli sew, in-natura mhux kompostabbli tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti tikkostitwixxi riskju għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem taqax taħt is-setgħa ta' evalwazzjoni tat-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati.
- 218 Mill-punti 202 sa 217 iktar 'il fuq jirriżulta li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kellhom evalwazzjoni xjentifika kemm jista' jkun eżawrjenti tar-riskju li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma huwiex kompostabbli u li huwa mingħajr ma wettqu żball manifest ta' evalwazzjoni li huma qiesu li tali riskju kien jeżisti.

3) Fuq l-affermazzjoni li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti għandu impatt negattiv fuq ir-riċiklaġġ tal-plastik konvenzjonali

- 219 Fir-rigward tal-affermazzjoni li tinsab fil-premessa 15 tad-Direttiva 2019/904, li tgħid li l-plastik ossodegradabbli għandu impatt negattiv fuq ir-riċiklaġġ tal-plastiks konvenzjonali, għandu jiġi rrilevat li, fir-risposta u fil-kontroreplika tagħhom, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati jgħidu li bbażaw ruħhom fuq l-istudju Eunomia, fuq ir-rapport tas-16 ta' Jannar 2018, fuq id-dikjarazzjoni oxo u fuq l-istudju tal-Università ta' Loughborough insostenn ta' din l-affermazzjoni.
- 220 Kif indikat fil-punti 132, 135 u 150 iktar 'il fuq, dawn id-dokumenti kienu disponibbli għall-imsemmija istituzzjonijiet waqt it-tfassil u l-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904.
- 221 Skont l-istudju Eunomia, l-elementi miġbura jissuġġerixxu li t-teknoloġiji disponibbli b'hal ma jippermettux li jiġi identifikat il-plastik li fih addittiv pro-ossidanti biex jiġi sseparat minn plastik ieħor. Għalhekk jiġi rriċiklat bil-plastik konvenzjonali. Issa, dan jaffettwa l-kwalità tal-plastik irriċiklat. Għalkemm l-użu ta' komposti stabilizzanti jippermetti, f'ċerti każijiet, li tiġi evitata tali

- deterjorazzjoni tal-kwalità tal-plastik riċiklat, ikun madankollu diffiċli li tiġi ddeterminata l-kwantità ta' stabilizzaturi meħtieġa, peress li din tiddependi mill-konċentrazzjoni u mit-tip ta' addittiv pro-ossidanti użat.
- 222 Barra minn hekk, l-istudju Eunomia jindika li d-degradazzjoni, qabel ir-riċiklaġġ tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti jidher li taffetwa l-kwalitajiet fiżiċi u t-tul tal-ħajja tal-plastik riċiklat. Minn dan l-istudju huwa dedott li l-plastik irriċiklat ma huwiex adattat għall-użi finali kollha u b'mod partikolari ma għandux jintuża għal prodotti b'ħajja twila. Madankollu, huwa possibbli li jiġi prodott plastik irriċiklat li jista' jintuża għal prodotti b'ħajja iqsar. L-istudju Eunomia jikkonkludi li, jekk il-plastik irriċiklat ikun fih il-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, dan ikollu impatt negattiv fuq il-possibbiltà ta' kummerċjalizzazzjoni tal-plastik irriċiklat, il-kwalità tiegħu u l-prezz tiegħu.
- 223 Ir-rapport tas-16 ta' Jannar 2018, li jinkorpora l-konklużjonijiet tal-istudju Eunomia, jafferma li t-teknoloġiji disponibbli bħalissa ma jippermettux lill-impriżi jipproċessaw mill-ġdid jidentifikaw u jiżolaw il-plastik li fih addittiv pro-ossidanti u li għalhekk dan jiġi neċessarjament irriċiklat bil-plastik konvenzjonali, li jista' jwassal għal deterjorament fil-kwalità tal-materjali irriċiklati. Id-dożaġġ tal-komposti stabilizzanti li jistgħu jipprevjenu tali deterjorament huwa diffiċli. Barra minn hekk, skont l-imsemmi rapport, huwa impossibbli li jiġi kkontrollat il-livell ta' tiqdim tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti qabel ma dan jiġi rriċiklat. Ir-rapport tas-16 ta' Jannar 2018 jenfasizza l-effett negattiv ta' dawn l-elementi fuq il-prezz tal-plastik riċiklat u jikkonkludi li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma huwiex riċiklabbli.
- 224 Id-dikjarazzjoni oxo tindika wkoll li t-teknoloġiji attwali ma jippermettux li jiġi sseparat il-plastik li fih addittiv pro-ossidanti mill-plastik konvenzjonali u li huwa diffiċli li jiġi evalwat kemm il-livell ta' tiqdim tiegħu, kif ukoll l-ammont ta' komposti stabilizzanti meħtieġa għall-prevenzjoni tad-degradazzjoni tal-plastik irriċiklat. L-imsemmija dikjarazzjoni tiddeduċi minn dan li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma huwiex riċiklabbli fuq skala kbira.
- 225 Bl-istess mod, l-istudju tal-Università ta' Loughborough jindika li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma huwiex riċiklabbli, minħabba l-preżenza fil-materjal riċiklat ta' addittivi pro-ossidanti li jaċċelleraw id-degradazzjoni tiegħu. Iż-żieda ta' komposti stabilizzanti hija delikata, minħabba l-inċertezza dwar il-kwantità ta' stabilizzaturi meħtieġa u l-livell ta' ossidazzjoni li diġà ntlaħaq.
- 226 Mill-punti 219 sa 225 iktar 'il fuq jirriżulta li, waqt it-tfassil u l-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kellhom evalwazzjoni xjentifika eżawrjenti tar-riskju tal-impatt negattiv tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti fuq ir-riċiklaġġ tal-plastiks konvenzjonali, u li huma setgħu, mingħajr ma jwettqu żball manifest ta' evalwazzjoni, iqisu l-eżistenza ta' tali riskju bħala stabbilita.
- 227 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata bl-argument tar-rikorrenti li l-imsemmija istituzzjonijiet naqsu milli jieħdu inkunsiderazzjoni d-dokumenti segwenti: l-ewwel, ir-rapport tal-laboratorju Awstrijak TCKT, intitolat “Effect of mechanical recycling on the properties of films containing oxo-biodegradable additive” (“Effett tar-riċiklaġġ mekkaniku fuq il-proprjetajiet tal-films li fihom addittiv osso-bijodegradabbli”), tas-17 ta' Marzu 2016 (iktar 'il quddiem ir-“rapport tal-laboratorju TCKT ta' Marzu 2016”); it-tieni, rapport ieħor tal-istess laboratorju, intitolat “Weathering study on LDPE (with and without d2w/oxobiodegradable additive)” (“Studju tat-tibdil tal-LDPE (bi u mingħajr addittiv d2w/osso-bijodegradabbli)”), tas-27 ta' Lulju 2016 (iktar 'il quddiem ir-“rapport tal-laboratorju TCKT ta' Lulju 2016”); it-tielet, rapport tal-laboratorju tal-Afrika t'Isfel Roediger, intitolat “Recycling report on d2w oxo-

- biodegradable plastics” (“Rapport dwar ir-riċiklaġġ tal-plastik osso-bijodegradabbli d2w”), tal-21 ta’ Mejju 2012 (iktar ’il quddiem ir-“rapport tal-laboratorju Roediger”); ir-raba’, studju ta’ M. D. Samper, u oħrajn, intitolat “Interference of Biodegradable Plastics in the Polypropylene Recycling Proċess” (“Interferenza tal-plastiks bijodegradabbli fil-proċess ta’ riċiklaġġ tal-polipropilen”), tal-2018 (iktar ’il quddiem l-“istudju ta’ M. D. Samper”); u, il-ħames, il-punti 48 sa 52 tax-xhieda tax-xjenzat anzjan ta’ Symphony Environmental.
- 228 Huwa minnu li mir-rapport tal-laboratorju TCKT ta’ Marzu 2016 jirriżulta li l-materjal irriċiklat miksub minn plastik li fih it-taħlita prinċipali d2w jista’ jintuża għal prodotti b’ħajja qasira, bħal boroż taż-żibel jew basktijiet tax-xiri. Barra minn hekk, mir-rapport tal-istess laboratorju ta’ Lulju 2016, li għandu l-għan li jeżamina jekk il-basktijiet tax-xiri tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti jistgħux jiġu rriċiklati sabiex jimmanifatturaw minnhom prodotti tal-plastik oħxon għal użu fit-tul, jirriżulta li, għalkemm il-preżenza, fil-materjal irriċiklat, ta’ plastik li fih addittiv pro-ossidanti jista’ jkollha effetti negattivi, bħaż-żieda fix-xquq fis-superfiċje, tali effetti negattivi ma jseħħux meta jiżdied kompost stabilizzanti. Ir-rapport tal-laboratorju Roediger jindika wkoll li l-preżenza ta’ plastik li fih it-taħlita prinċipali d2w ma għandha l-ebda impatt negattiv sinjifikattiv fuq il-materjal riċiklat.
- 229 Madankollu, kemm ir-rapport tal-laboratorju TCKT ta’ Marzu 2016 kif ukoll dak tal-laboratorju Roediger jissemmew fl-istudju Eunomia. Issa, kif indikat fil-punt 132 iktar ’il fuq, din kienet disponibbli għat-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati matul it-tfassil u l-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904. Għaldaqstant, l-imsemmija istituzzjonijiet ma jistgħux jiġu kkritikati li ma ħadux inkunsiderazzjoni dawn iż-żewġ rapporti.
- 230 Barra minn hekk, mill-istudju Eunomia jirriżulta li r-rapport tal-laboratorju TCKT ta’ Marzu 2016 u dak tal-laboratorju Roediger, it-tnejn ġew ordnati mill-industrija tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti. Barra minn hekk, mir-rapport tal-laboratorju TCKT ta’ Lulju 2016 jirriżulta li dan sar fuq talba tar-rikorrenti. Għaldaqstant, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 147 u 149 iktar ’il fuq, jista’ jingħata biss valur probatorju dgħajef lil dawn it-tliet rapporti, b’mod partikolari għal dak tal-laboratorju TCKT ta’ Lulju 2016.
- 231 Fl-aħħar nett, l-istudju Eunomia jirrileva inkoeerenza fir-riżultati mniżżla fir-rapport tal-laboratorju Roediger, mingħajr ma l-imsemmi rapport jispjega din l-inkoeerenza. Dan l-istudju jinnota wkoll li huwa diffiċli li jingħata kreditu lill-konklużjonijiet tar-rapport tal-laboratorju TCKT ta’ Marzu 2016, minħabba n-nuqqas ta’ ċarezza dwar, b’mod partikolari, l-evoluzzjoni tad-diversi kampjuni, fejn kull wieħed minnhom fih perċentwali differenti ta’ plastik li fih addittiv pro-ossidanti.
- 232 Fir-rigward tal-istudju ta’ M. D. Samper, għandu jiġi rrilevat, bħalma għamlet il-Kummissjoni, li dan ma jirrigwardax ir-riċiklaġġ tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, iżda dak tal-polimeri bijodegradabbli. Mill-fatt li t-tqegħid fis-suq tat-tip ta’ plastik li huwa s-suġġett tal-istudju ta’ M. D. Samper ma kienx ipprojbit, minkejja li ma huwiex tajjeb għar-riċiklaġġ, ma jistax jiġi dedott li t-tqegħid fis-suq tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti lanqas ma għandu jiġi pprojbit. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 115 iktar ’il fuq, id-determinazzjoni tal-eżistenza tar-riskju rrappreżentat minn kull tip ta’ plastik taqa’ taħt il-marġni ta’ evalwazzjoni tat-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati.
- 233 Fl-aħħar nett, fir-rigward tax-xhieda tax-xjenzat anzjan ta’ Symphony Environmental, huwa minnu li l-punti 48 sa 52 tagħha, li għalihom jirreferu r-replika, jindikaw, b’mod partikolari, li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti jista’ jiġi rriċiklat bl-istess mod bħall-plastik konvenzjonali u

li ma hemmx bżonn li dan jiġi sseparat minnu biex jiġi rriċiklat. Madankollu, għar-raġunijiet indikati fil-punt 179 iktar 'il fuq, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma jistgħux jiġu kkritikati li ma ħadux inkunsiderazzjoni l-punti 48 sa 52 tax-xhieda tax-xjenzat anzjan ta' Symphony Environmental.

234 Mill-punti 219 sa 233 iktar 'il fuq jirriżulta li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kellhom evalwazzjoni xjentifika kemm jista' jkun eżawrjenti tar-riskju li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti għandu impatt negattiv fuq ir-riċiklaġġ tal-plastik konvenzjonali u li huwa mingħajr ma wettqu żball manifest ta' evalwazzjoni li huma qiesu li kien jeżisti tali riskju.

4) Fuq l-affermazzjoni li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma jagħtix vantaġġ ambjentali pprovat

235 Fir-rigward tad-dikjarazzjoni li tinsab fil-premessa 15 tad-Direttiva 2019/904, li tgħid li l-plastik ossodegradabbli ma jagħtix vantaġġ ambjentali pprovat, il-Parlament u l-Kummissjoni jsostnu li bbażaw ruħhom, rispettivament, fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni tas-16 ta' Jannar 2018 intitolata "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari" (COM(2018) 28 final) u fuq l-istudju De Wilde.

236 Issa, l-istudju De Wilde, li għandu l-għan li jevalwa, b'mod partikolari, il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-plastik ossodegradabbli meta mqabbel mal-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-plastik hekk imsejjaħ bijodegradabbli, sempliċement jikkonkludi li tal-ewwel ma humiex bijodegradabbli, mingħajr ma jindika vantaġġi pprovati. Fuq kollox, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fil-punt preċedenti tindika, fil-paġna 17, li "ċerti materjali alternattivi li allegatament huma bijodegradabbli, bħal 'plastik ossodegradabbli', irriżultaw li ma jagħtu l-ebda benefiċċju ambjentali pprovat meta mqabbla mal-plastik konvenzjonali, filwaqt li l-frammentazzjoni rapida tagħhom f'mikroplastiki toħloq tħassib". Barra minn hekk, mill-evalwazzjonijiet xjentifiċi tal-biodegradazzjoni, tal-kompostaġġ u tar-riċiklaġġ tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, imsemmija fil-punti 124 sa 234 iktar 'il fuq, ma jirriżultax li dan it-tip ta' plastik jagħti, taħt wieħed minn dawn l-aspetti, vantaġġi pprovat.

237 Madankollu, minn naħa, ir-rikorrenti jsostnu li l-imsemmija istituzzjonijiet kellhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament dwar il-proposta għal direttiva, li rakkomanda li jiġi ddefinit b'mod ċar il-plastik bijodegradabbli.

238 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti jqisu bħala partikolarment indikattiv il-fatt li, fl-opinjonijiet tagħhom dwar il-proposta għal direttiva, rispettivament, tat-3 u tal-11 ta' Ottubru 2018, il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel tal-Parlament ipproponew li jiġi pprobit it-tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossodegradabbli, mingħajr madankollu ma ressqu ebda ġustifikazzjoni f'dan ir-rigward.

239 Issa, skont l-Artikolu 59(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew (ĠU 2019, L 302, p. 1), il-pożizzjoni tiegħu fis-sens tal-Artikolu 294(3) TFUE għandha tiġi adottata permezz ta' vot f'sessjoni plenarja u mhux permezz tal-opinjoni ta' wieħed mill-kumitati tiegħu. Għalhekk, huwa irrilevanti l-fatt li kumitat, bħall-Kumitat tas-Sajd, ikollu opinjoni differenti minn dik adottata fis-sessjoni plenarja. Iktar u iktar, huwa irrilevanti l-fatt li kumitat, bħall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza

tal-Ikel, ma jiġġustifikax l-opinjoni tiegħu. Għaldaqstant, il-Parlament ma jistax jiġi kkritikat, u wisq inqas ma jistgħu jiġu kkritikati l-Kunsill u l-Kummissjoni, għal nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' tali opinjonijiet.

240 Mill-punti 235 sa 239 iktar 'il fuq jirriżulta li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kellhom evalwazzjoni xjentifika kemm jista' jkun eżawrjenti tal-vantaġġi ambjentali possibbli tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti u li huma setgħu, mingħajr ma jwettqu żball manifest ta' evalwazzjoni, jikkonkludu li ma kienx hemm vantaġġi pprovat.

241 Għaldaqstant, l-imsemmija istituzzjonijiet kellhom evalwazzjoni xjentifika kemm jista' jkun eżawrjenti tar-riskji msemmija fil-premessa 15 tad-Direttiva 2019/904, jiġifieri li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma huwiex bijodegradabbli, li ma huwiex kompostabbli, li għandu impatt negattiv fuq ir-riċiklaġġ tal-plastik konvenzjonali u li ma jagħtix vantaġġ ambjentali pprovat. L-imsemmija istituzzjonijiet setgħu għalhekk, mingħajr ma jwettqu żball manifest ta' evalwazzjoni, iqisu l-eżistenza ta' dawn ir-riskji bħala stabbiliti.

5) Fuq il-lista annessa mar-replika, li tinkludi d-dokumenti kollha li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati allegatament naqsu milli jieħdu inkunsiderazzjoni

242 Fl-aħħar nett, għandu jiġi ppreċiżat li r-rikorrenti pproduċew, fl-anness għar-replika, lista li tirriproduċi d-dokumenti kollha li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati, skont ir-rikorrenti, naqsu milli jieħdu inkunsiderazzjoni (iktar 'il quddiem il-“lista annessa mar-replika”).

243 Il-parti l-kbira tad-dokumenti li jinsabu f'din il-lista diġà ġew eżaminati iktar 'il fuq.

244 Fost dawk li ma kinux suġġetti għal tali eżami, uħud huma sussegwenti għall-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904, jiġifieri: l-ewwel nett, l-istandard tar-Renju Unit PAS 9017: 2020, ta' Ottubru 2020; it-tieni nett, l-istudju ta' A. S. Babetto, C. Antunes, S. H. P. Bettini, u B. C. Bonse, intitolat “A Recycling-Focused Assessment of the Oxidative Thermomechanical Degradation of HDPE Melt Containing Pro-oxidant” (“Evalwazzjoni ffokata fuq ir-riċiklaġġ tad-degradazzjoni ossidattiva termomekkanika tal-polietilene ta' densità għolja mdewba li fiha pro-ossidant”), ippubblikata fuq l-internet fil-21 ta' Diċembru 2019; it-tielet nett, l-istudju ta' S. Saikrishnan, D. Jubinville, C. Tzoganakis, u T. H. Mekonnen, intitolat “Thermo-mechanical degradation of polypropylene (PP) and low-density polyethylene (LDPE) blends exposed to simulated recycling” (“Degradazzjoni termomekkanika ta' taħlitiet ta' polipropilen (PP) u polietilene ta' densità baxxa (LDPE) esposti għal riċiklaġġ simulat”), ippubblikat f'Diċembru 2020; u, ir-raba' nett, l-istudju ta' D. Åkesson, G. Kuzhanthaivelu, u M. Bohlén intitolat “Effect of a Small Amount of Thermoplastic Starch Blend on the Mechanical Recycling of Conventional Plastics” (“Effett ta' taħlita żgħira ta' lamtu termoplastiku fuq ir-riċiklaġġ mekkaniku tal-plastik konvenzjonali”), ippubblikat fl-24 ta' Ottubru 2020. Skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 154 iktar 'il fuq, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma jistgħux jiġu kkritikati li ma ħadux inkunsiderazzjoni dawn l-erba' dokumenti.

245 Wieħed mid-dokumenti fil-lista annessa mar-replika huwa msemmi fl-istudju Eunomia, li kien aċċessibbli għat-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati matul it-tfassil u l-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904. Dawn għalhekk ħaduhom inkunsiderazzjoni. Dan huwa l-istudju ta' I. Jakubowicz u J. Enebro, intitolat “Effects of Reprocessing of Oxobiodegradable and Non-degradable Polyethylene on the Durability of Recycled Materials” (“Effetti tar-riċiklaġġ tal-polietilene ossobijodegradabbli u tal-polietilene mhux degradabbli fuq is-solidità tal-materjali riċiklati”), ta' Marzu 2012.

- 246 Dokument ieħor li jinsab fil-lista annessa mar-replika, jiġifieri l-Anness A.27 tar-rikors, li jinkludi ittri indirizzati minn xjenzati lill-ECHA fir-rigward tal-plastik ossobijodegradabbli, huwa biss is-suġġett ta' riferiment ġenerali fir-rikors. Fil-fatt, dan sempliċement jindika li l-imsemmija ittri ntbagħtu bi tweġiba għall-konsultazzjoni pubblika mnedija mill-ECHA dwar dan it-tip ta' plastik u li l-awturi tagħhom jopponu l-projbizzjoni tiegħu. Issa, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 163 iktar 'il fuq, ma hijiex il-Qorti Ġenerali li għandha tidentifika, fost l-ittri li jinsabu fl-Anness A.27, li jammontaw għal 100 paġna u iktar minn 30 messaġġ elettroniku, liema huma rilevanti, affidabbli u ddokumentati, u lanqas li tiddetermina liema huwa l-argument tar-rikorrenti li huma jsostnu. Ir-repliki, huma wkoll, jagħmlu biss riferiment ġenerali għal dan l-anness. Madankollu, hemm eċċezzjoni, li tikkonċerna ittra ta' Dr. R. Rose tat-3 ta' Mejju 2018. Dan huwa s-suġġett ta' riferiment speċifiku fir-rikors u fir-repliki. Madankollu, dan huwa ċċitat insostenn tar-raba' motiv ta' illegalità u għalhekk ser jiġi eżaminat fil-kuntest tiegħu.
- 247 Fl-aħħar nett, wieħed mid-dokumenti fil-lista annessa mar-repliki ma huwa s-suġġett ta' ebda riferiment fir-rikors jew fir-repliki. Dawn huma l-istudju ta' H. Jin, J. Gonzalez-Gutierrez, P. Oblak, B. Zupančič, u I. Emri, intitolat "The effect of extensive mechanical recycling on the properties of low-density polyethylene" ("Effett tar-riċiklaġġ mekkaniku estensiv fuq il-proprjetajiet tal-polietilen ta' densità baxxa"), ta' Novembru 2012. Hija biss ix-xhieda tax-xjenzat anzjan ta' Symphony Environmental, li hija annessa mar-replika, li tirreferi għal dan l-istudju. Issa, il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 163 iktar 'il fuq tirrigwarda wkoll ir-replika (sentenza tal-11 ta' Lulju 2018, Europa Terra Nostra vs Il-Parlament, T-13/17, mhux ippubblikata, EU:T:2018:428, punt 86). Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiegħu inkunsiderazzjoni dan l-istudju.
- 248 Għaldaqstant, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma jistgħux jiġu kkritikati li ma ħadux inkunsiderazzjoni d-dokumenti li jinsabu fil-lista annessa mar-replika.
- 249 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li, kif ġie osservat fil-punt 241 iktar 'il fuq, huwa b'mod żbaljat li r-rikorrenti jallegaw li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati wettqu żball manifest ta' evalwazzjoni, minn naħa, billi adottaw il-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik li fih addittiv pro-ossidanti meta huma ma kellhomx evalwazzjoni xjentifika kemm jista' jkun eżawrjenti tar-riskji ppreżentati minn dan it-tip ta' plastik u, min-naħa l-oħra, billi kkunsidraw li l-eżistenza tal-imsemmija riskji ġiet stabbilita.
- 250 Peress li s-setgħa li l-leġiżlatur tal-Unjoni jislet mill-Artikolu 191 TFUE hija, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 115 iktar 'il fuq, suġġetta għal sħarriġ tal-iżball manifest ta' evalwazzjoni, għandu jiġi konkluż li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma kisrux din id-dispożizzjoni.
- 251 Fl-assenza ta' ksur tal-Artikolu 191 TFUE, ma hemmx lok li jiġi eżaminat jekk dan huwiex suffiċjentement serju, kif teżiġi l-ġurisprudenza dwar l-ewwel kundizzjoni għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Unjoni, iċċitata fil-punt 42 iktar 'il fuq.
- 252 Għaldaqstant, l-ewwel parti tat-tielet motiv ta' illegalità, sa fejn hija bbażata fuq ksur suffiċjentement serju tal-Artikolu 191 TFUE u fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, għandha tiġi miċħuda.

b) Fuq il-ksur suffiċjentement serju tal-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE

- 253 Permezz tat-tieni u tat-tielet parti kif ukoll, parzjalment, l-ewwel parti tat-tielet motiv ta' illegalità tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li l-projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossodegradabbli, prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904, tmur kontra l-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE.
- 254 Preliminarjament, għandu jifakkar li l-prinċipju ta' proporzjonalità jeżiġi li l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkunu xierqa sabiex jitwettqu l-għanijiet leġittimi li jridu jintlaħqu mil-leġislazzjoni inkwistjoni u ma jeċċedux il-limiti ta' dak li huwa neċessarju għat-twettiq ta' dawn l-għanijiet, filwaqt li meta jkun hemm possibbiltà ta' għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel l-inqas waħda restrittiva, u l-inkonvenjenzi li jinħolqu ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet previsti (sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-128/17, EU:C:2019:194, punt 94).
- 255 Fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-osservanza ta' dan il-prinċipju, f'kuntest tekniku kumpless u ta' natura evoluttiva, il-leġislatur tal-Unjoni jiddisponi minn setgħa diskrezzjonali wiesgħa, b'mod partikolari fir-rigward tal-elementi fattwali ta' natura xjentifika u teknika kumplessa ħafna sabiex jiġu stabbiliti n-natura u l-portata tal-miżuri li jadotta, filwaqt li l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni għandu jkun limitat għal eżami tal-kwistjoni jekk l-eżerċizzju ta' tali setgħa huwiex ivvizzjat minn żball manifest jew minn użu ħażin ta' poter jew jekk il-leġislatur tal-Unjoni eċċediex b'mod manifest il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu. F'kuntest bħal dan, il-qorti tal-Unjoni ma tistax fil-fatt tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha tal-elementi fattwali ta' natura xjentifika u teknika ma' dik tal-leġislatur tal-Unjoni li lilu t-trattat ta dan il-kompitu (sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-128/17, EU:C:2019:194, punt 95).
- 256 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, għandu jiġi eżaminat jekk huwiex b'mod ġust li r-rikorrenti jsostnu, permezz tat-tieni parti tat-tielet motiv ta' illegalità tagħhom, li, sa fejn din tapplika għall-plastik ossobijodegradabbli, il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904 ma hijiex xierqa sabiex jintlaħaq l-għan tal-imsemmija direttiva, u sussegwentement, jekk, kif huma jsostnu permezz tat-tielet parti tal-istess motiv, l-imsemmija projbizzjoni taqbiżx il-limiti ta' dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan.
- 257 Fir-rigward tal-ewwel parti tat-tielet motiv, għandu jifakkar li din hija, parzjalment, ibbażata fuq il-fatt li l-projbizzjoni inkwistjoni hija sproporzjonata minħabba s-sempliċi fatt tal-assenza ta' evalwazzjoni xjentifika tar-riskji għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem maħluqa mill-plastik ossodegradabbli. Issa, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li, peress li l-eżistenza ta' tali riskji ma ġietx stabbilita, l-imsemmija projbizzjoni ma tistax tkun xierqa għall-protezzjoni mir-riskji. L-ewwel parti, sa fejn hija bbażata fuq dan l-argument, għalhekk tikkoinċidi mat-tieni parti u ser tiġi eżaminata magħha.

1) Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li, sa fejn tapplika għall-plastik ossobijodegradabbli, il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904 ma hijiex xierqa sabiex jintlaħaq l-għan tal-imsemmija direttiva, u fuq l-ewwel parti, sa fejn hija bbażata fuq l-istess argument

258 Mill-punti 124 sa 249 iktar 'il fuq jirriżulta li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma wettqux żball manifest ta' evalwazzjoni meta qiesu li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti jippreżenta riskji għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem, peress li ma huwiex bijodegradabbli sew, ma huwiex kompostabbli, għandu impatt negattiv fuq ir-riċiklaġġ tal-plastik konvenzjonali u ma jagħtix vantaġġ ambjentali pprovat.

259 Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 255 iktar 'il fuq, miżura li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti għandha titqies li hija xierqa sabiex jintlaħaq l-għan ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, stabbilit fil-premessa 36 u fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2019/904.

2) Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li, sa fejn tapplika għall-plastik ossobijodegradabbli, il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904 teċċedi l-limiti ta' dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex mill-imsemmija direttiva

260 Permezz tat-tielet parti tat-tielet motiv ta' illegalità, ir-rikorrenti jsostnu li sa fejn din tapplika għall-plastik ossobijodegradabbli, il-miżura prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904 taqbeż il-limiti ta' dak li huwa neċessarju għat-twettiq tal-għan ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem imfittex minn din id-direttiva.

261 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li jeżistu miżuri oħra inqas restrittivi minn projbizzjoni pura u sempliċi ta' tqegħid fis-suq, jiġifieri: l-ewwel nett, l-esklużjoni tal-plastik ossobijodegradabbli mid-definizzjoni tal-“plastik ossodegradabbli” fil-punt 3 tal-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva u, konsegwentement, mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5 tagħha; it-tieni nett, it-twettiq ta' testijiet fuq il-plastik ossobijodegradabbli skont l-istandard Amerikan ASTM D 6954 jew standards paragonabbli oħra; it-tielet nett, l-impożizzjoni tar-rekwiżit li l-plastik ossobijodegradabbli jkun fih marka li tippermetti separazzjoni awtomatika minn qabel għar-riċiklaġġ; ir-raba' nett, l-inklużjoni ta' dan it-tip ta' plastik fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 4, 7, 8 u/jew 10 tad-Direttiva 2019/904; jew, il-ħames nett, l-impożizzjoni ta' ttiketjar għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe riskju ta' konfużjoni mill-konsumaturi.

262 Madankollu, l-ebda waħda mill-ħames miżuri proposti mir-rikorrenti ma tippermetti li jintlaħaq l-għan imfittex mid-Direttiva 2019/904.

263 L-ewwel nett, fir-rigward tal-proposta tar-rikorrenti li l-plastik ossobijodegradabbli jiġi eskluż mid-definizzjoni tal-“plastik ossodegradabbli” fil-punt 3 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2019/904, diġà ġie kkonstatat, fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel parti ta' dan il-motiv, li kien mingħajr ma wettqu żball manifest ta' evalwazzjoni li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati qiesu li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma huwiex bijodegradabbli sew f'terminu raġonevoli u li, konsegwentement, ma hemmx lok li ssir distinzjoni bejn plastik ossodegradabbli u plastik ossobijodegradabbli. Għaldaqstant, l-esklużjoni tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti mid-definizzjoni tal-“plastik ossodegradabbli” fl-imsemmi punt 3 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2019/904 twassal sabiex il-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5 ta' din id-direttiva jiġi limitat għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti B tal-anness tagħha, li jmur kontra l-kliem stess ta' dan l-artikolu.

- 264 It-tieni nett, fir-rigward tal-proposta tar-rikorrenti li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti jiġi suġġett għat-twettiq ta' testijiet skont l-istandard Amerikan ASTM D 6954 jew standards paragonabbli oħra, diġà ġie kkonstatat fil-punt 197 iktar 'il fuq li, sa fejn ma jeżistix standard unifikat, fil-livell tal-Unjoni, li jippermetti li tiġi evalwata l-bijodegradazzjoni tal-imsemmi plastik, iżda jeżistu biss standards nazzjonali, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma marrux lil hinn mil-limiti tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħhom meta ma bbażawx ruħhom fuq l-istandard ASTM D 6954 jew fuq standards paragonabbli oħra.
- 265 It-tielet nett, fir-rigward tal-proposta tar-rikorrenti li jiġi impost li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ikun fih marka li tirrendih identifikabbli minn magna ta' separazzjoni awtomatika tal-iskart sabiex jiġi sseparat mill-plastik konvenzjonali u ma jiġix irriċiklat miegħu, mill-istudju Eunomia jirriżulta li t-teknoloġija attwali ma tippermettix tqassim awtomatiku tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, u mir-rapport tas-16 ta' Jannar 2018 jirriżulta li “[i]t-teknoloġiji attwalment disponibbli ma jippermettux lill-impriżi ta' riċiklaġġ jidentifikaw u jisseparaw il-plastik ossodegradabbli”.
- 266 Il-Kummissjoni tenfasizza, f'dan ir-rigward, li t-tekniki ta' separazzjoni awtomatika użati tradizzjonalment, bħall-ispettroskopija inFrared, ma jippermettux li jiġi identifikat il-plastik li fih addittiv pro-ossidanti u li, konsegwentement, magni ġodda ta' separazzjoni awtomatika għandhom jiġu żviluppati għal dan l-għan, iżda din ma hijiex għażla ekonomikament vijabbli għall-industrija tar-riċiklaġġ. Issa, ir-rikorrenti sempliċement jafferma li l-iżvilupp ta' magni ġodda għas-separazzjoni awtomatika huwa ekonomikament vijabbli, mingħajr ma jipproduċu ebda prova insostenn ta' tali affermazzjoni u lanqas ma juru li huwa effettivament possibbli li titqiegħed il-marka li huma jipproponu.
- 267 Ir-raba' nett, ir-rikorrenti jipproponu li jiġi inkluż il-plastik li fih addittiv pro-ossidanti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 4, 7, 8 u/jew 10 tad-Direttiva 2019/904, li jippermettu lill-Istati Membri jadottaw il-miżuri li ġejjin: miżuri għat-tnaqqis tal-konsum (Artikolu 4); miżuri li jipprevedu t-twaħħil ta' marka li tinforma lill-konsumaturi, minn naħa, dwar soluzzjonijiet xierqa għall-immaniġġar tal-iskart li jirriżulta mill-prodott inkwistjoni jew dwar il-mezzi ta' rimi tal-iskart li għandhom jiġu evitati għal dan il-prodott u, min-naħa l-oħra, dwar il-preżenza ta' plastik fil-prodott u dwar l-effetti dannużi tar-rimi mhux xieraq tal-iskart li jirriżulta minnu (Artikolu 7); miżuri li jipprevedu l-istabiliment ta' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti (Artikolu 8); miżuri ta' sensibilizzazzjoni li jinformat lill-konsumaturi u jinkoraġġixxu drawwiet ta' konsum responsabbli (Artikolu 10).
- 268 Madankollu, fid-dawl tas-setgħa ta' evalwazzjoni wiesgħa, imfakkra fil-punt 255 iktar 'il fuq, li għandu l-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jiddetermina n-natura u l-portata tal-miżuri li jadotta, ma jistax jitqies li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati eċċedew il-limiti ta' tali setgħa billi qiesu, fid-dawl tar-riskji ppreżentati mill-prodotti tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, b'mod partikolari tar-riskju li ma humiex bijodegradabbli sew, li t-tqegħid tagħhom fis-suq għandu jiġi pprobit, minflok ma jiġi suġġett għal waħda jew l-oħra mill-miżuri msemmija fl-Artikoli 4, 7, 8 u/jew 10 tad-Direttiva 2019/904, li jistgħu, barra minn hekk, ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor.

- 269 Il-ħames nett, fir-rigward tal-proposta tar-rikorrenti li jiġi impost ittikkettjar tal-prodotti tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe riskju ta' konfużjoni tal-konsumaturi, din tingħaqad mal-proposta tagħhom li l-imsemmija prodotti jiġu suġġetti għall-miżuri previsti fl-Artikoli 7 jew 10 tad-Direttiva 2019/904. Għaldaqstant, għar-raġunijiet imsemmija fil-punt 268 iktar 'il fuq, din għandha tiġi miċħuda.
- 270 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li, minflok il-projbizzjoni pura u sempliċi tat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kellhom jipprevedu perijodu tranżitorju, kif għamlet l-ECHA fil-proposta tagħha għal restrizzjoni dwar il-mikroplastiki miżjuda intenzjonalment.
- 271 Tali argument ma jistax jiġi aċċettat.
- 272 Huwa minnu li l-komunikazzjoni tal-ECHA intitolata “Proposta ta' restrizzjoni fuq il-mikroplastiki miżjuda intenzjonalment — mistoqsijiet u tweġibiet” ta' Settembru 2020, prodotta mir-rikorrenti, tindika li din l-aġenzija pproponiet restrizzjoni skont ir-Regolament REACH, li fiha hija tirrakkomanda l-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-mikroplastiki użati fil-prodotti kożmetiċi, iżda tipprevedi perijodu tranżitorju ta' bejn erba' u tmien snin.
- 273 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li t-terminu għat-traspożizzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904, adottata fil-5 ta' Ġunju 2019, jiskadi, skont l-Artikolu 17(1) tagħha, fit-3 ta' Lulju 2021 u li tali terminu jista' jitqies li huwa ekwivalenti, fil-prattika, għal perijodu tranżitorju ta' sentejn li jakkumpanja l-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti. Barra minn hekk, il-perijodi tranżitorji stabbiliti mill-ECHA fir-rigward tal-mikroplastiki miżjuda intenzjonalment ma' prodotti kożmetiċi ma japplikawx fil-każijiet kollha. Għalhekk, dawn ma japplikawx għall-prodotti kożmetiċi li fihom mikrożibeġ, peress li dawn jistgħu faċilment jiġu ssostitwiti b'sustanzi naturali bħal lewż mitħun, ġewż tal-Indi jew żrieragħ taż-żebbuġ. Fl-aħħar nett, kif issostni l-Kummissjoni, fid-dawl tal-użi, mhux kumplessi, tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, għandu jitqies li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma qabżux il-limiti tal-marġni ta' evalwazzjoni tagħhom meta qiesu li l-prodotti mmanifatturati abbażi ta' dan it-tip ta' plastik kellhom jiġu pprojbiti mingħajr il-previżjoni ta' perijodu tranżitorju.
- 274 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma jistgħux jibbażaw ruħhom fuq il-perijodi ta' tranżizzjoni rrakkomandati mill-ECHA għall-mikroplastiki miżjuda intenzjonalment sabiex isostnu li projbizzjoni pura u sempliċi tal-prodotti mmanifatturati abbażi tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, mingħajr perijodu tranżitorju, hija sproorzjonata.
- 275 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-inkonvenjenzi kkawżati mill-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti huma sproorzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija, sa fejn it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati naqsu milli jevalwaw l-effetti soċjali u ekonomiċi tal-imsemmija projbizzjoni.
- 276 Issa, il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem għandha importanza predominanti fil-konfront tal-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u l-protezzjoni tal-ambjent tikkostitwixxi wieħed mill-għanijiet essenzjali tal-Unjoni. L-importanza ta' tali għanijiet hija ta' natura li tiġġustifika konsegwenzi ekonomiċi negattivi, anki kunsiderevoli, għal ċerti operaturi (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2014, Xeda International vs Il-Kummissjoni, T-269/11, mhux ippubblikata, EU:T:2014:1069, punt 138).

- 277 Barra minn hekk, ir-rikorreni sempliċement jaffer maw li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati naqsu milli jevalwaw l-effetti soċjali u ekonomiċi tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904. Huma ma jispjegawx fiex jikkonsistu l-allegati żvantaġġi soċjali u ekonomiċi maħluqa minnha, iżda sempliċement jagħmlu riferiment, mingħajr ma jsostnu dan l-argument, għall-ostakoli għall-iżvilupp ta' teknoloġija ossobijodegradabbli iktar effikaċi.
- 278 Għalhekk, għandu jiġi konkluż li l-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti mmanifatturati mill-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma taqbiżx il-limiti ta' dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-għan ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem imfittex mid-Direttiva 2019/904.
- 279 Għaldaqstant, mill-punti 259 u 278 iktar 'il fuq jirriżulta li l-imsemmija projbizzjoni ma tiksirx il-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE.
- 280 Fl-assenza ta' ksur ta' dan il-prinċipju, ma hemmx lok li jiġi eżaminat jekk dan huwiex suffiċjentement serju, kif teżiġi l-ġurisprudenza dwar l-ewwel kundizzjoni għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Unjoni, iċċitata fil-punt 42 iktar 'il fuq.
- 281 Għaldaqstant, għandhom jiġu miċħuda t-tieni u t-tielet parti tat-tielet motiv ta' illegalità, kif ukoll l-ewwel parti tiegħu, sa fejn hija bbażata fuq ksur suffiċjentement serju tal-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE.
- 282 Għaldaqstant, it-tielet motiv għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

4. Fuq ir-raba' motiv ta' illegalità, ibbażat fuq ksur suffiċjentement serju tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

- 283 Permezz tar-raba' motiv ta' illegalità tagħhom, ir-rikorreni jsostnu li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kisru l-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament, minn naħa, billi pprojbixxew it-tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossobijodegradabbli, iżda mhux dak tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik konvenzjonali, bl-eċċezzjoni ta' disa' prodotti li jintużaw darba biss u, min-naħa l-oħra, billi pprojbixxew it-tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossobijodegradabbli, iżda mhux dak tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ikkummerċjalizzat bħala "kompostabbli".
- 284 Fir-rigward, b'mod partikolari, tad-differenza fit-trattament bejn prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossobijodegradabbli u prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik konvenzjonali, bl-eċċezzjoni ta' disa' prodotti li jintużaw darba biss, ir-rikorreni jsostnu li ma ntweriex li l-plastik ossobijodegradabbli jippreġudika iktar l-ambjent mill-plastik ossodegradabbli jew il-plastik konvenzjonali. Il-plastik ossobijodegradabbli ma jifframmentax ruħu f'mikroplastiċi u huwa bijodegradabbli b'rata iktar mgħaġġla minn dik tal-plastik konvenzjonali. Il-probabbiltà li dan ikun suġġett għal rimi illegali hija l-istess bħall-plastik konvenzjonali. Dan jista' jiġi rriċiklat bl-istess mod bħall-plastik konvenzjonali. Dejjem fir-rigward tad-differenza fit-trattament bejn prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossobijodegradabbli u prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik konvenzjonali, bl-eċċezzjoni ta' disa' prodotti li jintużaw darba biss, ir-rikorreni jsostnu wkoll li xejn ma jiġġustifika li jiġu pprojbiti biss disa' prodotti li jintużaw darba biss immanifatturati abbażi ta' plastik konvenzjonali, filwaqt li l-prodotti kollha mmanifatturati abbażi ta' plastik ossobijodegradabbli huma pprojbiti.
- 285 Sussidjarjament, ir-rikorreni jsostnu li l-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904 twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn tipi differenti ta' plastik bijodegradabbli.

- 286 Il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.
- 287 Preliminarjament, għandu jinfakkar li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jinkiser biss meta sitwazzjonijiet komparabbli huma ttrattati b'mod differenti jew meta sitwazzjonijiet differenti huma ttrattati b'mod identiku, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara s-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2013, *Solvay vs Il-Kummissjoni*, C-455/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:796, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 288 In-natura paragonabbli ta' sitwazzjonijiet differenti għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-elementi kollha li jikkarakterizzawhom. Dawn l-elementi għandhom, b'mod partikolari, jiġu ddeterminati u evalwati fid-dawl tas-suġġett u tal-għan tal-att tal-Unjoni li jistabbilixxi d-distinzjoni inkwistjoni. Barra minn hekk, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji u l-għanijiet tal-qasam li jagħmel parti minnu l-att inkwistjoni (sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2008, *Arcelor Atlantique u Lorraine et*, C-127/07, EU:C:2008:728, punt 26, u tad-19 ta' Diċembru 2019, *HK vs Il-Kummissjoni*, C-460/18 P, EU:C:2019:1119, punt 67).
- 289 Għandu jiġi eżaminat, minn naħa, jekk it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kisrux il-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament billi pprojbixxew it-tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi tal-plastik ossobijodegradabbli, iżda mhux dak tal-prodotti mmanifatturati abbażi tal-plastik konvenzjonali, bl-eċċezzjoni ta' disa' prodotti li jintużaw darba biss, u, min-naħa l-oħra, jekk huma kisrux l-imsemmi prinċipju billi pprojbixxew it-tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossobijodegradabbli, iżda mhux dak tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ikkummerċjalizzati bħala "kompostabbli".
- 290 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-ewwel wieħed miż-żewġ każijiet ta' ksur imsemmija fil-punt 289 iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali tqis li l-prodotti mmanifatturati abbażi tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma jistgħux jitqiesu li huma f'sitwazzjoni paragonabbli ma' dik tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik konvenzjonali.
- 291 Fil-fatt, minn naħa, mill-eżami tat-tielet motiv ta' illegalità jirriżulta li, abbażi tal-evalwazzjoni xjentifika tar-riskji li kienet aċċessibbli għat-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati waqt it-tfassil u l-adozzjoni tad-Direttiva 2019/904, ma jstax jiġi eskluż li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti huwa, tal-inqas f'ċerti aspetti relatati, b'mod partikolari, mar-riċiklaġġ tiegħu u mal-bijodegradazzjoni tiegħu f'landfill, iktar problematiku mill-plastik konvenzjonali.
- 292 F'dan ir-rigward, mill-punti 129 u 131 iktar 'il fuq jirriżulta li, skont l-istudju *Eunomia* u r-rapport tas-16 ta' Jannar 2018, fil-każ ta' bijodegradazzjoni fis-saffi fondi ta' landfill, il-plastik li fih addittiv pro-ossidanti huwa kemxejn iktar problematiku mill-plastik konvenzjonali mill-perspettiva tal-gassijiet serra.
- 293 Barra minn hekk, kif imsemmi fil-punt 234 iktar 'il fuq, il-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma jstax jiġi rriċiklat flimkien mal-plastik konvenzjonali mingħajr ma tiġi affettwata l-kwalità tal-materjal riċiklat.
- 294 Fl-aħħar nett, mill-punti 127 sa 131 iktar 'il fuq jirriżulta li, skont l-istudju *Eunomia* u r-rapport tas-16 ta' Jannar 2018, il-plastik li fih addittiv pro-ossidanti huwa frammentat b'mod iktar mgħaġġel mill-plastik konvenzjonali, iżda ma huwiex eskluż li din il-frammentazzjoni iktar mgħaġġla tal-ewwel wieħed jkollha l-konsegwenza li, kemm fil-miftuħ kif ukoll fl-ambjent tal-baħar, l-impatt negattiv tiegħu fuq l-ambjent jiżdied, peress li hija kkonċentrata fuq perijodu iqsar.

- 295 Huwa dan li t-Taqsima 4.3 tar-rapport tas-16 ta' Jannar 2018 tenfasizza fir-rigward tal-iskart fil-baħar, li tipprovdi “[p]eress li r-rata ta' frammentazzjoni tal-plastik ossodegradabbli hija kemxejn iktar mgħagħla minn dik tal-plastik konvenzjonali, l-effetti negattivi assoċjati mal-preżenza tal-mikroplastiċi fl-ambjent tal-baħar huma kkonċentrati f'perijodu ta' żmien iqsar. Din il-konċentrazzjoni tal-effetti tista', fl-aħħar mill-aħħar, tkun agħar mit-tifrix tal-effetti fuq perijodu itwal, minħabba li l-proporzjon ta' individwi, speċi u ħabitats affettwati jiżdied, kif ukoll il-piż tal-effetti għal kull individwu.”
- 296 Dan huwa wkoll enfasizzat mill-istudju Eunomia dwar il-bijodegradazzjoni fil-miftuħ. Skont l-imsemmi studju, “huwa possibbli li d-degradazzjoni tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti tkun ħafna iqsar minn dik tal-plastik konvenzjonali. Madankollu, wieħed għandu jistaqsi jekk l-impatt fuq l-ambjent huwiex saħansitra iktar sinjifikattiv matul il-fażi ta' bijodegradazzjoni, fid-dawl tax-xenarju kontrofattwali”.
- 297 Ir-rikorrenti ma jistgħux, sabiex jikkonfutaw il-konstatazzjonijiet fil-punti 291 sa 294 iktar 'il fuq, jibbażaw ruħhom fuq l-ittra mibgħuta minn Dr. R. Rose, l-awtriċi tal-istudju tal-Queen Mary University, lill-ECHA, fit-3 ta' Mejju 2018. Huwa minnu li, f'din l-ittra, Dr. R. Rose tindika li hija “sorpriża li l-Unjoni tipproponi li tipprojbixxi prodott li ċertament ma huwiex agħar mill-[polietilen ta' densità baxxa, jiġifieri plastik konvenzjonali] mhux modifikat, li ma huwiex suġġett għall-istess miżura” u li “[l]-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni kontra tip wieħed ta' plastik ma tippermettix li tissolva l-akkumulazzjoni ta' tipi ta' poliidrokarburi”. Madankollu, din l-ittra tirreferi għall-użu tal-metodu l-ġdid żviluppat mill-Queen Mary University, li ġie kkonstatat fil-punt 170 iktar 'il fuq li huwa 'l bogħod mill-ksib ta' unanimità u li ma huwiex ċert li jippermetti l-ksib tar-riżultati f'sitwazzjoni reali.
- 298 Ir-rikorrenti lanqas ma jistgħu, sabiex jikkonfutaw il-konstatazzjonijiet li jinsabu fil-punti 291 sa 294 iktar 'il fuq, jibbażaw ruħhom fuq il-punt 19(c) u l-punt 47(b) tax-xhieda tax-xjenzat anzjan ta' Symphony Environmental. Huwa minnu li dan jiddikjara li, minn naħa, il-plastik konvenzjonali jifframmenta ruħu f'mikroplastiċi li jippersistu fl-ambjent għal għexieren jew mijiet ta' snin u, min-naħa l-oħra, il-konsumaturi li jarmu l-iskart tal-plastik spiss ma jinkwetawx dwar jekk dan huwiex bijodegradabbli jew le. Madankollu, għandu jitfakkar li, kif indikat fil-punt 179 iktar 'il fuq, jista' jingħata biss valur probatorju dgħajjef lill-imsemmija xhieda. Dan huwa iktar u iktar il-każ peress li l-unika prova li x-xjenzat anzjan ta' Symphony Environmental jiċċita insostenn tal-allegazzjonijiet tiegħu hija r-rapport tal-laboratorju Intertek, li ġie kkonstatat fil-punt 182 iktar 'il fuq li tfassal fuq talba ta' Symphony Environmental.
- 299 Fl-aħħar nett, sa fejn ir-rikorrenti jfittxu li jisiltu argument mill-punti 25 u 26 tax-xhieda tal-President-Direttur Ġenerali tar-rikorrenti, fejn dan jenfasizza, mingħajr madankollu ma jirreferi għal studju xjentifiku, l-inkoerenza tad-Direttiva 2019/904, li tipprojbixxi l-plastik ossobijodegradabbli, iżda mhux il-plastik konvenzjonali u lanqas il-plastik kompostabbli, filwaqt li dawn, b'mod partikolari, ma humiex bijodegradabbli sew fil-miftuħ u ma jagħtux vantaġġ ambjentali pprovat, huwa biżżejjed li jitfakkar li, kif indikat fil-punt 156 iktar 'il fuq, jista' jingħata biss valur probatorju dgħajjef lill-imsemmija xhieda.
- 300 Min-naħa l-oħra, mill-premessa 36 tad-Direttiva 2019/904 jirriżulta li din għandha l-għan, b'mod partikolari, li tipprevjeni u tnaqqas l-impatt fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem ta' ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, prodotti mmanifatturati minn plastik ossodegradabbli u inġenji tas-sajd li fihom il-plastik. L-imsemmija direttiva għalhekk ma hijiex intiża li tkopri l-prodotti tal-plastik kollha li jistgħu jippreżentaw riskju għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem, iżda tiffoka fuq dak l-iktar meħtieġ, kif tindika l-premessa 7 tagħha fir-rigward tal-prodotti tal-plastik

li jintużaw darba biss. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2019/904 jikkonferma li din għandha l-għan, b'mod partikolari, li tipprevjeni u tnaqqas l-impatt ta' "ċerti" prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-ambjent tal-baħar, u s-saħħa tal-bniedem.

- 301 Issa, fil-kuntest tal-analiżi tat-tielet motiv ta' illegalità ġie stabbilit li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma wettqux żball manifest ta' evalwazzjoni meta qiesu li l-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossodegradabbli kienu jaffettwaw l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem.
- 302 Peress li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 288 iktar 'il fuq, in-natura paragonabbli ta' sitwazzjonijiet differenti għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-għan u tal-iskop tal-att tal-Unjoni li jistabbilixxi d-distinzjoni inkwistjoni, ma jistax jitqies li l-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossodegradabbli, billi d-Direttiva 2019/904 għandha l-għan u l-iskop li tipprevjeni u li tnaqqas l-effett fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, huma f'sitwazzjoni paragonabbli għal dik tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik konvenzjonali.
- 303 Konsegwentement, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma kisrux il-prinċipju ġenerali ta' ugwajanza fit-trattament meta pprojbixxew it-tqegħid fis-suq ta' prodotti mmanifatturati mill-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, iżda mhux dak tal-prodotti mmanifatturati mill-plastik konvenzjonali, bl-eċċezzjoni ta' disa' prodotti li jintużaw darba biss.
- 304 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-imsemmija istituzzjonijiet kisru l-prinċipju ġenerali ta' ugwajanza fit-trattament meta pprojbixxew it-tqegħid fis-suq tal-prodotti "kollha" mmanifatturati mill-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, iżda biss dak ta' "ċerti" prodotti li jintużaw darba biss tal-plastik konvenzjonali, dan ma jistax jiġi aċċettat. Fil-fatt, mill-premessa 36 tad-Direttiva 2019/904 jirriżulta li din għandha l-għan, b'mod partikolari, li tipprevjeni u tnaqqas l-impatt ta' "ċerti" prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem, u mill-premessa 7 tal-imsemmija direttiva li, sabiex id-direttiva tiffoka fuq dak li huwa l-iktar neċessarju, din għandha tkopri biss il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li jinstabu l-iktar ta' spiss fuq il-bajjiet tal-Unjoni, jiġifieri dawk elenkati fil-Parti B tal-anness tal-imsemmija direttiva. Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 288 iktar 'il fuq, ma jistax jitqies li l-prodotti li jintużaw darba biss magħmula mill-plastik konvenzjonali li ma humiex inklużi fil-lista annessa mad-Direttiva 2019/904 huma f'sitwazzjoni paragonabbli għal dik tal-prodotti mmanifatturati mill-plastik li fih addittiv pro-ossidanti. Għaldaqstant, billi pprojbixxew it-tqegħid fis-suq tat-tieni, iżda mhux tal-ewwel, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma kisrux il-prinċipju ġenerali ta' ugwajanza fit-trattament.
- 305 Fl-aħħar nett, sa fejn l-argument tar-rikorrenti li l-projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904 twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn tipi differenti ta' plastik ossodegradabbli għandu jinftiehem bħala li jallega li bil-projbizzjoni mhux biss tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossodegradabbli, iżda wkoll ta' dawk immanifatturati abbażi tal-plastik li r-rikorrenti jikklassifikaw bħala "ossobijodegradabbli", it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kisru l-prinċipju ġenerali ta' ugwajanza fit-trattament, dan ma jistax jiġi aċċettat. Fil-fatt, diġà ġie kkonstatat, fil-kuntest tal-eżami tat-tielet motiv ta' illegalità, li kien mingħajr ma wettqu żball manifest ta' evalwazzjoni li l-imsemmija istituzzjonijiet qiesu li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma kienx bijodegradabbli sew u li ma kellhiex issir distinzjoni bejn il-plastik ossodegradabbli u l-plastik ossobijodegradabbli. Għaldaqstant, ma jistax jiġi sostnut li billi ttrattaw il-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossodegradabbli b'mod differenti minn dawk immanifatturati abbażi tal-plastik li r-rikorrenti jikklassifikaw bħala "ossobijodegradabbli", dawn l-istituzzjonijiet kisru l-prinċipju ġenerali ta' ugwajanza fit-trattament.

- 306 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ksur tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament li jirriżulta mill-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi tal-plastik ossobijodegradabbli, iżda mhux tal-prodotti mmanifatturati abbażi tal-plastik ikkummerċjalizzat bħala "kompostabbli", il-Qorti Ġenerali tqis li dawn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti ma humiex f'sitwazzjoni paragonabbli.
- 307 Fil-fatt, mill-eżami tat-tielet motiv ta' illegalità jirriżulta li huwa mingħajr ma wettqu żball manifest ta' evalwazzjoni li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati qiesu li jeżisti riskju li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma jkunx kompostabbli, fatt li, kif indikat fil-punt 216 iktar 'il fuq, irrikonoxxew ir-rikorrenti. Fl-aħħar nett, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 288 iktar 'il fuq, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, għalkemm id-Direttiva 2019/904 għandha l-għan u l-iskop li tipprevjeni u tnaqqas l-effett tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossodegradabbli, il-prodotti mmanifatturati abbażi tal-plastik ikkummerċjalizzati bħala "kompostabbli" ma jaqgħux taħt l-għan u l-iskop tagħha.
- 308 Mill-punti 303, 306 u 307 iktar 'il fuq jirriżulta li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma kisrux il-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament meta pprojbixxew it-tqegħid fis-suq ta' prodotti mmanifatturati mill-plastik li fih addittiv pro-ossidanti, iżda mhux dak tal-prodotti mmanifatturati mill-plastik konvenzjonali, bl-eċċezzjoni ta' disa' prodotti li jintużaw darba biss, u lanqas dak tal-prodotti mmanifatturati abbażi tal-plastik ikkummerċjalizzati bħala "kompostabbli".
- 309 Fl-assenza ta' ksur tal-imsemmi prinċipju, ma hemmx lok li jiġi eżaminat jekk dan il-ksur huwiex suffiċjentement serju, kif teżiġi l-ġurisprudenza dwar l-ewwel kundizzjoni għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Unjoni, iċċitata fil-punt 42 iktar 'il fuq.
- 310 Għaldaqstant, ir-raba' motiv ta' illegalità għandu jiġi miċħud.

5. Fuq il-ħames motiv ta' illegalità, ibbażat fuq ksur suffiċjentement serju tal-Artikoli 16 u 17 u tal-Artikolu 41(1) tal-Karta u tal-Artikolu 49 TUFUE

- 311 Il-ħames motiv ta' illegalità tar-rikors għandu jinqasam f'żewġ partijiet. Permezz tal-ewwel parti, ir-rikorrenti jsostnu li bl-adozzjoni tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kisru l-libertà ta' intrapriża tagħhom, stabbilita fl-Artikolu 16 tal-Karta, id-dritt għall-proprjetà tagħhom, previst fl-Artikolu 17 tagħha, u l-libertà ta' stabbiliment tagħhom, imsemmija fl-Artikolu 49 TUFUE. Fil-fatt, il-projbizzjoni inkwistjoni tipprekludihom milli jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni prodotti li fihom it-taħlita prinċipali d2w tagħhom. Permezz tat-tieni parti, ir-rikorrenti jsostnu li din il-projbizzjoni ġiet adottata bi ksur tad-dritt tagħhom għal amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta, sa fejn it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma ħadux inkunsiderazzjoni l-provi rilevanti u ma segwewx il-proċeduri xierqa.
- 312 Il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

a) Fuq l-ewwel parti tal-ħames motiv, ibbażata fuq ksur suffiċjentement serju tal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta u tal-Artikolu 49 TFUE

- 313 Għandu jiġi eżaminat jekk it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati kisrux b'mod suffiċjentement serju, fl-ewwel lok, l-Artikolu 16 tal-Karta, fit-tieni lok, l-Artikolu 17 tagħha u, fit-tielet lok, l-Artikolu 49 TFUE.
- 314 Il-Qorti Ġenerali qieset li dan ma kienx il-każ.
- 315 Fil-fatt, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-ksur tal-Artikolu 16 tal-Karta, dwar il-libertà ta' intrapriża, għandu jiġi rrilevat li l-protezzjoni mogħtija minn din id-dispożizzjoni tinkludi l-libertà li tiġi eżerċitata attività ekonomika jew kummerċjali, il-libertà kuntrattwali u l-kompetizzjoni libera (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Bank Melli Iran, C-124/20, EU:C:2021:1035, punt 79). Barra minn hekk, il-libertà kuntrattwali tinkludi, b'mod partikolari, l-għażla libera tas-sieħeb ekonomiku, kif ukoll il-libertà li jiġi ddeterminat il-prezz għal servizz (sentenza tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich, C-283/11, EU:C:2013:28, punt 43).
- 316 Madankollu, il-libertà ta' intrapriża stabbilita fl-Artikolu 16 tal-Karta ma hijiex dritt assolut, iżda għandha, minn naħa, tittieħed inkunsiderazzjoni fid-dawl tal-funzjoni tagħha fis-soċjetà u, min-naħa l-oħra, tiġi bilanċjata mal-interessi l-oħra protetti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Bank Melli Iran, C-124/20, EU:C:2021:1035, punt 80).
- 317 Fid-dawl tal-formulazzjoni tal-Artikolu 16 tal-Karta, li jipprevedi li l-libertà ta' intrapriża hija rrikonossuta skont id-dritt tal-Unjoni u l-leġiżlazzjonijiet u l-prattiki nazzjonali, li jiddistingwi ruħu għalhekk mill-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-libertajiet fundamentali l-oħra stabbiliti fit-Titolu II tagħha, filwaqt li joqrob lejn il-formulazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Karta, din il-libertà tista' għalhekk tiġi suġġetta għal firxa wiesgħa ta' interventi min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jistabbilixxu, fl-interess ġenerali, limiti għall-eżerċizzju tal-attività ekonomika (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Bank Melli Iran, C-124/20, EU:C:2021:1035, punt 81).
- 318 Issa, din iċ-ċirkustanza hija b'mod partikolari riflessa fil-mod kif għandha tiġi evalwata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-leġiżlazzjoni kif ukoll il-prattiki nazzjonali fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta. Skont din l-aħħar dispożizzjoni, kull limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet stabbiliti fil-Karta għandha tkun prevista mil-liġi, għandha tosserva l-kontenut essenzjali tagħhom u għandha, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tkun neċessarja u effettivament tirrifletti għanijiet ta' interess ġenerali rrikonossuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa ta' protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' persuni oħra (sentenza tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich, C-283/11, EU:C:2013:28, punti 47 u 48 u tal-21 ta' Diċembru 2021, Bank Melli Iran, C-124/20, EU:C:2021:1035, punti 82 u 83).
- 319 F'dan il-każ, il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904, tinvolvi limitazzjoni fuq l-eżerċizzju, mir-rikorrenti, tal-libertà ta' intrapriża tagħhom. Fil-fatt, minn naħa, ir-rikorrenti jikkummerċjalizzaw prodotti mmanifatturati abbażi tal-plastik li fih it-taħlita prinċipali d2w, bħal boroż taż-żibel u boroż tal-iffriżar, li l-projbizzjoni inkwistjoni issa tipprekludihom milli jagħmlu dan. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija projbizzjoni tista' taffettwa l-attività prinċipali tar-rikorrenti, jiġifieri l-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni tat-taħlita prinċipali d2w. Issa, din l-attività prinċipali hija marbuta mal-attività ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossodegradabbli, b'tali mod li l-projbizzjoni tat-tieni tista' twassal għal konsegwenzi

- ekonomiċi fuq l-ewwel waħda u tinfluwenza d-deċiżjoni tar-rikorrenti li din titkompla (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2020, IFSUA vs Il-Kunsill (T-251/18, EU:T:2020:89, punti 150 u 151).
- 320 Madankollu, din ir-restrizzjoni hija prevista mil-liġi, jiġifieri d-Direttiva 2019/904. Barra minn hekk, hija ma taffettwax il-kontenut essenzjali tal-libertà ta' intrapriża tar-rikorrenti, peress li s-sempliċi tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' prodotti tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti huwa pprojbit, iżda mhux il-produzzjoni tagħhom. Għaldaqstant, ir-rikorrenti jistgħu jkomplu jimmanifatturaw tali prodotti sabiex iqegħduhom fis-suq ta' Stati terzi. Huma jistgħu wkoll ikomplu jimmanifatturaw it-taħlita prinċipali d2w tagħhom u jbigħuh lil klijenti li jużawh fil-manifattura ta' prodotti intiżi għat-tqegħid fis-suq ta' Stati terzi. Fl-aħħar nett, kif ġie kkonstatat fil-kuntest tal-eżami tat-tielet motiv ta' illegalità, din ir-restrizzjoni hija neċessarja, proporzjonata u tissodisfa għan ta' interess ġenerali rrikonnoxxut mill-Unjoni, jiġifieri l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem.
- 321 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-Artikolu 17 tal-Karta, dan jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li kull persuna għandha d-dritt li tgawdi mill-proprjetà tal-proprjetà tagħha li tkun akkwistat legalment, li tużahom, li tidisponi minnhom u li tħallihom bħala wirt u li l-ebda persuna ma tista' tiġi mċaħħda mill-proprjetà tagħha, ħlief fl-interess pubbliku, fil-każijiet u skont il-kundizzjonijiet previsti mil-liġi, bi ħlas ta' kumpens xieraq fi żmien utli għal dak li tkun tilfet. Barra minn hekk, l-użu tal-proprjetà jista' jiġi rregolat bil-liġi sa fejn dan ikun meħtieġ fl-interess pubbliku.
- 322 Madankollu, skont il-ġurisprudenza, l-ebda operatur ekonomiku ma jista' jinvoka dritt ta' proprjetà fuq sehem mis-suq, anki jekk kien detentur tagħha qabel l-introduzzjoni ta' miżura li taffettwa l-imsemmi suq, peress li tali sehem mis-suq jikkostitwixxi biss pożizzjoni ekonomika temporanja esposta għar-riskji ta' tibdil fiċ-ċirkustanzi. Operatur ekonomiku jista' jsostni li għandu dritt akkwiżit jew anki aspettativa leġittima fiż-żamma tas-sitwazzjoni eżistenti li tista' tiġi mibdula permezz ta' atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-kuntest tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħhom (sentenza tat-12 ta' Lulju 2005, Alliance for Natural Health *et*, C-154/04 u C-155/04, EU:C:2005:449, punt 128).
- 323 F'dan il-każ, mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 322 iktar 'il fuq jirriżulta li r-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw il-protezzjoni tal-Artikolu 17(1) tal-Karta fir-rigward tad-dritt tagħhom li jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni t-taħlita prinċipali d2w (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-3 ta' Settembru 2015, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Kummissjoni (C-398/13 P, EU:C:2015:535, punt 60).
- 324 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-prodotti mmanifatturati abbażi ta' plastik ossodegradabbli, prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904, tmur kontra l-Artikolu 17(2) tal-Karta, li jipprovdi li "[i]l-proprjetà intellettuali għandha tiġi protetta", peress li din tnaqqas b'mod kunsiderevoli l-valur tad-dritt tal-proprjetà intellettuali li huma għandhom fuq il-formola tat-taħlita prinċipali d2w, ma jistax jiġi aċċettat. Fil-fatt, għalkemm ir-rikorrenti ppreċiżaw li l-imsemmija taħlita prinċipali kienet protetta fuq il-bażi ta' trade mark u tal-għarfien neċessarju għall-produzzjoni tagħha, huma baqgħu ma indikawx ir-raġunijiet għalfejn tali drittijiet inkisru.
- 325 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi rrilevat li la mill-Artikolu 17 tal-Karta u lanqas mill-ġurisprudenza ma jirriżulta li l-protezzjoni tad-drittijiet għall-proprjetà intellettuali għandha tiġi żgurata b'mod assolut (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Spiegel Online, C-516/17, EU:C:2019:625, punt 56). Kwalunkwe limitazzjoni tal-Artikolu 17(2) tal-Karta għandha ssir konformement mal-Artikolu 52(1) tagħha. F'dan il-każ, limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt

għall-proprjetà intellettuali tar-rikorrenti fuq it-taħlita prinċipali d2w, anki jekk tiġi preżunta li hija stabbilita, hija prevista mil-liġi. Dan ma jippreġudikax il-kontenut essenzjali tal-imsemmi dritt, peress li ma huma pprojbiti la l-manifattura ta' prodotti tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti u l-bejgħ tagħhom fis-suq u lanqas il-manifattura u t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' tali addittiv. Kif ikkonstatat fil-kuntest tal-eżami tat-tielet motiv ta' illegalità, tali limitazzjoni tissodisfa għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni, jiġifieri l-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju.

- 326 Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-ksur tal-Artikolu 49 TFUE, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma jindikawx ir-raġunijiet għalfejn il-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-plastik li fih addittiv pro-ossidanti tipprekludi l-libertà ta' stabbiliment tagħhom.
- 327 Mill-punti 313 sa 326 iktar 'il fuq jirriżulta li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati la kisor l-Artikolu 16 tal-Karta, la l-Artikolu 17 tagħha u lanqas l-Artikolu 49 TFUE.
- 328 Fl-assenza ta' ksur tal-imsemmija artikoli, ma hemmx lok li jiġi eżaminat jekk dan huwiex suffiċjentement serju, kif teżiġi l-ġurisprudenza dwar l-ewwel kundizzjoni għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Unjoni, iċċitata fil-punt 42 iktar 'il fuq.
- 329 Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-ħames motiv ta' illegalità għandha tiġi miċħuda.

b) Fuq it-tieni parti tal-ħames motiv, ibbażata fuq ksur suffiċjentement serju tad-dritt għal amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta

- 330 Permezz tat-tieni parti tal-ħames motiv ta' illegalità tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li l-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904 ġiet adottata bi ksur tad-dritt tagħhom għal amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta. Huma jsostnu li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma ħadux inkunsiderazzjoni l-provi rilevanti u ma segwewx il-proċeduri xierqa.
- 331 Tali argument ma jistax jiġi aċċettat.
- 332 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, skont il-ġurisprudenza, id-dritt għal amministrazzjoni tajba, kif jirriżulta mill-Artikolu 41 tal-Karta, ma jirrigwardax il-proċess ta' tfassil ta' att leġiżlattiv, bħad-Direttiva 2019/904 (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Ottubru 1999, Atlanta vs Il-Komunità Ewropea, C-104/97 P, EU:C:1999:498, punt 37, u tat-12 ta' Ġunju 2015, Health Food Manufacturers' Association et vs Il-Kummissjoni, T-296/12, EU:T:2015:375, punt 98).
- 333 Għaldaqstant, it-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati ma kisrux l-Artikolu 41 tal-Karta.
- 334 Fl-assenza ta' ksur tal-imsemmi artikolu, ma hemmx lok li jiġi eżaminat jekk dan huwiex suffiċjentement serju, kif teżiġi l-ġurisprudenza dwar l-ewwel kundizzjoni għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Unjoni, iċċitata fil-punt 42 iktar 'il fuq.
- 335 Għalhekk, it-tieni parti tal-ħames motiv ta' illegalità għandha tiġi miċħuda u, għaldaqstant, dan il-motiv għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.
- 336 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li kull wieħed mill-ħames motivi ta' illegalità għandu jiġi miċħud u li r-rikorrenti ma rnexxilhomx juru l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali intiża li tagħti drittijiet lill-individwi.

337 Peress li l-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni huma, kif indikat fil-punt 41 iktar 'il fuq, kumulattivi, dan ir-rikors għandu jiġi miċħud fuq din il-bażi, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet tal-eżistenza ta' dannu reali u ċert kif ukoll ta' rabta kawżali.

IV. Fuq l-ispejjeż

338 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfu, hemm lok li huma jiġu kkundannati għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Parlament, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Symphony Environmental Technologies plc u Symphony Environmental Ltd huma kkundannati għall-ispejjeż.

Van der Woude

Spielmann

Gâlea

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-31 ta' Jannar 2024.

Firem

Werrej

I.	Il-fatti li wasslu għall-kawża	2
II.	It-talbiet tal-partijiet	3
III.	Fid-dritt	4
	A. Fuq it-talba għal ommissjoni ta' ċerta data fil-konfront tal-pubbliku	4
	B. Osservazzjoni preliminari	5
	C. Fuq l-ammissibbiltà	6
	D. Fuq il-mertu	8
	1. Fuq l-ewwel motiv ta' illegalità, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 68 sa 73 tar-Regolament REACH	9
	2. Fuq it-tieni motiv ta' illegalità, ibbażat fuq ksur suffiċjentement serju tal-punti 12 u 14 sa 16 tal-Ftehim Interistituzzjonali	13
	3. Fuq it-tielet motiv ta' illegalità, ibbażat fuq ksur suffiċjentement serju tal-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE u fl-Artikolu 191 TFUE, kif ukoll fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni	15
	a) Fuq l-ewwel parti, sa fejn hija bbażata fuq ksur suffiċjentement serju tal-Artikolu 191 TFUE	17
	1) Fuq l-affermazzjoni li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma huwiex bijodegradabbli sew	18
	2) Fuq l-affermazzjoni li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma huwiex kompostabbli	31
	3) Fuq l-affermazzjoni li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti għandu impatt negattiv fuq ir-riċiklaġġ tal-plastik konvenzjonali	33
	4) Fuq l-affermazzjoni li l-plastik li fih addittiv pro-ossidanti ma jagħtix vantaġġ ambjentali pprovat	36
	5) Fuq il-lista annessa mar-replika, li tinkludi d-dokumenti kollha li t-tliet istituzzjonijiet ikkonċernati allegatament naqsu milli jieħdu inkunsiderazzjoni	37
	b) Fuq il-ksur suffiċjentement serju tal-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità, stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE	39
	1) Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li, sa fejn tapplika għall-plastik ossobijodegradabbli, il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904 ma hijiex xierqa sabiex jintlaħaq l-għan tal-imsemmija direttiva, u fuq l-ewwel parti, sa fejn hija bbażata fuq l-istess argument	40

2) Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li, sa fejn tapplika għall-plastik ossobijodegradabbli, il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2019/904 teċċedi l-limiti ta' dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex mill-imsemmija direttiva	40
4. Fuq ir-raba' motiv ta' illegalità, ibbażat fuq ksur suffiċjentement serju tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament	43
5. Fuq il-ħames motiv ta' illegalità, ibbażat fuq ksur suffiċjentement serju tal-Artikoli 16 u 17 u tal-Artikolu 41(1) tal-Karta u tal-Artikolu 49 TUFUE	47
a) Fuq l-ewwel parti tal-ħames motiv, ibbażata fuq ksur suffiċjentement serju tal-Artikoli 16 u 17 tal-Karta u tal-Artikolu 49 TFUE	48
b) Fuq it-tieni parti tal-ħames motiv, ibbażata fuq ksur suffiċjentement serju tad-dritt għal amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta	50
IV. Fuq l-ispejjeż	51